

Brussell, 2 ta' Frar 2018
(OR. en)

5846/18

**Fajl Interistituzzjonali:
2017/0332 (COD)**

**ENV 59
SAN 50
CONSOM 24
CODEC 134**

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	1 ta' Frar 2018
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2017) 753 final
Suġġett:	Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (riformulazzjoni)

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2017) 753 final.

Mehmuż: COM(2017) 753 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 1.2.2018
COM(2017) 753 final

2017/0332 (COD)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (riformulazzjoni)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

{SWD(2017) 448 final} - {SWD(2017) 449 final} - {SWD(2017) 451 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

Ħafna min-nies li jgħixu fl-UE jgawdu minn livell tajjeb ħafna ta' aċċess għal ilma tax-xorb ta' kwalità għolja, speċjalment meta mqabbel ma' xi reġjuni oħra fid-dinja. Dan huwa r-riżultat ta' tradizzjoni twila ta' ġestjoni tal-ilma tax-xorb f'ħafna Stati Membri Ewropej, iżda fil-biċċa l-kbira seħħ ukoll bis-saħħa tal-leġiżlazzjoni ambjentali Ewropea u l-finanzjament tal-UE¹. Sa mis-snin tmenin, l-UE applikat regoli li jeżiġu kontrolli stretti b'rabta mas-sikurezza tal-ilma. Dan ifisser li l-ilma urban mormi jinġabar u jiġi ttrattat, l-emissjonijiet industrijali jiġu ġestiti b'mod sikur, l-użu ta' sustanzi kimiċi huwa approvat skont kundizzjonijiet stretti u li jittieħed approċċ olistiku fil-ġestjoni tal-korpi ilma fil-pajjiżi kollha tal-UE. Filwaqt li f'ċerti każijiet investimenti inizjali għolja jew prijoritajiet li jikkompetu ma' xulxin wasslu biex dawn ir-regoli ma setgħux jiġu applikati fil-prattika fi żmien skadenzi miftiehma, il-ġestjoni tal-ilma kompliet titjeb, u issa l-Kummissjoni u l-Istati Membri qed jaħdmu b'mod konġunt biex jimplementaw ir-regoli b'mod sħiħ mill-aktar fis possibbli².

Hemm bżonn li jiġi identifikat test leġiżlattiv wieħed biss, jiġifieri d-Direttiva tal-Kunsill 98/83/KE dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem³, peress li huwa mfassal b'mod speċifiku biex jipproteġi lin-nies mill-effetti ħżiena tal-konsum ta' ilma tax-xorb ikkontaminat billi jiżgura li dan ikun bnin u nadif. B'mod ġenerali, id-Direttiva ġiet implimentata b'mod relattivament tajjeb mill-Istati Membri, iżda l-approċċ tagħha ta' monitoraġġ tal-kwalità fil-punt tal-konsum jagħmel użu minn parametri li ġew stabbiliti aktar minn 20 sena ilu. Din is-sitwazzjoni titlob li jsir eżami dwar jekk id-Direttiva tindirizzax il-pressjonijiet eżistenti u dawk emerġenti b'mod effettiv u jekk tiżgurax li n-nies li jgħixu fil-pajjiżi tal-Unjoni u li jżuruhom jistgħux ikomplu jgawdu minn ilma tax-xorb ta' kwalità għolja għal għexieren ta' snin oħra.

Jidher b'mod ċar li l-ilma tax-xorb jingħata importanza kbira ħafna minn bosta ċittadini Ewropej. L-ilma tax-xorb kien is-suġġett ewlieni fl-ewwel inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej "Right2Water"⁴, li b'rabta magħha nġabru aktar minn 1,8 miljun firma u li għaliha l-Kummissjoni wiegħbet b'mod pożittiv. L-inizjattiva ġiet ippreżentata lill-Kummissjoni f'Diċembru 2013, u ħeġġet b'mod partikolari li "*l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri jkunu obbligati jiżguraw li l-abitanti kollha jgawdu mid-dritt għall-ilma u s-sanità*" u li "*l-UE żżid l-isforzi tagħha biex tikseb aċċess universali għall-ilma u s-sanità*". Fit-tweġiba tagħha⁵,

¹ Diversi Stati Membri ssodisfaw il-ħtiġijiet bażiċi tagħhom f'termini ta' servizzi tal-ilma bl-għajna tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni. Fil-perjodu 2014-2020, il-politika ta' koeżjoni tal-UE se tinvesti EUR 14.8 biljun fis-settur tal-ilma. Fost riziultati mistennija oħra, aktar minn 12-il miljun persuna se jiġu pprovduti bi provvista mtejbja tal-ilma.

² Kif muri fl-aħħar ċiklu tar-Rieżami tal-Implimentazzjoni Ambjentali, disponibbli fuq: http://ec.europa.eu/environment/eir/index_mt.htm.

³ Id-Direttiva tal-Kunsill 98/83/KE tat-3 ta' Novembru 1998 dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 330, 5.12.1998, p. 32).

⁴ L-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej Right2Water: <http://www.right2water.eu/>.

⁵ COM(2014)177 final.

il-Kummissjoni stiednet lill-Istati Membri biex jagħmlu dak kollu li jistgħu biex jiżguraw li kulħadd ikollu aċċess għal provvista minima tal-ilma. Dan huwa konformi b'mod sħiħ mal-Aġenda 2030, b'mod partikolari mal-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli 6 u mal-għan korrispondenti li *“jinkiseb aċċess universali u ġust għal ilma tax-xorb sikur u affordabbli għal kulħadd”*, li ġew adottati fl-2015⁶. Il-Kummissjoni impenjat ruħha wkoll li twettaq reviżjoni tad-Direttiva, li bħala riżultat ġiet inkluża fil-Programm tal-Kummissjoni dwar l-Idoneità u l-Prestazzjoni tar-Regolamentazzjoni (REFIT)⁷. B'hekk, il-proposta tagħti segwitu b'mod dirett għall-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej *“Right2Water”*.

Ir-reviżjoni hija wkoll parti mill-pjan għal tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari⁸. Il-proposta riveduta se tgħin lill-Istati Membri jiġġestixxu l-ilma tax-xorb b'mod li jkun effiċjenti fir-riżorsi u sostenibbli, u b'hekk tgħin biex jitnaqqsu l-użu tal-enerġija u t-telf tal-ilma bla bżonn. Billi ttejjeb il-fiduċja tan-nies fl-ilma tal-vit, se tgħin ukoll biex jitnaqqas l-għadd ta' fliexken tal-plastik li nużaw.

Il-Kummissjoni tat bidu lil dan il-proċess billi l-ewwel wettqet evalwazzjoni tad-Direttiva, f'konformità mal-prinċipji ta' Regolamentazzjoni Aħjar⁹. Ir-riżultati tal-evalwazzjoni ġew ippubblikati fl-1 ta' Diċembru 2016¹⁰ u għenu sabiex jiġu identifikati l-punti b'saħħithom u l-punti dgħajfa tad-Direttiva. Dawn ikkonfermaw li d-Direttiva hija l-għodda rilevanti biex tiġi żgurata l-kwalità għolja tal-ilma kkonsumat fl-UE, billi l-iskop bażiku tagħha hu li tinforza l-monitoraġġ tal-ilma tax-xorb u li tiżgura li l-Istati Membri jreġġgħu lura l-livelli meħtieġa tal-kwalità tal-ilma f'każ li jinqalgħu xi kwistjonijiet.

Madankollu, l-evalwazzjoni identifikat erba' oqsma fejn jista' jsir titjib:

- il-lista tal-parametri;
- l-użu tal-approċċ ibbażat fuq ir-riskju;
- trasparenza akbar b'rabta ma' kwistjonijiet relatati mal-ilma u l-għoti ta' aċċess għal informazzjoni aġġornata lill-konsumaturi; kif ukoll
- il-materjali li jiġu f'kuntatt mal-ilma tax-xorb.

Il-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja din il-proposta tat ħarsa wkoll lejn il-punt li tqajjem fl-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej u lejn il-konsultazzjonijiet dwar il-fatt li partijiet mill-popolazzjoni, bħalma huma gruppi vulnerabbli u marġinalizzati, b'mod partikolari r-Rom, m'għandhomx aċċess għall-ilma tax-xorb. Abbażi tar-riżultati tal-valutazzjoni tal-impatt, din il-proposta leġiżlattiva tagħti tweġibiet proporzjonati għal dawn il-kwistjonijiet.

⁶ Ir-Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU tal-25 ta' Settembru 2015 *“Nittrasformaw id-dinja tagħna: l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli”*.

⁷ Il-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2015 (COM(2014) 910 final).

⁸ COM(2015) 614 final.

⁹ https://ec.europa.eu/info/better-regulation-guidelines-and-toolbox_mt

¹⁰ Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar l-Evalwazzjoni REFIT tad-Direttiva 98/83/KE dwar l-Ilma tax-Xorb SWD(2016) 428 final.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Il-proposta hija riformulazzjoni tad-Direttiva 98/83/KE, li ġiet emendata fl-2003, fl-2009 u fl-2015. Fl-interess taċ-ċarezza, jitqies li jkun xieraq li ssir riformulazzjoni. Dan huwa skont l-impenn li sar fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar Tfassil Aħjar tal-Liġijiet¹¹ fir-rigward tal-użu aktar ta' spiss tat-teknika leġiżlattiva tar-riformulazzjoni meta tiġi modifikata l-leġiżlazzjoni eżistenti.

B'mod ġenerali, il-proposta hija konsistenti mal-għan tal-leġiżlazzjoni stabbilita tal-UE fil-qasam tal-ilma, b'mod speċjali d-Direttiva Qafas dwar l-Ilma¹², id-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina¹³, id-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi¹⁴ u d-Direttiva dwar in-Nitrati¹⁵. B'mod partikolari, il-proposta tikkumplimenta l-Artikoli 6, 7 u 8 tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma li jirrigwardaw il-ħtiġijiet li jiġu identifikati u mmonitorjati l-korpi tal-ilma użati għall-astrazzjoni tal-ilma tax-xorb, u li jiġu deżinjati żoni protetti li jkopru daww il-korpi tal-ilma. Barra minn hekk, tikkumplimenta wkoll l-Artikolu 11 tal-istess Direttiva, li jeħtieġ li l-Istati Membri jstabilixxu programmi ta' miżuri, inklużi miżuri mmirati lejn il-protezzjoni ta' żoni fejn jittella' l-ilma tax-xorb.

Skont ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, l-ilma, wara l-punt ta' konformità, huwa meqjus bħala "ikel"¹⁶. Għalhekk qed jiġi propost li d-dispożizzjonijiet relatati ma' "ilma imqiegħed fi fliexken jew reċipjenti maħsuba għall-bejgħ" jitneħħew mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 98/83/KE, peress li wara l-punt ta' konformità kull ilma tax-xorb fi fliexken jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 178/2002.

Fir-rigward ta' kategoriji speċifiċi ta' ilma mqiegħed fi fliexken, l-ilma minerali naturali huwa eżentat mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva b'konformità mad-Direttiva 2009/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁷. Madankollu, skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 9(4) tad-Direttiva 2009/54/KE, ilma tan-nixxieġha għandu jikkonforma mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva. Għalhekk, ilma tan-nixxieġha għandu jibqa' kopert mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

¹¹ Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet, (ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1).

¹² Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1).

¹³ Id-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabilixxi Qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-Politika tal-Ambjent Marin (Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina) (ĠU L 164, 25.6.2008, p. 56).

¹⁴ Id-Direttiva tal-Kunsill 91/271/KEE tal-21 ta' Mejju 1991 dwar it-trattament tal-ilma urban mormi (ĠU L 135, 30.5.1991, p. 40).

¹⁵ Id-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE tat-12 ta' Diċembru 1991 dwar il-protezzjoni tal-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli (ĠU L 375, 31.12.1991, p. 1).

¹⁶ Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jstabilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jstabilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jstabilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1).

¹⁷ Id-Direttiva 2009/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar l-isfruttament u t-tqegħid fis-suq ta' ilmijiet minerali naturali (Tfassil mill-ġdid) (ĠU L 164, 26.6.2009, p. 45).

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Ir-reviżjoni tad-Direttiva 98/83/KE ġiet inkluża fil-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2017, bħala inizjattiva ġdida¹⁸ li se tgħin fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Ekonomija Ċirkolari. Il-proposta fiha elementi li jappoġġaw il-ġestjoni sostenibbli tal-ilma tax-xorb b'mod effiċjenti fir-riżorsi u li se jgħinu biex jitnaqqas il-konsum tal-ilma fi fliexken. Dan huwa konsistenti mal-isforzi tal-UE biex jitnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra u l-iskart fil-baħar¹⁹, u mal-Istrateġija Ewropea għall-Plastik²⁰.

Il-proposta tikkontribwixxi wkoll lejn l-isforz favur it-tnaqqis tal-piż amministrattiv u lejn it-tfassil ta' politiki li huma effettivi u effiċjenti kemm jista' jkun, b'konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Regolamentazzjoni Aħjar²¹. L-aġġornament tal-istandards u t-teħid ta' approċċ aktar olistiku b'rabta mal-ġestjoni tar-riskju għandhom jgħinu wkoll biex tinżamm il-kompetittività tal-UE fis-settur tal-ilma u biex tiġi stimolata l-innovazzjoni. Il-proposta għandha wkoll l-għan li tissimplifika l-proċessi tal-monitoraġġ u tar-rappurtar, b'enfasi fuq l-awtomatizzazzjoni, rapporti inqas frekwenti u dejta aktar rilevanti. Dan huwa konformi mal-approċċ tal-UE dwar Regolamentazzjoni Aħjar u mal-Kontroll tal-Idoneità dwar ir-Rappurtar u l-Monitoraġġ²². Id-dispożizzjonijiet sabiex jittejjeb l-aċċess taċ-ċittadini għall-informazzjoni dwar l-ilma tax-xorb tagħhom huma marbuta wkoll mal-Istrateġija tal-Kummissjoni dwar is-Suq Digitali²³.

Il-proposta se tgħin ukoll biex jintlaħaq l-għan prijoritarju 3 tas-Seba' Programm ta' Azzjoni Ambjentali sal-2020: "Li jitħarsu ċ-ċittadini tal-Unjoni minn pressjonijiet relatati mal-ambjent u r-riskji għas-saħħa u l-benesseri"²⁴. Din taqbel ukoll mal-għan prijoritarju 4, li jeħtieġ li l-pubbliku jkollu aċċess għal tagħrif ambjentali ċar f'livell nazzjonali. Għal dan l-għan, il-proposta tagħmel kontroreferenzi mar-rekwiżiti tad-Direttiva 2003/4/KE²⁵ u tad-Direttiva INSPIRE, filwaqt li tiggarrantixxi wkoll konsistenza magħhom²⁶.

¹⁸ Il-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2017 (COM(2016) 710 final).

¹⁹ Our Oceans, Seas and Coasts (L-Oċeani, l-Ibħra u l-Kosti tagħna): http://ec.europa.eu/environment/marine/good-environmental-status/descriptor-10/index_en.htm.

²⁰ Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni COM(2018)28 final tas-16.1.2018 "Strateġija Ewropea għall-Plastik f'Ekonomija Ċirkolari".

²¹ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Ir-Regolamentazzjoni Aħjar: Inwasslu riżultati aħjar għal Unjoni iktar b'saħħitha, COM(2016)615 final.

²² Il-Kontroll tal-Idoneità dwar ir-Rappurtar u l-Monitoraġġ tal-leġislazzjoni ambjentali: http://ec.europa.eu/environment/legal/reporting/fc_overview_en.htm u COM(2017) 312 final: http://ec.europa.eu/environment/legal/reporting/pdf/action_plan_env_issues.pdf.

²³ L-Istrateġija għal Suq Diġitali: <https://ec.europa.eu/digital-single-market/en/policies/shaping-digital-single-market>.

²⁴ Id-Deċiżjoni Nru 1386/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2013 dwar Programm Ġenerali ta' Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni sal-2020 "Ngħixu tajjeb, fil-limiti tal-pjaneta tagħna" (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 171).

²⁵ Id-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/313/KEE (ĠU L 41, 14.2.2003, p. 26).

²⁶ Id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Infurmazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (Inspire) (ĠU L 108, 25.4.2007, p. 1).

It-tfassir tar-regoli dwar il-materjali li jiġu f'kuntatt mal-ilma tax-xorb (l-Artikolu 10 tad-Direttiva 98/83/KE) se jiżgura konsistenza akbar mal-leġiżlazzjoni dwar is-suq intern u, b'mod partikolari, mar-Regolament dwar il-Prodotti għall-Bini²⁷. Il-valutazzjoni tal-impatt ikkonkludiet li dan l-artikolu, li jimplika r-rikonossiment reċiproku bejn l-Istati Membri u jinvolvi inċertezza legali, jista' jkun ta' xkiel għas-suq intern. Qed jiġi propost li jiddaħħal artikolu ġdid dwar il-valutazzjoni tar-riskju tad-Distribuzzjoni Domestika li jieħu kontroll ta' wħud mill-obbligi li qabel kienu parti mill-Artikolu 10 tad-Direttiva 98/83/KE, u li b'mod parallel jinħareġ ukoll mandat ta' standardizzazzjoni skont ir-Regolament dwar il-Prodotti għall-Bini, bl-għan li jiġu stabbiliti rekwiżiti applikabbli għall-materjali u l-prodotti tal-bini li jiġu f'kuntatt mal-ilma tax-xorb. It-tneħħija ta' ostakoli tekniċi għall-prodotti tal-bini tista' tinkiseb biss billi jiġu stabbiliti speċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-prodotti għall-bini, u huwa proprju dan li joħloq il-ħtieġa li l-istandards armonizzati meħtieġa jiġu stabbiliti u ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* skont ir-Regolament (UE) Nru 305/2011.

L-aspetti tas-sigurtà huma ttrattati fil-politiki tal-Unjoni, b'mod partikolari fid-Direttiva (UE) 2016/1148 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni madwar l-Unjoni.²⁸ ("Id-Direttiva dwar iċ-Ċibersigurtà"). F'Ottubru 2017, il-Kummissjoni addottat, ukoll fuq il-livell tal-UE, Pjan ta' Azzjoni biex iżżid it-tħejjija, ir-reżiljenza u l-koordinazzjoni kontra attacchi li jinvolvu sustanzi kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi u nukleari (CBRN).

Fl-aħħar nett, il-proposta għandha wkoll twieġeb għall-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej billi teħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li gruppi vulnerabbli u marġinalizzati jkollhom aċċess għall-ilma. Dan se jgħin ukoll biex tiġi implimentata l-politika tal-UE dwar l-integrazzjoni tar-Rom fi ħdan il-Qafas tal-UE għal Strateġiji Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Rom²⁹ u r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar miżuri effettivi għall-integrazzjoni tar-Rom fl-Istati Membri³⁰.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

• Bażi ġuridika

Il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 192(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (dak li kien l-Artikolu 130s tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea). Id-Direttiva li qed tiġi riformulata għandha l-istess bażi ġuridika.

²⁷ Ir-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2011 li jistabbilixxi kondizzjonijiet armonizzati għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti għall-bini u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE (ĠU L 88, 4.4.2011, p. 5).

²⁸ Id-Direttiva (UE) 2016/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni madwar l-Unjoni. (ĠU L 194, 19.7.2016, p. 1).

²⁹ COM(2011) 173 final.

³⁰ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (2013/C 378/01) tad-9 ta' Diċembru 2013 dwar miżuri ta' integrazzjoni tar-Rom effettivi fl-Istati Membri, (ĠU C 378, 24.12.2013, p. 1).

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

L-UE għandha l-kompetenza kondiviża mal-Istati Membri li tirregola l-ambjent u s-saħħa fis-settur tal-ilma. Dan ifisser li l-UE tista' tilleġiżla biss sa fejn jippermettulha t-Trattati, filwaqt li għandha tosserva l-prinċipji tan-neċessità, tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità.

L-għanijiet tad-Direttiva, jiġifieri li s-saħħa tal-bniedem tiġi mħarsa mill-effetti ħżiena ta' kull tniġġis ta' ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, se jintlaħqu billi jiġu stabbiliti standards minimi tal-kwalità fil-livell tal-UE, kif ukoll billi jiġu stabbiliti rekwiżiti minimi għall-monitoraġġ, ir-rappurtar, l-aċċess għall-ilma, it-trasparenza u għal azzjoni ta' rimedju kull meta dawn l-istandards ma jiġux issodisfati. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu liema azzjoni konkreta (pereżempju liema tip ta' miżuri ta' rimedju, programmi proprji ta' monitoraġġ) jixtiequ jieħdu.

Oriġinarjament, ir-reviżjoni tad-Direttiva nġhatat bidu bħala riżultat tal-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej "Right2Water", li nġhatat appoġġ minn aktar minn 1,8 miljun firmatarju. Bħala rispons għall-inizjattiva³¹, u bħala reazzjoni għall-impenn tal-UE lejn l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU³², il-Parlament Ewropew kien talab azzjoni fil-livell tal-UE biex jiġi żgurat aċċess għal ilma tax-xorb. B'hekk, din il-proposta tistabbilixxi regoli ġenerali fil-livell tal-UE, fl-ambitu tas-setgħat tal-UE u fir-rispett sħiħ tas-sussidjarjetà, iżda tippermetti lill-Istati Membri marġni ta' diskrezzjoni biex jiddeċiedu kif jimplementaw l-obbligu li jtejbju l-aċċess għall-ilma tax-xorb sikur.

Fl-aħħar nett, l-evalwazzjoni REFIT ikkonfermat ukoll il-valur miżjud tal-leġiżlazzjoni dwar l-ilma tax-xorb fil-livell tal-UE, peress li maż-żmien din tista' tgħin b'mod siewi ħafna fl-armonizzazzjoni tal-kwalità tal-ilma fl-Ewropa kollha. Dan, pereżempju, intwera mill-Istati Membri, b'mod partikolari l-iżgħar fosthom, li mhux dejjem ikollhom ir-riżorsi u l-kompetenzi speċifiċi, u li jistennew li l-parametri mikrobijoloġiċi u kimiċi essenzjali għall-ilma tax-xorb, kif ukoll il-valuri relatati, jibqgħu jiġu stabbiliti mill-UE. Bosta partijiet ikkonċernati tennew ukoll li l-miżuri tal-UE huma l-aħjar mod biex jiġu indirizzati l-perikli emerġenti għas-saħħa mill-ilma.

L-iskala u l-effetti tal-azzjoni stipulata fid-Direttiva jfissru li l-għanijiet tagħha jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell tal-UE milli fil-livell nazzjonali.

- **Proporzjonalità**

Il-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja din il-proposta tipprovdi aktar dettalji dwar il-proporzjonalità u l-kosteffettività tal-għażliet f'din il-proposta leġiżlattiva. B'mod ġenerali, uriet li l-miżuri l-aktar xierqa u kosteffettivi li setgħu ttieħdu fil-livell tal-UE waqt ir-reviżjoni tad-Direttiva kienu:

³¹ Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Settembru 2015 dwar is-segwitu għall-Inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej "Right2Water".

³² L-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, il-Kummissjoni Ewropea (2017): https://ec.europa.eu/europeaid/policies/sustainable-development-goals_en.

- (a) ir-rieżami u l-aġġornament tal-lista tal-parametri fid-Direttiva b'konformità mal-aktar sejbiet xjentifiċi ġodda, filwaqt li jiġi introdott l-approċċ ibbażat fuq ir-riskju kemm għall-fornituri tal-ilma kbar kif ukoll għal dawk żgħar;
- (b) it-titjib tar-regoli dwar it-trasparenza u l-aċċess għal informazzjoni aġġornata għall-konsumaturi;
- (c) it-titjib u s-simplifikazzjoni tar-rappurtar;
- (d) it-tneħħija tal-ostakli li jipprevjenu l-kummerċ ħieles f'materjali li jiġu f'kuntatt mal-ilma tax-xorb;
- (e) it-titjib tal-aċċess għal ilma tax-xorb sikur.

- **Għażla tal-istrument**

Din il-proposta temenda d-Direttiva 98/83/KE b'mod sostanzjali u żżid għadd kbir ta' dispożizzjonijiet ġodda. Fl-interess taċ-ċarezza, huwa propost li jintuża l-metodu tar-riformulazzjoni. Peress li l-istrument li qed jiġi riformulat huwa Direttiva, għal raġunijiet ta' konsistenza ta' abbozzar ġuridiku u sabiex tiġi faċilitata t-traspożizzjoni tal-att mill-Istati Membri, din il-proposta hija wkoll proposta għal Direttiva.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet ex post/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Il-Kummissjoni evalwat il-prestazzjoni tad-Direttiva 98/83/KE fil-kuntest ta' ħames kriterji:

- l-effettività;
- l-effiċjenza;
- il-koerenza;
- ir-rilevanza; kif ukoll
- il-valur miżjud tal-UE.

L-evalwazzjoni twettqet b'mod parallel mal-istudju tal-valutazzjoni tal-impatt, u l-oqsma problematiċi identifikati fl-evalwazzjoni huma riflessi fid-definizzjonijiet tal-problemi u fl-għażliet ta' politika fil-valutazzjoni tal-impatt.

L-evalwazzjoni kkonkludiet li, billi tiżgura livell għoli ta' konformità mal-valuri parametriċi, id-Direttiva hija *effettiva* fil-kisba tal-objettivi tagħha u fl-isforzi tagħha biex tiproteġi s-saħħa tal-bniedem mill-effetti ħżiena tal-kontaminazzjoni. Madankollu, ir-rilevanza tar-rati ta' konformità mkejla kontra parametri parzjalment skaduti hija pjuttost limitata. L-evalwazzjoni stabbilixxiet ukoll li l-Artikolu 10 tad-Direttiva li jikkonċerna "materjali li jiġu f'kuntatt mal-ilma tax-xorb" iħalli wisq flessibbiltà lill-Istati Membri b'rabta mad-determinazzjoni ta' x'inhuma "miżuri meħtieġa". Dan irriżulta f'aktar testijiet u kontrolli waqt l-introduzzjoni fis-suq ta' prodott fi Stat Membru ieħor, li wassal biex id-dispożizzjoni ma tibqax effettiva.

Analiżi tal-*effiċjenza* stmat li l-ispiża totali għall-provvista tal-ilma tax-xorb fl-UE għall-2014 kienet ta' madwar EUR 46,5 biljun. EUR 8,3 biljun minn dan it-total jista' jiġi attribwit għall-

implementazzjoni tad-Direttiva. Għalkemm il-benefiċċji għas-saħħa li jirriżultaw mid-Direttiva ma jistgħux jiġu kkwantifikati³³, permezz tal-evalwazzjoni nstab li l-benefiċċji totali attribwibbli jaqbżu l-ispejjeż totali attribwibbli b'mod sinifikanti. L-evalwazzjoni ma identifikat l-ebda dispożizzjonijiet li jikkawżaw spejjeż amministrattivi eċċessivi b'rabta mal-monitoraġġ, mal-provvista ta' informazzjoni u mar-rappurtar. Kienet biss il-flessibilità mogħtija bl-Artikolu 10 tad-Direttiva 98/83/KE (kif spjegat hawn fuq) li nstabet li hija piż żejjed sinifikanti mhux meħtieġ għall-industrija.

Il-*koerenza* tad-Direttiva 98/83/KE mad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma għandha importanza speċjali, billi l-ħarsien tar-riżorsi tal-ilma tax-xorb huwa parti indispensabbli mill-pjanijiet u l-miżuri tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma. Id-Direttiva 98/83/KE ma tirreferix għall-ħarsien tar-riżorsi tal-ilma li jintużaw għall-astrazzjoni tal-ilma tax-xorb, prinċipalment minħabba li ppreċediet id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma. Din il-ħolqa nieqsa trid tiġi rimedjata, sabiex jiġi żgurat li kemm il-prinċipju ta' min iniġġes iħallas kif ukoll il-prinċipju ta' prekawzjoni japplikaw it-tnejn li huma. B'hekk, il-proposta se tgħin biex tittejjeb il-koerenza bejn iż-żewġ direttivi billi tintroduċi l-approċċ ibbażat fuq ir-riskju mill-astrazzjoni sal-vit, u billi ttejjeb l-iskambji u l-komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri u l-fornituri tal-ilma sabiex jiġi żgurat li jkun hemm ċiklu sħiħ ta' governanza għall-ilma.

Rigward ir-*rilevanza*, l-evalwazzjoni sabet li l-valuri parametriċi stabbiliti fid-Direttiva 98/83/KE m'għadhomx xierqa billi dawn ma jirriflettux il-progress xjentifiku, valutazzjonijiet tar-riskju ta' livell aqwa, l-imġiba tal-konsumaturi li nbidlet maż-żmien u l-pressjonijiet ambjentali ġodda.

Il-*valur miżjud* tal-UE tad-Direttiva 98/83/KE hu li tiżgura l-istess livell ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem mill-effetti ħżiena ta' kull tip ta' tniġġis fl-UE kollha. Għandu jingħad li fl-UE ġew osservati inqas inċidenti serji marbuta mal-ilma tax-xorb milli ġew osservati f'reġjuni oħra tad-dinja, iżda ma jistax jiġi ppruvat b'mod konkret li dan seħħ minħabba l-eżistenza tad-Direttiva 98/83/KE.

Għalhekk, l-oqsma ewlenin li fl-evalwazzjoni ġew identifikati bħala li jeħtieġu jittejjbu kienu:

- il-lista tal-parametri;
 - in-nuqqas ta' approċċ ibbażat fuq ir-riskju;
 - in-nuqqas ta' trasparenza u n-nuqqas ta' aċċess għal informazzjoni aġġornata għall-konsumaturi; kif ukoll
 - il-materjali li jiġu f'kuntatt mal-ilma tax-xorb.
- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Skont il-Linji Gwida dwar ir-Regolamentazzjoni Aħjar³⁴, seħħew diversi attivitajiet ta' konsultazzjoni.

³³ Fil-valutazzjoni tal-impatt instab li tista' ssir kwantifikazzjoni permezz ta' indikaturi.

³⁴ B'mod partikolari l-istrumenti 10 u 50 dwar il-konsultazzjoni pubblika fuq l-internet li damet 12-il ġimgħa u dwar l-approċċi u l-għodod komplimentari sabiex jiġu involuti l-partijiet ikkonċernati kollha u

- Konsultazzjoni pubblika miftuħa bbażata fuq kwestjonarju fuq l-internet

Wara l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej dwar id-dritt għall-ilma (Right2Water)³⁵, bejn Ġunju u Settembru 2014 il-Kummissjoni wettqet konsultazzjoni pubblika miftuħa dwar il-kwalità tal-ilma tax-xorb fil-lingwi kollha, li b'rabta magħha rċeviet 5 908 tweġiba u 138 opinjoni u dokument ta' pożizzjoni minn partijiet ikkonċernati ewlenin. Barra minn hekk, f'Settembru 2014 u f'Ottubru 2015 il-Kummissjoni organizzat laqgħat mal-partijiet ikkonċernati biex jiġu diskussi t-trasparenza u l-parametraġġ referenzjarju.

- Konsultazzjonijiet pubbliċi mmirati

Il-Kummissjoni organizzat tliet konferenzi pubbliċi mmirati għal konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati: f'Mejju 2015 għall-evalwazzjoni REFIT, f'Diċembru 2015 għall-valutazzjoni tal-impatt u f'Settembru 2016 b'rabta mar-rieżami tal-istandards tal-ilma tax-xorb. Dawn laħqu firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati, inklużi awtoritajiet nazzjonali u reġjonali, rappreżentanti tal-industrija, assoċjazzjonijiet tan-negozju u kumpaniji, u esperti. Waqt il-konferenzi nġabru diversi fehmiet, u waqthom il-Kummissjoni setgħet tiddiskuti direttament mal-partijiet ikkonċernati. Għall-konferenzi kollha nħarġu dokumenti ta' ħidma jew kwestjonarji speċifiċi, u l-preżentazzjonijiet u l-minuti kollha, inklużi l-listi tal-parteciċpanti, ġew ippubblikati³⁶.

- Il-mekkaniżmu ta' feedback dwar ir-REFIT

Wara l-pubblikazzjoni tal-“Valutazzjoni tal-Impatt Inizjali” fuq is-sit web tar-Regolamentazzjoni Aħjar fit-28 ta' Frar 2017, il-partijiet ikkonċernati ngħataw sat-28 ta' Marzu 2017 biex jipprovdu feedback dwar dak id-dokument.

- Konsultazzjonijiet ulterjuri

F'diversi okkażjonijiet oħra, il-Kummissjoni infurmat lill-partijiet ikkonċernati dwar ir-reviżjoni u stednithom sabiex jikkumentaw, kif għamlet pereżempju f'Jannar 2016 waqt il-Paramount Seminar dwar il-protezzjoni tal-ilma tax-xorb li għaliha attendew ħafna parteciċpanti, jew waqt diskussjonijiet f'diversi laqgħat ta' gruppi ta' esperti. Biex ġie żgurat li l-proċess kien trasparenti kemm jista' jkun, ġew ippubblikati d-dokumenti kollha li kienu rilevanti għar-reviżjoni, bħall-istudju ta' appoġġ għall-valutazzjoni tal-impatt³⁷.

Il-konsultazzjonijiet appoġġaw b'mod ċar l-aġġornament u r-reviżjoni tal-lista tal-parametri. Il-konsultazzjoni pubblika fil-biċċa l-kbira kienet favur il-lista li tinkludi sustanzi kimiċi li jfixklu s-sistema endokrinali u sustanzi li jintużaw fi prodotti għall-konsumaturi u fil-prodotti mediċinali, filwaqt li bosta esperti tekniċi ma kenux tal-istess fehma. Ħafna mill-partijiet ikkonċernati appoġġaw l-implimentazzjoni ta' approċċ ibbażat fuq ir-riskju fl-UE kollha.

sabiex jiġu identifikati lakuni potenzjali fit-tagħrif, li sar permezz ta' konsultazzjonijiet immirati sussegwenti mal-partijiet ikkonċernati.

³⁵ L-Inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej Right2Water: <http://www.right2water.eu/>.

³⁶ Il-laqgħa tat-23 ta' Settembru 2016: <https://circabc.europa.eu/w/browse/c8a02539-ab12-48b6-9367-38e40cafd6cb>; Il-laqgħa tas-26 ta' Mejju 2015: <https://circabc.europa.eu/w/browse/ca2f82a5-20ab-4106-9c44-7b67a911ac2f>; u l-laqgħa tat-8 ta' Diċembru 2015: <https://circabc.europa.eu/w/browse/3fccab4b-812d-46be-8efe-1f866cf556c5>.

³⁷ <https://circabc.europa.eu/w/browse/4fea449b-0b66-4f0f-b934-0177cae4d7e2>

Madankollu, riedu jiżguraw li l-Istati Membri jkollhom flessibbiltà suffiċjenti f'dan ir-rigward. Firxa ta' partijiet ikkonċernati indikaw b'mod kontinwu l-ħtieġa għal armonizzazzjoni fir-rigward ta' materjali u prodotti li jiġu f'kuntatt mal-ilma tax-xorb.

Messaġġ ċar li ħareġ mill-konsultazzjoni pubblika, speċjalment mingħand iċ-ċittadini, kien li hemm xewqa għal aktar informazzjoni aġġornata fuq l-internet dwar il-kwalità tal-ilma tax-xorb. Il-konsumaturi ma jħossuhomx ċerti wisq dwar il-kwalità tal-ilma tal-vit meta jsiefru lejn pajjiżi fl-UE, u għalkemm ir-rati tal-konformità huma għoljin, ġeneralment ma tantx ikollhom fiduċja li hu ta' kwalità tajba. Hemm diversi opinjonijiet dwar jekk id-Direttiva għandhiex tinkludi regoli dwar l-aċċess għall-ilma. Dawk li huma kontra l-inklużjoni ta' regoli dwar l-aċċess għall-ilma stqarru li l-aċċess għall-ilma ma jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva, u li għalhekk l-aċċess għall-ilma għandu jiġi indirizzat minn leġislazzjoni oħra tal-UE, jew permezz ta' metodi oħra.

• **Ġbir u użu tal-kompetenzi**

Il-proposta legali u l-valutazzjoni tal-impatt huma bbażati fuq ġabra mdaqqsata ta' materjal u studji, kif imsemmi fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal ta' Valutazzjoni tal-Impatt.

F'Diċembru 2015 tnedja proġett ta' kooperazzjoni mal-Uffiċċju Reġjonali tad-WHO għall-Ewropa biex tiġi appoġġata r-reviżjoni tal-Anness I tad-Direttiva 98/83/KE (il-lista tal-parametri li għandhom jiġu inklużi fid-Direttiva). Il-proġett tlesta fis-sajf tal-2017³⁸. Aktar dettalji dwar ir-rakkomandazzjonijiet ta' dan il-proġett u dwar kif dawn intużaw f'din il-proposta tal-Kummissjoni huma inklużi fit-Taqsima 5 "Elementi Oħra".

Saru diversi studji minn partijiet esterni li tqabbd u biex jivvalutaw ir-reviżjoni tad-Direttiva. Fost dawn l-istudji hemm:

- a Material Guidance for Users and Plumbers (Gwida dwar il-Materjali għall-Utenti u l-Plumbers)³⁹;
- the Study Report on Products and Materials in contact with Drinking Water (ir-rapport ta' Studju dwar Prodotti u Materjali li jiġu f'kuntatt mal-Ilma tax-Xorb)⁴⁰; kif ukoll
- l-Istudju ta' Valutazzjoni tal-Impatt⁴¹.

L-Istudju ta' Valutazzjoni tal-Impatt li sar minn partijiet esterni indipendenti uża wkoll għodda tal-immudellar biex jiġu evalwati l-għażliet ta' politika u l-pakketti ta' politika ppreferuti.

• **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-proposta hija bbażata fuq valutazzjoni tal-impatt, li fit-23 ta' Ġunju 2017 ingħatat opinjoni pożittiva b'rizervi⁴² mingħand il-Bord tal-Iskrutinju Regulatorju tal-Kummissjoni. Il-

³⁸ http://ec.europa.eu/environment/water/water-drink/review_en.html

³⁹ <http://publications.europa.eu/s/c6vG>.

⁴⁰ [https://circabc.europa.eu/d/a/workspace/SpacesStore/0b93e708-5e20-4c35-8fbd-8554a87e7cb5/09 %20-%201.1 %20Study%20Report%20-%20Products-Materials%20in%20contact%20with%20Drinking%20Water.pdf](https://circabc.europa.eu/d/a/workspace/SpacesStore/0b93e708-5e20-4c35-8fbd-8554a87e7cb5/09%20-%201.1%20Study%20Report%20-%20Products-Materials%20in%20contact%20with%20Drinking%20Water.pdf).

⁴¹ <http://publications.europa.eu/s/c6vH>.

kwistjonijiet li tqajmu mill-Bord tal-Iskrutinju Regulatorju ġew indirizzati fil-verżjoni riveduta tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal ta' Valutazzjoni tal-Impatt, li f'kapitolu speċifiku tiegħu jiddeskrivi l-bidliet li saru wara li nħarġet l-opinjoni tal-Bord tal-Iskrutinju Regulatorju. Abbażi tal-evalwazzjoni, tal-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati u tal-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej "Right2Water", ġew żviluppati għadd ta' għażliet ta' politika biex jiġu indirizzati b'mod individwali l-ħames oqsma problematiċi li ġew identifikati. Il-valutazzjoni tal-impatt eżaminat l-għażliet sabiex jiġi ddeterminat sa liema punt dawn jistgħu jgħinu fil-kisba tal-għan globali tad-Direttiva li tiġi mħarsa s-saħħa tal-konsumaturi, l-implikazzjonijiet finanzjarji tagħhom u l-impatti ambjentali tagħhom lejn l-2050. Is-sejbiet huma ppreżentati fl-Istudju tal-Valutazzjoni tal-Impatt u fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal ta' Valutazzjoni tal-Impatt.

Il-ħames għażliet ta' politika fihom:

- għażliet biex il-lista tal-parametri tad-Direttiva tiġi adattata għall-aktar standards ġodda permezz ta' estensjoni jew limitazzjoni tal-lista;
- l-adozzjoni tal-approċċ ibbażat fuq ir-riskju għall-fornituri tal-ilma kbar (kif ukoll għal daww żgħar);
- l-armonizzazzjoni tal-istandards tal-materjali li jiġu f'kontatt mal-ilma tax-xorb;
- it-titjib tal-aċċess tal-konsumaturi għal informazzjoni aġġornata u monitoraġġ aħjar tal-implimentazzjoni; kif ukoll
- għażliet biex jiġi pprovdut l-aċċess għall-ilma.

L-analiżijiet u l-klassifikazzjoni konsegwenti ta' għażliet wasslu għall-konklużjoni li kombinament tal-għażliet differenti huwa l-aħjar mod biex jiġu indirizzati l-oqsma problematiċi kollha identifikati fl-evalwazzjoni fuq medda twila ta' żmien. Kombinament ta' alternattivi jiżgura:

- ilma tax-xorb ta' kwalità għolja għal kulħadd fl-UE. L-aġġornament u t-titjib tal-lista tal-parametri abbażi tar-rakkomandazzjonijiet tad-WHO se tiproteġi wkoll lin-nies minn perikli emerġenti għas-saħħa tal-bniedem;
- approċċ iżjed modern ta' monitoraġġ, billi jintuża l-approċċ ibbażat fuq ir-riskju kemm għall-fornituri tal-ilma kbar kif ukoll għal daww żgħar;
- il-modernizzazzjoni u, għaldaqstant, is-simplifikazzjoni, tad-dispożizzjonijiet dwar ir-rappurtar;
- li l-konsumaturi jiġu pprovduti b'informazzjoni aġġornata u rilevanti;
- aċċess aħjar għall-ilma, u l-għoti ta' aċċess għall-ilma lil gruppi vulnerabbli u marġinalizzati.

L-għażliet ġew ikklassifikati, u ġew żviluppati tliet pakketti ta' politika. Mill-perspettiva tas-saħħa u dik ambjentali, tnejn minnhom (il-pakketti 2 u 3) kienu l-pakketti preferuti. Iż-żieda żgħira fl-ispejjeż għaż-żewġ pakketti hija leġittima, u l-benefiċċji għas-saħħa jikkumpensaw għaliha sew. Iż-żewġ pakketti ta' politika jipprovdu tweġibiet għal kull wieħed mill-erba'

⁴² http://ec.europa.eu/environment/water/water-drink/review_en.html

oqsma ta' titjib li ġew identifikati fl-evalwazzjoni. Barra minn hekk, il-pakkett ta' politika 3 jtejjeb b'mod sinifikanti s-sitwazzjoni ta'ċittadini tal-UE li mhumiex konnessi, billi jindirizza, permezz ta' għażla separata, il-kwistjoni tal-aċċess għall-ilma li ġiet identifikata fl-inizjattiva ta'ċittadini Ewropej "Right2Water" u fl-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli 6. Din l-għażla separata tkopri ġabra ta' miżuri mmirati lejn it-titjib tal-aċċess għall-ilma, iżda l-kostijiet addizzjonali tal-istabiliment relatati x'aktarx li huma sopravvalutati, billi, fin-nuqqas ta' dejta aktar preċiża, dawn huma bbażati fuq is-suppożizzjoni li nofs iċ-ċittadini li mhumiex konnessi jiġu pprovduti b'sistemi ta' trattament individwali.

Għalhekk ġie deċiż li din il-proposta leġislattiva għandha żżomm il-benefiċċji tal-pakkett ta' politika 3 billi tintroduċi obbligu ġenerali biex jittejjeb l-aċċess għall-ilma tax-xorb għal kulħadd u li jiġi żgurati li gruppi vulnerabbli u emarġinati jkollhom aċċess, filwaqt li jitħalla f'idejn l-Istati Membri biex jiddeċiedu kif l-aħjar li jittejjeb l-aċċess għall-ilma waqt li jitqiesu s-sitwazzjonijiet lokali speċifiċi. Huwa preżunt li l-implimentazzjoni ta' dawk il-miżuri speċifiċi tkun irħas b'mod sostanzjali milli kieku nofs iċ-ċittadini mhux konnessi jiġu pprovduti b'sistemi alternattivi (kif preżunt fil-pakkett ta' politika 3).

Dan huwa konformi mal-prinċipji tal-proporzjonalità u tas-sussidjarjetà, billi filwaqt li l-prinċipju ġenerali huwa stabbilit fil-livell tal-UE, l-Istati Membri jżommu marġni wiesa' ta' diskrezzjoni b'rabta mal-mod li bih jiġi żgurati aċċess aħjar għall-ilma.

Fil-prattika, dan ifisser li l-ispejjeż u l-impatti tal-proposta se jkun bejn EUR 5,9 biljun (il-pakkett ta' politika 2) u EUR 7,3 biljun (il-pakkett ta' politika 3). Dawn l-ispejjeż se jġarrbuhom prinċipalment l-operaturi tal-ilma. Il-konsumaturi se jħossu biss żieda marġinali ħafna fl-ispejjeż domestiċi tagħhom. Madankollu, dan il-fatt ma joħloqx ir-riskju li l-ilma tax-xorb isir tant għali li dak li jkun ma jkunx jista' jaffordjah, u ż-żieda fl-ispejjeż domestiċi tista' jiġi kkompensata billi n-nies jixorbu ilma tal-vit minflok ilma fi fliexken.

L-ispejjeż amministrattivi għall-awtoritajiet nazzjonali ġew ivvalutati bħala negliġibbli jew bħala li se jonqsu. Pereżempju, rekwiżiti ta' rappurtar simplifikati se jwasslu għal tnaqqis ta' EUR 0,35 miljun fl-ispejjeż operattivi annwali.

Iż-żewġ pakketti ta' politika għandhom impatt pożittiv fuq l-ambjent għaliex hemm il-preżunzjoni li hekk kif tiżdied il-fiduċja tal-konsumatur fl-ilma tal-vit, jonqos il-konsum tal-ilma fil-fliexken. Dan se jiġi stimulat aktar billi l-konsumaturi kollha jiġu pprovduti b'aċċess aħjar għal informazzjoni aġġornata. Barra minn hekk, li aktar fornituri tal-ilma kbar u żgħar jiġu meħtieġa jużaw l-approċċ ibbażat fuq ir-riskju se jwassal għal inqas bżonn ta' trattament tal-ilma, u b'hekk, għal iffirankar akbar tal-enerġija u għal inqas sustanzi kimiċi rilaxxati fl-ambjent. L-approċċ ibbażat fuq ir-riskju għandu jtejjeb ukoll kemm l-indirizzar tat-tniġġis fis-sors kif ukoll l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas.

Li l-Istati Membri jintalbu jtejjbu u jipprovdu ċertu livell ta' aċċess għall-ilma se jkun pass pożittiv lejn il-ksib tal-miri tal-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli 6. Din se jkollu wkoll l-effett sekondarju pożittiv li joħloq l-impjiegi.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

L-għażliet kollha li għew eżaminati fil-valutazzjoni tal-impatt jew għandhom impatt żgħir ħafna fuq il-piż amministrattiv jew effettivament inaqqsuh, prinċipalment minħabba li l-biċċa l-kbira tal-ispejjeż jiġġarrbu mill-operaturi tal-ilma u mhux mill-awtoritajiet nazzjonali. Sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv u biex jiġu ssimplifikati l-proċeduri, din il-proposta qiegħda tissejjes fuq il-valutazzjoni tal-impatt billi tnaqqas b'mod sostanzjali l-obbligi nazzjonali ta' rappurtar lill-Kummissjoni. Minflok teżiġi li jippreżentaw rapport, din tirrikjedi li l-Istati Membri jistabbilixxu settijiet ta' dejta bir-riżultati ta' monitoraġġ tagħhom biss meta jaqbżu l-parametri stabbiliti fid-Direttiva. L-Istati Membri se jkollhom ukoll jipprovdu informazzjoni addizzjonali bħal valutazzjonijiet tar-riskju. Dan huwa mistenni jwassal għal iffrankar ta' sa EUR 0,35 miljun kull sena.

Sabiex tiġi rrispettata l-proporzjonalità, il-fornituri tal-ilma ż-żgħar se jkollhom aktar żmien milli l-fornituri tal-ilma l-kbar u l-fornituri tal-ilma l-kbar ħafna biex jimplimentaw l-approċċ ibbażat fuq ir-riskju. Sabiex jiġi evitat li jitqiegħed piż fuq il-fornituri tal-ilma ż-żgħar, dawn se jkollhom jaġġornaw l-informazzjoni fuq l-internet fuq bażi inqas regolari milli l-fornituri l-kbar u dawk kbar ħafna.

Fl-aħħar nett, id-dispożizzjonijiet li qed jiġu proposti b'rabta mal-informazzjoni għall-konsumatur u t-trasparenza jiżguraw li l-proposta hija lesta biex tittella' fuq l-internet, billi jeħtieġu li l-fornituri tal-ilma jagħmlu użu estensiv mill-mezzi diġitali biex jinfurmaw lill-konsumaturi dwar il-kwalità tal-ilma tax-xorb u dwar il-perikli li dan jista' jinvolvi.

- **Drittijiet fundamentali**

Kif imsemmi fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Inizjattiva Ewropea taċ-Ċittadini "*L-Ilma u s-sanità huma dritt tal-bniedem! L-ilma huwa ġid pubbliku, mhux komodità!*"⁴³, l-aċċess għal ilma tax-xorb sikur u għas-sanità huwa marbut b'mod intrinsiku mad-dritt għall-ħajja u d-dinjità tal-bniedem, kif rikonoxxut mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea⁴⁴, u mal-ħtieġa għal livell ta' għajxien xieraq. Il-Kummissjoni enfasizzat ukoll l-importanza tal-aċċess għal ilma tax-xorb sikur fil-kuntest tad-dimensjoni tad-drittijiet tal-bniedem, u tenniet l-impenn tagħha li tiżgura li dan jibqa' fil-qalba tal-politiki tagħha.

Matul l-aħħar għaxar snin, id-dritt internazzjonali rrikonoxxa d-dritt għal ilma tax-xorb sikur u għas-sanità, bl-aktar mod prominenti fil-livell tan-Nazzjonijiet Uniti⁴⁵. Ir-Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU 64/292 tirrikonoxxi "*id-dritt għal ilma tax-xorb sigur u nadif u s-sanità bħala dritt tal-bniedem li huwa essenzjali għat-tgawdija sħiħa tal-ħajja tad-drittijiet kollha tal-bniedem*". Barra minn hekk, fid-dokument tal-eżitu finali tal-Konferenza tan-NU tal-2012 dwar l-Iżvilupp Sostenibbli (Rio + 20), il-Kapijiet ta' Stat u tal-Gvern u rappreżentanti ta' livell għoli affermaw mill-ġdid "*l-impenni tagħhom rigward id-dritt tal-bniedem għall-ilma tax-xorb sigur u s-sanità, biex jitwettaq progressivament għall-*

⁴³ COM(2014)177 final.

⁴⁴ ĠU C 326, 26.10.2012, p. 391.

⁴⁵ Ir-Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU Nru 64/292 tat-3.8.2010 u r-Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU 7/22 tat-28.3.2008 u 15/9 tas-6.10.10.

popolazzjonijiet [tagħhom] b'rispett sħiħ tas-sovranità nazzjonali"⁴⁶. Dawn l-impenji ġew affermati mill-ġdid fl-2015 meta l-kapijiet ta' Stat urew l-impenn tagħhom għall-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli 6, u għall-mira tiegħu li sal-2030 "*jinkiseb aċċess universali u ġust għal ilma tax-xorb sikur u affordabbli għal kulħadd*".

Fil-livell Ewropew, l-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa ddikjarat "*li l-aċċess għall-ilma jrid ikun rikonoxxut bħala dritt fundamentali tal-bniedem minħabba li huwa essenzjali għall-ħajja fuq id-dinja u huwa riżorsa li trid tinqasam bejn il-bnedmin*"⁴⁷. L-UE affermat mill-ġdid ukoll li "*l-Istati kollha għandhom obbligi ta' drittijiet tal-bniedem rigward l-aċċess għal ilma tajjeb għax-xorb, li għandu jkun disponibbli, fiżikament u finanzjarjament aċċessibbli, u aċċettabbli*"⁴⁸.

Il-Kummissjoni qieset dan kollu meta kienet qed tfassal ir-risposta tagħha għall-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej "Right2Water", u waqt it-tfassil ta' din il-proposta leġiżlattiva.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjonijiet baġitarji għall-Kummissjoni. Huwa mistenni li tista' tiġi implimentata bħala parti mill-allokkazzjonijiet eżistenti għall-Kummissjoni u l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, u li ma huma meħtieġa l-ebda riżorsi addizzjonali.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-
evalwazzjoni u r-rappurtar**

Fornituri kbar tal-ilma se jkunu mistennija jimplimentaw l-approċċ ibbażat fuq ir-riskju fi żmien 3 snin, filwaqt li fornituri żgħar se jingħataw 6 snin biex jagħmlu dan.

L-Annessi se jiġu rieżaminati b'mod regolari fid-dawl tal-progress xjentifiku u tekniku. Biex ikun hemm żewġ ċikli sħaħ ta' 6 snin ta' dejta, id-Direttiva se tiġi evalwata bis-sħiħ 12-il sena wara t-traspożizzjoni tagħha.

Biex jiġi żgurat li d-Direttiva tikseb l-għan tagħha li tħares is-saħħa tal-bniedem mill-effetti ħżiena ta' ilma tax-xorb ikkontaminat, u biex jittejjbu oqsma oħra li fihom instab li l-prestazzjoni tad-Direttiva hija xi ftit jew wisq dgħajfa, ġew suġġeriti għadd ta' indikaturi ta' suċċess differenti. Dawn se jintużaw għal evalwazzjonijiet futuri u se jiġu żviluppati f'kooperazzjoni mal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, filwaqt li jitqiesu s-sejbiet tal-Kontroll tal-Idoneità⁴⁹ rigward il-monitoraġġ u r-rappurtar ambjentali. L-indikaturi ta' suċċess huma:

⁴⁶ <http://www.un.org/en/sustainablefuture/>.

⁴⁷ Ir-Riżoluzzjoni Nru 1693/2009 tal-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa.

⁴⁸ Dikjarazzjoni tar-Rappreżentant Għoli, Catherine Ashton, f'isem l-UE biex tfakkar il-Jum Dinji tal-Ilma (Dok. 7810/10), it-22 ta' Marzu 2010.

⁴⁹ il-Kontroll tal-Idoneità dwar ir-Rappurtar u l-Monitoraġġ tal-leġiżlazzjoni ambjentali: http://ec.europa.eu/environment/legal/reporting/fc_overview_en.htm u COM(2017) 312 final: http://ec.europa.eu/environment/legal/reporting/pdf/action_plan_env_issues.pdf.

- in-numru ta' "inċidenti" (jiġifieri każijiet ta' periklu potenzjali għas-saħħa tal-bniedem) u każijiet fejn il-valuri ta' limitu nqabżu fl-UE. Fis-sistema l-ġdida ta' rappurtar, l-Istati Membri se jiġu mitluba jirrapurtaw b'mod aktar effettiv dwar dawn l-inċidenti u dwar is-soluzzjonijiet li jiġu pprovduti;
- l-għadd ta' persuni fl-UE b'aċċess għall-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem;
- l-impatti fuq is-saħħa fuq medda twila ta' żmien minħabba l-kwalità tal-ilma tax-xorb — dan jeħtieġ li jsiru studji epidemjoloġiċi addizzjonali flimkien ma' organizzazzjoni speċjalizzata, bħal pereżempju d-WHO;
- ir-rekwiżiti l-ġodda dwar it-trasparenza u l-informazzjoni minima li trid tkun disponibbli fuq l-internet, dwar pereżempju r-rati ta' tnixxija fin-netwerks. Dan se jippermetti li ssir analiżi sistematika tal-livelli ta' implimentazzjoni u tal-kisbiet.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Meta jitqiesu l-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta u l-fatt li din hija riformulazzjoni ta' Direttiva eżistenti (id-Direttiva 98/83/KE) li l-Istati Membri kollha ttrasponew b'mod sħiħ, la huwa ġġustifikat u lanqas proporzjonat li jkun hemm hteġa għal dokumenti ta' spjegazzjoni dwar it-traspożizzjoni.

- **Spjegazzjoni dettaljata dwar kif tqiesu r-rakkomandazzjonijiet tad-WHO dwar il-parametri u l-valuri parametriċi għall-proposta**

Il-valuri parametriċi eżistenti stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva 98/83/KE huma bbażati b'mod ġenerali fuq il-Linji Gwida tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa għall-ilma tax-xorb. Dawn il-Linji Gwida jiġu aġġornati b'mod regolari u ġew emendati l-aħħar fil-bidu tal-2017 bl-ewwel addendum għar-raba' edizzjoni⁵⁰.

Diġà kien hemm xi differenzi bejn il-Linji Gwida tad-WHO u d-Direttiva 98/83/KE b'rabta mal-iffissar tal-parametri u tal-livelli tagħhom meta d-Direttiva ġiet adottata fl-1998. Pereżempju:

- il-linji Gwida tad-WHO ma jinkludux standards għall-grupp tal-pestiċidi, filwaqt li d-Direttiva tinkludi l-pestiċidi kollha kif ukoll il-prodotti ta' degradazzjoni tagħhom;
- Il-valuri tal-linji gwida tad-WHO huma assoċjati ma' riskju ta' kanċer tul il-ħajja ta' 10^{-5} , filwaqt li l-UE għamlet għażla ta' politika għal approċċ aktar prekawzjonarju billi stabbiliet bħala aċċettabbli valur ta' riskju ta' 10^{-6} .

F'Diċembru 2015, il-Kummissjoni u l-Uffiċċju Reġjonali tad-WHO għall-Ewropa ikkonkludew il-"Proġett ta' Kooperazzjoni rigward il-Parametri għall-Ilma tax-Xorb", li r-rapport finali tiegħu ġie ppubblikat fl-2018⁵¹ (minn hawn 'il quddiem "ir-rapport tad-WHO"). L-għan tal-proġett kien li jiġu pprovduti pariri li huma rilevanti għall-politika u li huma wkoll bbażati fuq ix-xjenza, biex ir-reviżjoni tal-Anness I tad-Direttiva tkun tista' ssir b'mod infurmat.

⁵⁰ Ir-raba' edizzjoni tal-Linji Gwida ġiet ippubblikata fl-2011, filwaqt li l-ewwel addendum għal din ir-raba' edizzjoni ġie ppubblikat fil-bidu tal-2017.

⁵¹ http://ec.europa.eu/environment/water/water-drink/review_en.html

Hemm livell għoli ta' kunsens bejn il-proposta u r-rakkomandazzjonijiet tad-WHO li jinsabu fir-rapport tad-WHO. B'mod partikolari, ir-rakkomandazzjonijiet jikkonfermaw il-ħtieġa għal regolamentazzjoni ta' lista ta' parametri magħżula, mill-mijiet ta' parametri li għalihom jeżistu valuri tal-linji gwida tad-WHO. Il-Kummissjoni ħadet f'idejha l-biċċa l-kbira tal-parametri u tal-valuri parametriċi rakkomandati f'din il-lista, iżda ssuġġeriet approċċ differenti b'rabta ma' għadd żgħir ta' parametri. Din it-taqsimha ttiprovdi r-raġunament dwar kif, f'għadd żgħir ta' każijiet, il-proposta tal-Kummissjoni ma ssegwix ir-rakkomandazzjonijiet tad-WHO.

1. Parametri li d-WHO irrakkomandat li jitneħħew mill-Anness I

Minħabba l-okkorrenza baxxa tagħhom fl-ilma tax-xorb, normalment bħala riżultat ta' inċidenti ta' tniġġis, ir-rapport tad-WHO irrakkomanda li mid-Direttiva jitneħħew ħames parametri:

- **benżen,**
- **ċjanur,**
- **1,2-dikloroetan,**
- **merkurju, u**
- **idrokarburi aromatiċi poliċikliċi (PAHs).**

Id-WHO iġġustifikat it-tneħħija ta' dawn il-parametri billi spjegat li xorta waħda jistgħu jiġu mmonitorjati mill-Istati Membri meta meħtieġ fuq il-bażi tal-valuri tal-linji gwida tad-WHO. Il-partijiet ikkonċernati, u b'mod partikolari l-awtoritajiet tal-Istati Membri, opponew it-tneħħija tagħhom b'mod qawwi, kemm għal raġunijiet ta' saħħa kif ukoll minħabba l-ħtieġa li jkun hemm valuri vinkolanti stabbiliti fil-livell tal-UE. **Għalhekk, ġie deċiż li dawn jinżammu fl-Anness I.** Madankollu, l-approċċ ibbażat fuq ir-riskju stipulat fid-Direttiva jippermetti lill-fornituri tal-ilma jneħħu, taħt ċerti kundizzjonijiet, parametru mil-lista tas-sustanzi li għandhom jiġu mmonitorjati; għaldaqstant, il-fornituri tal-ilma għandhom id-dritt li ma jimmonitorjawx daww il-parametri jekk ikunu irrilevanti f'żona speċifika ta' provvista. Fl-aħħar iżda mhux l-inqas, l-impjanti ta' trattament meħtieġa biex jintlaħqu dawn il-valuri ta' limitu diġà nbnaw.

2. Valuri parametriċi li għandhom ikunu ogħla skont rakkomandazzjoni tad-WHO

Ir-rapport tad-WHO irrakkomanda li jsiru aġġornamenti tal-valur **għall-antimonju (minn 5 µg/l sa 20 µg/l), għall-boron (minn 1 mg/l sa 2.4 mg/l) u għas-selenju (minn 10 sa 40 µg/l)** abbażi tal-aktar valuri gwida riċenti tagħhom disponibbli kif ippubblikati fl-ewwel addendum tar-raba' edizzjoni tal-Linji Gwida tad-WHO. Madankollu, peress li l-valuri attwali ilhom fis-seħħ għal deċennji, huwa preżunt li mhux se jkun hemm spejjeż żejda, billi t-tekniki tat-trattament biex jintlaħqu dawn il-valuri ta' limitu diġà huma fis-seħħ. Fi kwalunkwe każ, l-approċċ ibbażat fuq ir-riskju jippermetti lill-fornituri tal-ilma jneħħu, taħt ċerti kundizzjonijiet, parametru mil-lista tas-sustanzi li għandhom jiġu mmonitorjati. **Għalhekk, valuri oriġinali u aktar stretti nżammu fl-Anness I tad-Direttiva.**

Rigward il-**boron**, b'mod aktar speċifiku, ingħataw derogi nazzjonali f'regġuni fejn hemm preżenza għolja ta' blat li fih konċentrazzjonijiet aktar għoljin ta' boron. Il-Parlament Ewropew ukoll baġat diversi talbiet biex il-valur għall-boron jiġi rivedut (E-9146/2016, P-0848/2016, E-10 109/2014). Għalkemm ma hemm l-ebda opinjoni uffiċjali reċenti, fil-passat l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel irrakkomandat⁵² li, sabiex jiġu protetti l-gruppi ta' età kollha, l-ilma minerali naturali ma għandux ikun fih aktar minn 1,5 mg ta' boron.

3. Parametri ġodda li d-WHO tirrakkomanda li jiġu inklużi

3.1 Il-klorat u l-klorit

Id-WHO irrakkomandat li l-**klorat (ClO₃)** u l-**klorit (ClO₂)** jiġu inklużi bħala parametri ġodda, u li jiġi stabbilit limitu ta' 0,7 mg/l għat-tnejn li huma. It-tnejn huma prinċipalment prodotti sekondarji tad-dizinfekzjoni bl-użu tal-ipoklorit. Id-WHO irrikonoxxiet li dan il-valur jista' jkun għoli wisq, u rrimarkat li jekk huwa fattibbli li jiġu ssodisfati valuri aktar baxxi, ikun xieraq li jkun hemm valuri aktar baxxi. Waħda mill-kawżi tal-problema ġiet identifikata, u tikkonsisti mill-fatt li l-klorat huwa ġġenerat f'soluzzjonijiet ta' ipoklorit la ma jkunux għadhom kemm saru u li jkunu nħażnu għal perjodi twal, b'mod partikolari f'temperaturi sħan.

Opinjoni speċifika tal-Aġenzija Ewropea għas-Sikurezza tal-Ikel tal-2015⁵³ sabet li konċentrazzjonijiet ta' klorat ta' 0,7 mg/kg fl-ilma tax-xorb (il-valur propost mid-WHO) jistgħu jwasslu għal esponiment eċċessiv għall-klorat fit-trabi u t-tfal żgħar. L-Aġenzija sabet ukoll li l-klorat jista' jinibixxi l-assorbiment tal-jodju, għalkemm hemm bżonn ta' aktar dejta dwar is-saħħa tal-bniedem b'rabta mal-inibizzjoni tal-assorbiment tal-jodju ikkawżata mill-klorat. L-EFSA rreferiet ukoll għall-opinjoni tal-Kumitat Espert Konġunt tal-FAO/WHO dwar l-Addittivi tal-Ikel (JECFA) li evalwat il-klorat u dderivat valur ibbażat fuq is-saħħa ta' 0,01 mg/kg tal-piż tal-ġisem bħala l-valur tossikoloġiku ta' referenza kroniku għall-valutazzjoni tar-riskju kroniku, li għall-ilma tax-xorb jagħti valur ta' 0,24 mg/l.

Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li huwa ġustifikat li **l-valuri għall-klorat u għall-klorit jiġu stabbiliti fil-livell aktar strett ta' 0,25 mg/l, li huwa madwar 3 darbiet aktar baxx minn dak propost mid-WHO.**

3.2 Komposti perfluworurati

Ir-rapport tad-WHO irrakkomanda l-adozzjoni ta' valuri parametriċi għal żewġ sustanzi perfluworurati individwali: l-aċidu perfluworooktanesulfoniku (**PFOS**) **għandu jkollu valur ta' 0,4 µg/l, filwaqt li** l-aċidu perfluworoottanojku (**PFOA**) **għandu jkollu valur ta' 4 µg/l.**

Inizjalment, il-PFOS u l-PFOA kienu l-aktar komposti perfluworurati komuni. Dawn jinsabu fl-ilma ta' taħt l-art primarjament bħala konsegwenza ta' kontaminazzjoni tal-ħamrija minn

⁵² L-opinjoni tat-22 ta' Ġunju 2005 tal-Bord Xjentifiku dwar Kontaminanti fil-Katina tal-Ikel fuq talba tal-Kummissjoni relatata mal-limiti ta' konċentrazzjoni għall-boron u għall-fluworur fl-ilmijiet minerali naturali http://www.efsa.europa.eu/sites/default/files/scientific_output/files/main_documents/237.pdf

⁵³ <https://www.efsa.europa.eu/en/efsajournal/pub/4135>

fowms għat-tifi tan-nar, li jiddeġeneraw f' dawn is-sustanzi u f' sustanzi perfluworurati oħrajn. Madankollu, dawn jistgħu jirriżultaw ukoll minn tniġġis industrijali, u jiġu minn prodotti b' materjali li jbarru l-ilma jew li jbarru l-griż, bħal taġnijiet miksija bit-Teflon, karta reżistenti għall-griż, fran tal-pizza jew apparat għall-isports li minnu ma jgħaddix ilma u li jbarri l-ħmieġ.

Il-PFOS u l-PFOA huma sustanzi persistenti, bijoakkumulattivi u tossiċi. Il-PFOS oriġinarjament kien inkluż fil-lista ta' sustanzi ristretti fl-Anness XVII tar-Regolament REACH⁵⁴, iżda issa huwa rregolat bħala sustanza niġġiesa organika persistenti skont ir-Regolament (KE) Nru 850/2004⁵⁵. Il-PFOA, l-imluħa tiegħu u s-sustanzi relatati mal-PFOA ġew miżjuda mal-lista ta' sustanzi ristretti fl-Anness XVII tar-Regolament REACH fl-14 ta' Ġunju 2017⁵⁶, billi l-Kummissjoni qieset li l-manifattura, l-użu jew il-bejgħ tagħhom iwasslu għal riskju inaċċettabbli għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent.

L-aċidu perfluworoeżan-1-sulfoniku u l-imluħ tiegħu (PFHxS) ġew inklużi fil-lista ta' kandidati REACH ta' sustanzi ta' tħassib serju ħafna fis-7 ta' Lulju 2017 bħala "sustanza persistenti ħafna u bijokumulattivi ħafna" skont l-Artikolu 57(e) tar-Regolament REACH.

Madankollu, hemm firxa usa' ta' sustanzi b'katini ta' tulijiet differenti li jistgħu jinkludu l-aċidi karbossiliċi perfluworurati alkilati (inkluż il-PFOA), l-aċidi sulfoniċi perfluoroalkani (inkluż il-PFOS), l-aċidi sulfoniċi perfluoroalkan, il-fluworotelomeri alkoħoliċi u l-perfluoroalkani sulfonammidi. Il-PFOA u l-PFOS huma s-sustanzi l-aktar komuni, iżda billi dawn ġew sostitwiti b' sustanzi per- u polifluworurati alkilati (PFASs) spiss bi ktajjen iqsar, huwa probabbli li l-PFOA u l-PFOS ma għadhomx rappreżentattivi ta' dan il-grupp ta' sustanzi kimiċi persistenti antropoġeniċi⁵⁷.

Bħalissa m'hemm l-ebda approċċ leġiżlattiv li jirregola l-grupp kollu ta' dawn is-sustanzi, u ma hemm l-ebda lista konklużiva tas-sustanzi kollha disponibbli. L-Iżvezja għamlet riċerka intensiva dwar il-PFASs⁵⁸. L-Aġenzija Nazzjonali tal-Ikel Żvediża rrakkomandat limiti għall-ilma tax-xorb abbażi tal-preżenza ta' 11-il tip ta' PFAS (PFBS, PFHxS, PFOS, 6:2 FTSA, PFBA, PFPeA, PFHxA, PFHpA, PFOA, PFNA u PFDA). Jekk jinstab li t-total ta' dawn il-

⁵⁴ Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1), minn hawn 'il quddiem "ir-Regolament REACH".

⁵⁵ Ir-Regolament (KE) Nru 850/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar pollutanti organiċi persistenti u li jemenda d-Direttiva 79/117/KEE (ĠU L 158, 30.4.2004, p. 7).

⁵⁶ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1000 tat-13 ta' Ġunju 2017 li jemenda l-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH) fir-rigward tal-aċidu perfluworoottanju (PFOA), l-imlieħ tiegħu u s-sustanzi relatati mal-PFOA (ĠU L 150, 14.6.2017, p. 14).

⁵⁷ Eżempju mill-Iżvezja juri tnaqqis fil-preżenza tal-PFOS fl-ilma: <http://www.sciencedirect.com/science/article/pii/S0013935117308976>

⁵⁸ <http://www.kemi.se/en/global/rapporter/2015/report-7-15-occurrence-and-use-of-highly-fluorinated-substances-and-alternatives.pdf>

11-il tip ta' PFAS iseħħ f'konċentrazzjonijiet oġhla minn 0,09 µg/l, l-Aġenzija tirrakkomanda li jittieħdu miżuri mill-aktar fis possibbli sabiex jitnaqqas it-tniġġis. Fl-Istati Uniti l-livelli konsultattivi tas-saħħa għall-PFOA/PFOS huma ta' 0.07 µg/l. Il-lista ta' sustanzi ta' prijorità stabbilta skont id-Direttiva 2008/105/KE⁵⁹ tinkludi l-PFOS b'valur ta' 0,00065 µg/l. Dan juri li jistgħu jinkisbu valuri parametriċi aktar baxxi minn dawk rakkomandati mid-WHO. Billi dawn is-sustanzi mhux suppost ikunu jinsabu fl-ambjent, huwa suġġerit approċċ prekawzjonarju bħal dak użat għall-pestiċidi fid-Direttiva 98/83/KE. Għalhekk, il-Kummissjoni tipproponi li jkun hemm devjazzjonji mir-rakkomandazzjoni tad-WHO ta' 4 µg/l (PFOA) u 0,4 µg/l (PFOS) għaż-żewġ sustanzi individwali, biex minflok jiġi rregolat il-grupp kollu.

Il-proposta tikkonsisti f'li jiġi rregolat il-grupp tal-PFASs, kif definit mill-OECD⁶⁰, u li jiġu suġġeriti valuri ta' **0,1 µg/l għall-PFAS individwali u total ta' 0,5 µg/l għall-PFASs kollha**, kif isir għall-pestiċidi. Billi dawn il-valuri huma oġhla minn dawk li ssir referenza għalihom fl-Iżvezja jew fl-Istati Uniti, għandu jkun possibbli li jintlaħqu.

4. Sustanzi kimiċi li jfixklu s-sistema endokrinali

Id-WHO ma pproponietx valuri gwida għal sustanzi kimiċi li jfixklu s-sistema endokrinali (EDCs) iżda ssuġġeriet li, minħabba li l-organiżmi akkwatiċi huma ħafna aktar sensittivi għall-effetti ta' EDCs estroġeniċi milli huma l-mammiferi, inklużi l-bnedmin, ikun possibbli li jintużaw valuri ta' parametraġġ referenzjarju prekawzjonarji li huma qrib standards tal-kwalità ambjentali eżistenti jew li jistgħu jkunu possibbli fil-futur, għall-protezzjoni tal-organiżmi akkwatiċi. Dawn it-tliet EDCs u valuri ta' parametraġġ referenzjarju rappreżentattivi ġew proposti mid-WHO:

- **beta-estradijoli:** 0,001 µg/l;
- **nonilfenoli:** 0,3 µg/l; kif ukoll
- **bisfenol A:** 0,01 µg/l.

Minkejja li d-WHO indikat li attwalment ma hemm l-ebda evidenza ta' riskji għas-saħħa mill-ilma tax-xorb, li huwa sors ta' esponiment minuri, u li tali riskji huma improbabbli, ġie deċiż li dawn il-parametri jiġu inklużi fid-Direttiva abbażi tal-prinċipju ta' prekawzjoni.

Id-WHO ma tirrakkomandax l-inklużjoni tal-firxa sħiħa tal-EDCs fil-lista tal-parametri fl-Anness I tad-Direttiva, billi tqis li attwalment il-monitoraġġ ta' rutina għall-firxa sħiħa ta' dawn il-komposti huwa diffiċli u jinvolvi ħafna spejjeż, u mhuwiex effettiv fil-prevenzjoni tal-kontaminazzjoni tal-ilma tax-xorb.

It-tliet sustanzi ntgħażlu bħala parametri referenzjarji għaliex huwa magħruf li huma preżenti f'sorsi ta' ilma tal-wiċċ affettwati minn effluwenti ta' dranaġġ trattat u minn skariki oħra. Il-beta-estradijoli huwa estroġenu naturali. L-opinjoni tal-Kumitat Xjentifiku dwar ir-Riskji

⁵⁹ Id-Direttiva 2008/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards ta' kwalità ambjentali fil-qasam tal-politika tal-ilma, li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 82/176/KEE, 83/513/KEE, 84/156/KEE, 84/491/KEE, 86/280/KEE u li temenda d-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 348, 24.12.2008, p. 84).

⁶⁰ https://www.oecd.org/env/ehs/risk-management/PFC_FINAL-Web.pdf

għas-Saħħa u għall-Ambjent⁶¹ (SCHER) u d-dossier relatat jidentifikaw il-proprjetajiet li jfixxlu s-sistema endokrinali bħala l-mekkaniżmu ewlieni ta' azzjoni għad-derivazzjoni tal-istandard tal-kwalità ambjentali għal dan il-kompost. L-SCHER appoġġa l-iffissar tal-istandard tal-kwalità ambjentali għal 0.4 ng/l, li huwa qrib il-valur parametrik ta' 1 ng/l propost għall-ilma tax-xorb.

Il-Bisfenol A jintuża ħafna fil-manifattura ta' ċerti tipi ta' plastik u ta' reżini epossidiċi. Bħalissa huwa klassifikat bħala sustanza tossika għar-riproduzzjoni tal-kategorija 1B skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008⁶². Wara proposti mingħand l-awtoritajiet Franċiżi, l-ewwel ġie ristrett l-użu tal-bisfenol A fil-karta termali fl-UE (Diċembru 2016), u wara l-bisfenol A żdied fil-lista ta' kandidati REACH ta' sustanzi ta' tħassib serju ħafna abbażi tal-klassifikazzjoni armonizzata tiegħu bħala sustanza tossika għar-riproduzzjoni tal-kategorija 1B (Jannar 2017) u sussegwentement anki abbażi tal-proprjetajiet tiegħu li jfixxlu s-sistema endokrinali (Ġunju 2017).

In-nonilfenol huwa element kostituttiv tal-etossilati tal-alkilfenol użati f'aġenti tensjoattivi, għalkemm dawn issa huma pprojbati fl-UE. In-nonilfenol huwa soġġett ukoll għal restrizzjonijiet (l-Anness XVII tar-Regolament REACH) u ġie inkluż fil-lista ta' kandidati REACH ta' sustanzi ta' tħassib serju ħafna abbażi tal-proprjetajiet tiegħu li jfixxlu s-sistema endokrinali (Ġunju 2013), u fil-lista ta' sustanzi ta' prijorità stabbilita skont id-Direttiva 2008/105/KE.

Għalhekk, huwa propost li jiġu segwiti l-valuri li ġew issuġġeriti mid-WHO għal dawn it-tliet EDCs. Peress li l-approċċ tad-Direttiva ma jipprevedix "valuri ta' parametraġġ referenzjarju", u ma jispeċifikax l-għan ta' parametri u valuri, huwa propost li dawn jiġu inklużi fil-lista tal-parametri fl-Anness I. Barra minn hekk, dawn il-komposti huma relattivament insolubbli fl-ilma u jitneħħew b'mod effettiv permezz ta' metodi konvenzjonali ta' trattament b'adsorbiment (eż. ilma msaffi mix-xmajjar, koagulazzjoni, ożonazzjoni, karbonju attiv granulari). Għalhekk, il-komposti se jitqiesu bħal kull parametru kimiku ieħor skont id-Direttiva, jiġifieri, kif imsemmi iktar 'il fuq, il-fornituri tal-ilma għandhom il-possibilità li jneħħu dawn il-parametri mil-lista biex jiġu mmonitorjati taħt ċerti kundizzjonijiet, f'każ li valutazzjoni tar-riskju tikkonkludi li huma irrilevanti.

Il-Kummissjoni tqis li l-inklużjoni ta' dawn it-tliet sustanzi kimiċi li jfixxlu s-sistema endokrinali skont id-Direttiva hija ġustifikata fuq il-bażi tal-prinċipju ta' prekawzjoni. Il-partijiet ikkonċernati wrew l-appoġġ tagħhom għal dan. L-inklużjoni ta' dawn il-komposti se tgħin ukoll biex titħares is-saħħa tal-bniedem bħala parti mil-lista estiża tal-parametri mfassla mill-għażla 1.2 fil-valutazzjoni tal-impatt.

5. Il-kromju u ċ-ċomb

⁶¹ https://ec.europa.eu/health/scientific_committees/environmental_risks/docs/scher_o_131.pdf

⁶² Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1).

Ir-rapport tad-WHO jirrakkomanda li jinżammu l-valuri parametriċi attwali ta' **total ta' 10 µg/l għaċ-ċomb u ta' 50 µg/l għall-kromju.**

Id-WHO tistqarr li ċ-ċomb huwa wieħed mill-ftit sustanzi magħrufa li jikkawżaw impatti diretti fuq is-saħħa permezz tal-ilma tax-xorb, u li għalhekk, il-konċentrazzjonijiet għandhom ikunu baxxi sal-aktar livell raġonevolment Prattiku. Għal dak l-għan, il-Kummissjoni tipproponi li l-valur jitnaqqas **għal 5 µg/l, 10 snin** wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva. Matul dan il-perjodu tranżitorju ta' 10 snin se jinżamm il-valur attwali ta' 10 µg/l.

Id-WHO tistqarr li l-valur għall-kromju għadu qed jiġi analizzat. Diskussjonijiet li għaddejjin bħalissa ma' għadd kbir ta' tossikologi wasslu għas-suġġeriment li jiġi introdott valur aktar baxx għall-kromju, u b'mod partikolari għall-Kromju VI, li huwa aktar tossiku. Għalhekk, il-Kummissjoni se tapplika għall-kromju l-istess approċċ li ttieħed għaċ-ċomb. Hija tipproponi li l-valur jitnaqqas b'50 % għal **25 µg/l wara perjodu ta' tranżizzjoni ta' 10 snin wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva.**

Il-proposta tipprevedi wkoll li jsir rieżami b'mod regolari tal-Anness I (fejn huma stabbiliti dawn il-valuri parametriċi), u l-possibiltà li l-Anness I jiġi emendat fid-dawl tal-progress xjentifiku. Għaldaqstant, hemm il-possibiltà li jiġu stabbiliti valuri aktar stretti għal dawn iż-żewġ parametri qabel tmiem il-perjodu tranżitorju ta' 10 snin, jekk l-iżviluppi xjentifiċi futuri jeħtieġu li jsir hekk.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Artikolu 1 — Għan

L-ebda bidliet f'dan l-Artikolu.

Artikolu 2 — Definizjonijiet

Id-definizzjonijiet eżistenti ġew ikkjarifikati ftit aħjar, filwaqt li żdiedu definizzjonijiet ġodda (“fornituri tal-ilma”, “binjiet prijoritarji”, u “gruppi vulnerabbli u emarġinati”), skont id-dispożizzjonijiet il-ġodda fir-riformulazzjoni.

Id-WHO rakkomandat l-inklużjoni ta' definizzjoni ta' binjiet ta' prijorità, bl-għan li tiġi ffaċilitata l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet il-ġodda relatati mal-valutazzjoni tar-riskju tad-distribuzzjoni domestika.

Artikolu 3 — Eżenzjonijiet

Id-dispożizzjonijiet jibqgħu l-istess, bis-sempliċi differenza li r-referenzi għad-Direttiva huma aġġornati.

Artikolu 4 — Obbligi ġenerali

Saru biss ftit bidliet f'dan l-Artikolu, u l-bidliet huma relatati ma' modifiki formali jew kjarifiki ta' abbozzar.

Artikolu 5 — Standards tal-Kwalità

Saru biss ftit bidliet f'dan l-Artikolu, u l-bidliet huma relatati ma' modifiki formali jew kjarifiki ta' abbozzar.

Artikolu 6 — Punt ta' konformità

Il-paragrafi 2 u 3 ġew imħassra, iżda issa huma fil-biċċa l-kbira koperti mid-dispożizzjonijiet il-ġodda dwar il-valutazzjonijiet tar-riskju tad-distribuzzjoni domestika (l-Artikolu 10 il-ġdid).

Artikolu 7 — Approċċ ibbażat fuq ir-riskju għas-sikurezza tal-ilma (ġdid)

Dan l-Artikolu l-ġdid jippreżenta l-approċċ ġenerali bbażat fuq ir-riskju, jintroduċi l-Artikoli l-ġodda 8, 9 u 10 u jintroduċi wkoll obbligi ġenerali b'rabta mal-valutazzjonijiet tar-riskju (aġġornamenti u rieżami b'mod regolari u skedi ta' żmien għat-tnejn tal-valutazzjonijiet tar-riskju).

Artikolu 8 — Valutazzjoni tal-perikli ta' korpi tal-ilma użati għall-astrazzjoni ta' ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (ġdid)

Dan l-Artikolu l-ġdid jintroduċi obbligi relatati mat-twettiq ta' valutazzjonijiet tal-perikli, b'mod partikolari:

- l-identifikazzjoni ta' punti ta' astrazzjoni,
- l-identifikazzjoni ta' perikli u ta' sorsi ta' tniġġis,
- il-monitoraġġ ta' parametri li huma rilevanti għall-perikli u għas-sorsi ta' tniġġis identifikati. Il-parametri jew is-sustanzi niġġiesa rilevanti biss għandhom jiġu mmonitorjati. Dawn jistgħu jinkludu parametri li għandu jkun hemm konformità magħhom fl-ilma kif joħroġ mill-vit skont din id-Direttiva, iżda wkoll sustanzi niġġiesa jew sustanzi diġà mmonitorjati fil-korpi tal-ilma skont id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma, jew mikroplastiki. Il-mikroplastiki huma ta' tħassib partikolari minħabba l-effetti negattivi tagħhom fuq l-ambjenti tal-baħar u tal-ilma ħelu, fuq l-organiżmi akkwatiċi, fuq il-bijodiversità, u possibbilment fuq is-saħħa tal-bniedem minħabba li d-daqs żgħir tagħhom jista' jiffaċilita l-assorbiment u l-bijoakkumulazzjoni tagħhom mill-organiżmi, jew effetti tossiċi mit-taħlita kumplessa ta' sustanzi kimiċi li minnha huma magħmula.

Fuq il-bażi tal-identifikazzjoni u l-monitoraġġ tal-periklu, l-Istati Membri mbagħad ikunu jistgħu jieħdu l-miżuri li ġejjin:

- jeżentaw lill-fornituri tal-ilma milli jwettqu trattamenti u/jew monitoraġġ addizzjonali, jew jeħtieġu li dawn iwettquhom,
- jimplimentaw miżuri ta' prevenzjoni sabiex jissalvagwardjaw iż-żona ta' astrazzjoni,
- jimplimentaw miżuri ta' mitigazzjoni sabiex jiġi indirizzat is-sors tat-tniġġis, inkluż riċerka biex jiġu mifhuma l-impatti, pereżempju dawk tal-mikroplastiki, fuq l-ekosistemi akkwatiċi u s-saħħa tal-bniedem, u jinstabu soluzzjonijiet biex jittaffa kwalunkwe riskju possibbli.

Artikolu 9 — Valutazzjoni tar-riskju tal-provvista (ġdid)

Dan l-Artikolu jintroduċi obbligi relatati mat-twettiq ta' valutazzjoni tar-riskju tal-provvista mill-fornitur tal-ilma. Dawn id-dispożizzjonijiet mhumiex ġodda, peress li dawk l-obbligi

kienu diġà ġew introdotti fl-2015 bl-Anness II emendat tad-Direttiva. Għalhekk, parti mill-Anness II tad-Direttiva 98/83/KE ġie trasferit f'dan l-Artikolu 9. Issa l-Parti C tal-Anness II fiha biss l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi biex tiġi aġġustata l-frekwenza tal-monitoraġġ tal-parametri soġġetti għal valutazzjoni tar-riskju tal-provvista.

Artikolu 10 — Valutazzjoni tar-riskju tad-distribuzzjoni domestika (ġdid)

Dan l-Artikolu l-ġdid jintroduċi obbligi relatati mat-twettiq ta' valutazzjoni tar-riskju tad-distribuzzjoni domestika, b'mod partikolari:

- il-valutazzjoni tar-riskji marbuta mas-sistema ta' distribuzzjoni domestika, inklużi riskji marbuta ma' prodotti u materjali li jiġu f'kuntatt mal-ilma tax-xorb,
- Il-monitoraġġ tal-parametri li ġejjin: iċ-ċomb u l-*Legionella*. Id-WHO sabet li mill-patoġeni kollha li jinġarru mill-ilma, din tal-aħħar tikkawża l-ogħla piż sanitarju fl-Unjoni. Barra minn hekk, iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard jirrakkomanda li jsiru verifiki regolari u li jiġu applikati miżuri ta' kontroll xierqa għal sistemi tal-ilma mibnija mill-bniedem bħala mezz sabiex jiġu evitati każijiet tal-marda Legjonellozi f'siti ta' akkomodazzjoni għat-turisti, fl-isptarijiet, f'faċilitajiet tal-kura tas-saħħa fit-tul jew f'postijiet oħra fejn jistgħu jkunu esposti popolazzjonijiet imdaqqs li jinsabu f'riskju oghla⁶³.

Abbażi tal-valutazzjoni tar-riskju u l-monitoraġġ, l-Istati Membri mbagħad ikunu jistgħu jieħdu miżuri, bħat-taħriġ ta' plamers, informazzjoni u pariri lis-sidien tad-djar, metodi xierqa ta' trattament f'kooperazzjoni ma' fornituri tal-ilma, eċċ. Barra minn hekk, dan l-Artikolu jindirizza b'mod parzjali l-aspetti koperti f'dak li qabel kien l-Artikolu 10 (prodotti li jiġu f'kuntatt mal-ilma tax-xorb) u jiżgura l-konsistenza mar-Regolament (UE) Nru 305/2011 skont liema għandhom jiġu stabbiliti standards għal prodotti għall-bini li jiġu f'kuntatt mal-ilma tax-xorb.

Artikolu 11 — Monitoraġġ (l-ex Artikolu 7)

Għandhom jiġu stabbiliti programmi ta' monitoraġġ li jkopru l-obbligi ta' monitoraġġ differenti kollha skont din id-Direttiva. Huwa f'idejn l-Istati Membri li jiddeċiedu jekk il-programmi ta' monitoraġġ għandhomx jiġu stabbiliti mill-awtoritajiet nazzjonali, jew jekk għandhomx jiġu delegati, pereżempju, lill-fornituri tal-ilma. Madankollu, huwa probabbli li l-biċċa l-kbira tal-monitoraġġ jitwettaq proprju mill-fornituri tal-ilma, sabiex tiġi żgurata il-kwalità tal-ilma kif joħroġ mill-vit. Billi qed jiġu introdotti obbligi ġodda ta' monitoraġġ b'rabta mal-valutazzjonijiet tal-perikli (l-Artikolu 8) u mal-valutazzjoni tar-riskju tad-distribuzzjoni domestika (l-Artikolu 10), jenħteġ li ssir kjarifika ta' dan l-Artikolu, u li tiġi ċċarata r-relazzjoni tiegħu l-Anness II.

Il-paragrafi 1, 5 u 6 jibqgħu l-istess.

Il-paragrafu 2 jiġi emendat biex jirreferi għall-monitoraġġ li għandu jsir bħala parti mill-Artikoli 8 u 9 il-ġodda (valutazzjonijiet tal-perikli u valutazzjonijiet tar-riskju tad-distribuzzjoni domestika) u għall-monitoraġġ "regolari" tal-parametri elenkati fil-Parti A u l-

⁶³ Surveillance Report "Legionnaires' disease in Europe 2015" published by European Center for Disease Prevention and Control on 14 June 2017 (Ir-Rapport ta' Sorveljanza "Il-marda Legjonellozi fl-Ewropa 2015" ippubblikat miċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard fl-14 ta' Ġunju 2017) <https://ecdc.europa.eu/sites/portal/files/documents/Legionnaires-disease-europe-2015.pdf>

Parti B tal-Anness I, f'konformità mal-Anness II. Fil-każ ta' dan tal-aħħar, il-monitoraġġ jista' jiġi aġġustat, mill-fornituri tal-ilma, abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju tal-provvista.

Dak li qabel kien il-Paragrafu 4 (il-possibbiltà li jiġu adottati linji gwida għall-monitoraġġ) huwa mħassar, billi tqies li ma hemmx bżonnu. Madankollu, il-possibbiltà li jiġi emendat l-Anness II (li jirrigwarda speċifikazzjonijiet dwar il-monitoraġġ) inżammet skont l-Artikolu 18(2) (permezz ta' atti delegati).

Artikolu 12 — Azzjoni Korrettiva u restrizzjonijiet fl-użu (l-ex Artikolu 8)

Il-paragrafu 1 jibqa' l-istess.

Il-paragrafu 2 huwa emendat biex jirreferi għal-lista l-ġdida ta' parametri ġodda għall-valutazzjoni tar-riskju tad-distribuzzjoni domestika, prevista skont il-Parti C tal-Anness I.

Il-paragrafu 3 huwa emendat biex jikkjarifika li l-qbiż tal-limiti stabbiliti fl-Anness I, il-partijiet A u B, għandu jitqies awtomatikament bħala periklu potenzjali għas-saħħa tal-bniedem. Din il-kjarifika hija kkunsidrata bħala meħtieġa fid-dawl ta' diversi proċeduri ta' ksur li għaddejjin skont id-Direttiva 98/83/KE.

Jiġi miżjud paragrafu 4 ġdid sabiex jiġu ċċarati obbligi relatati mal-informazzjoni għall-konsumatur f'każ li jinqabżu l-valuri parametriċi u/jew f'każ ta' periklu potenzjali għas-saħħa tal-bniedem. Il-biċċa l-kbira tal-obbligi diġà jeżistu bħala parti mid-Direttiva 98/83/KE, iżda tqies li hu meħtieġ li dawn jiġu ċċarati u li jingħaqdu f'paragrafu wieħed biex l-implimentazzjoni tagħhom tiġi ffaċilitata, anki fid-dawl ta' diversi proċeduri ta' ksur li għaddejjin skont id-Direttiva 98/83/KE.

Il-paragrafu 5 jibqa' l-istess.

Dak li qabel kien il-Paragrafu 6 jitħassar, billi tqies li ma hemmx bżonnu.

Dak li qabel kien il-Paragrafu 7 jitħassar, billi dak li qabel kien il-Parti C tal-Anness I dwar "parametri indikaturi" tħassar.

L-obbligi li kienu jinsabu f'dak li qabel kien il-paragrafu 8 huma inkorporati fil-paragrafu 4 il-ġdid.

L-ex Artikolu 9 — Derogi

L-ex Artikolu 9 jitħassar. Il-proċess kumpless li jingħataw 3 derogi ta' 3 snin m'għadux ġustifikat. Oriġinarjament, dan ġie introdott fid-Direttiva biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jikkonformaw mal-valuri parametriċi li kienu għadhom kemm ġew stabbiliti fl-1998. Issa s-sistema ġiet simplifikata, iżda l-loġika hija l-istess bħal fid-Direttiva 98/83/KE: meta Stat Membru jaqbeż valur parametrik, għandu japplika l-Artikolu 11 dwar azzjoni korrettiva (projbizzjoni jew restrizzjoni tal-ilma, informazzjoni għall-konsumaturi, pariri dwar is-saħħa, eċċ.). M'għandux ikun hemm il-ħtieġa li jiġi adottat b'mod formali, permezz ta' Deċiżjoni, il-valur parametrik li jaqbeż dak stabbilit fid-Direttiva.

L-ex Artikolu 10 — Kontroll fuq il-Kwalità tat-trattament, tagħmir u materjali (imħassar)

L-ex Artikolu 10 jitħassar: huwa meqjus li dan l-Artikolu m'għadux meħtieġ skont id-Direttiva 98/83/KE, u jinbidel b'mod parzjali mill-Artikolu 10 il-ġdid dwar il-valutazzjoni tar-riskju tad-distribuzzjoni domestika. Minflok, l-armonizzazzjoni meħtieġa se ssir skont il-leġiżlazzjoni tas-suq intern permezz tal-ħruġ ta' mandati ta' standardizzazzjoni skont ir-Regolament dwar il-Prodotti għall-Bini. Sakemm dawn il-mandati ta' standardizzazzjoni jiġu

eżegwiti u l-istandards armonizzati jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jibqa' japplika l-istatus quo.

Artikolu 13 — L-aċċess għall-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (ġdid)

Dan huwa Artikolu ġdid, li l-ħtieġa għalih inħasset l-aktar minħabba t-talbiet tal-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej "Right2Water" u r-risposta tal-Kummissjoni għal din l-inizjattiva. L-Artikolu jipprevedi żewġ obbligi ewlenin:

- l-ewwel nett, l-obbligu għall-Istati Membri li jtejbu l-aċċess għall-ilma tax-xorb u li jippromwovu l-użu tiegħu permezz ta' għadd ta' miżuri, li xi wħud minnhom huma inklużi fl-istess Artikolu (stima tal-għadd ta' persuni mingħajr aċċess għal ilma tax-xorb, li dawn jiġu infurmati dwar il-possibbiltajiet ta' konnessjoni, it-tiegħig tal-użu tal-ilma tal-vit fil-binjiet pubbliċi u fir-ristoranti, li jiġi żgurat li fil-biċċa l-kbira tal-bliet ikun hemm disponibbli tagħmir għal aċċess liberu għall-ilma tal-vit, eċċ.),
- it-tieni nett, l-obbligu għall-Istati Membri li jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiġi żgurat l-aċċess għall-ilma tax-xorb għall-gruppi vulnerabbli u emarġinati. Meta dawk il-gruppi ma jkollhomx aċċess għal ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem skont it-tifsira ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jgħarrfuhom minnufih dwar il-kwalità tal-ilma disponibbli għalihom, filwaqt li għandhom jagħtuhom ukoll il-pariri meħtieġa b'rabta mas-saħħa.

Dan għandu jikkontribwixxi lejn l-impenn meħud skont l-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli 6 tan-NU u mal-għan korrispondenti li "*jinkiseb aċċess universali u ġust għal ilma tax-xorb sikur u affordabbli għal kulħadd*". Normalment, il-kunċett ta' aċċess ġust għall-ilma huwa tridimensjonali, u jinkludi: differenzi ġeografiċi fis-servizzi pprovduti (pereżempju minħabba nuqqas ta' infrastruttura), diffikultajiet iffaċċjati minn gruppi vulnerabbli u emarġinati (eż. refuġjati, komunitajiet nomadiċi, persuni mingħajr dar u kulturi ta' minoranza bħar-Rom, is-Sinti, it-Travellers, il-Kalé, il-Gens du voyage, eċċ., kemm jekk huma sedentarji kif ukoll jekk le) li jkunu qed jippruvaw jaċċessaw is-servizzi tal-ilma, u l-affordabbiltà finanzjarja. Dwar l-affordabbiltà, kull politika ta' pprezzar tal-ilma fl-Unjoni għandha tqis il-prinċipju tal-irkupru tal-ispejjeż u l-prinċipju ta' min iniġġes iħallas. L-Istati Membri għandhom ukoll il-permess iqisu, meta jstabilixxu tariffi differenzjati tal-ilma, il-varjazzjoni fil-kundizzjonijiet ekonomiċi u soċjali tal-popolazzjoni. Għalhekk, il-prinċipju tal-irkupru tal-ispejjeż ma jimpedix lill-Istati Membri milli jadottaw tariffi soċjali jew milli jkollhom miżuri li jħarsu lil popolazzjonijiet li jinsabu żvantaġġati f'livell soċjoekonomiku, flimkien mal-miżuri previsti fl-Artikolu 13 ta' din id-Direttiva.

Artikolu 14 — Informazzjoni lill-pubbliku (ġdid)

Dan l-Artikolu jissostitwixxi b'mod parzjali l-ex Artikolu 13 tad-Direttiva 98/83/KE. Id-dispożizzjonijiet relatati mal-aċċess għall-informazzjoni huma aktar dettaljati, peress li huwa mistenni li trasparenza akbar se ttejjeb il-fiduċja tal-konsumaturi fl-ilma tax-xorb tagħhom, inkluż fil-kwalità, il-produzzjoni u l-ġestjoni tiegħu. L-obbligi huma tnejn:

- l-ewwel nett, li tiġi żgurata d-disponibbiltà ta' għadd ta' informazzjonijiet, online, kif speċifikat fl-Anness IV. L-informazzjoni aċċessata mill-konsumatur għandha tkun rilevanti għall-qasam ta' interess tiegħu/tagħha.

- It-tieni nett, barra minn hekk, li tiġi pprovduta xi informazzjoni speċifika direttament lill-konsumaturi (pereżempju fil-fatturi tagħhom), bħal pereżempju l-volum ikkunsmat u dettalji dwar it-tariffa/tariffi u l-istruttura tal-ispejjeż.

Artikolu 15 — Informazzjoni dwar il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni (ġdid)

Dan l-Artikolu jissostitwixxi b'mod parzjali l-ex Artikolu 13 tad-Direttiva 98/83/KE. Id-dispożizzjonijiet relatati mar-rappurtar huma simplifikati meta mqabbla ma' dawk preċedenti, u huma sostitwiti b'sistema ġdida, li ma tinvolvi rappurtar proprju. Dan jiżgura li s-sistema ssir aktar effikaċi billi jiġi evitat dewmien twil bejn id-data ta' referenza tad-dejta rrapportata, u d-data proprja tar-rappurtar.

Dan l-Artikolu jipprevedi li l-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ sett ta' dejta li jiġbor biss dejta rilevanti dwar l-ilma tax-xorb f'din id-Direttiva: inċidenti, qbiż tal-valuri stabbiliti fl-Anness, valutazzjonijiet tal-perikli u valutazzjonijiet tar-riskju tad-distribuzzjoni domestika, u l-miżuri meħuda biex jiġi żgurat aċċess għall-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem.

Is-settijiet ta' dejta għandhom jiġu stabbiliti f'konformità mad-Direttiva INSPIRE. Għal dak l-għan, huwa previst l-appoġġ tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, li r-rwol tagħha se jkun ukoll li taċċessa d-dejta b'mod regolari u li tipprovi lill-Kummissjoni b'rapporti ġenerali dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva fil-livell tal-Unjoni, li għandhom jintużaw ukoll fil-kuntest ta' evalwazzjonijiet futuri tad-Direttiva (l-Artikolu 17).

Artikolu 16 — L-aċċess għall-ġustizzja (ġdid)

Dan huwa Artikolu ġdid, li huwa konformi mal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u jimplementa l-Konvenzjoni ta' Aarhus fir-rigward tal-aċċess għall-ġustizzja. Għandu jkun possibbli għaċ-ċittadini u għall-NGOs li jwettqu rieżami b'mod legali tad-deċiżjonijiet meħuda mill-Istati Membri skont din id-Direttiva.

Artikolu 17 — Evalwazzjoni (ġdid)

Dan l-Artikolu l-ġdid jistabbilixxi l-qafas għal evalwazzjonijiet futuri (skont it-tifsira tal-linji gwida tal-Kummissjoni dwar Regolamentazzjoni Aħjar) tad-Direttiva. L-ewwel valutazzjoni hija prevista 12-il sena wara l-implimentazzjoni tad-Direttiva, biex tiġi riċevuta dejta minn mill-inqas żewġ ċikli ta' valutazzjonijiet tar-riskju tal-provvista.

Artikolu 18 — Reviżjoni tal-Annessi (l-ex Artikolu 11)

Dan l-Artikolu jissostitwixxi l-Artikolu 11 tad-Direttiva 98/83/KE. L-Artikolu 11 kien jipprevedi r-ieżami tal-Annessi I, II u III tad-Direttiva permezz tal-Proċedura Regulatorja bi Skrutinju preċedenti. Huwa propost li din il-proċedura tiġi sostitwita b'atti delegati (għall-emendar tal-Annessi kollha), li huma wkoll huma konformi mal-impenn li sar mill-Istituzzjonijiet fil-ftehim interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 li "tingħata prijorità għolja lill-allinjament fil-pront tal-atti bażiċi kollha li għadhom jirreferu għall-proċedura regulatorja bi skrutinju".

Ir-reviżjoni regolari tal-Anness I hija miżmuma sabiex jiġi żgurat li tibqa' f'konformità mal-aktar żviluppi xjentifiċi reċenti.

Artikolu 19 — Eżerċizzju tad-delega (ġdid)

Dan huwa Artikolu standard ġdid għall-adozzjoni ta' atti delegati.

Artikolu 20 — Proċedura tal-Kumitat (l-ex Artikolu 12)

Dan huwa Artikolu standard ġdid għall-adozzjoni ta' atti ta' implimentazzjoni.

L-ex Artikolu 13 — Tagħrif u rappurtaġġ (imħassar)

L-Artikolu huwa mħassar u fil-biċċa l-kbira tiegħu ġie sostitwit bl-Artikolu 15 il-ġdid.

L-ex Artikolu 14 — Żmien għall-konformità (imħassar)

Dan l-Artikolu ġie mħassar peress li ta f'it aktar żmien (5 snin) biex mill-1998 id-Direttiva 98/83/KE tibqa' tiġi implimentata sal-2003. Dan l-Artikolu issa huwa skadut u għalhekk għandu jitħassar.

L-ex Artikolu 15 — Ċirkostanzi eċċezzjonali (imħassar)

Dan l-Artikolu tad-Direttiva 98/83/KE ta lill-Istati Membri l-possibbiltà li jitolbu f'it aktar ħin (sa 6 snin) lill-Kummissjoni (minbarra l-5 snin previsti fl-ex Artikolu 14) sabiex tiġi żgurata l-konformità mad-Direttiva 98/83/KE. Dan l-Artikolu issa huwa skadut u għalhekk għandu jitħassar.

L-ex Artikoli 16 (Tħassir), 17 (Traspożizzjoni) u 18 (Dħul fis-seħħ)

Dawn it-tliet artikoli tħassru u ġew sostitwiti bit-test standard aġġornat għal tħassir, traspożizzjoni u dħul fis-seħħ fid-Direttivi Riformulati (ara l-Artikoli 22, 23, 24 il-ġodda).

Artikolu 21 — Penali (ġdid)

Ġie introdott Artikolu standard ġdid dwar il-penali.

Artikolu 22 – Traspożizzjoni

Dan l-Artikolu jsegwi l-mudell standard.

Artikolu 23 – Tħassir

Dan l-Artikolu jsegwi l-mudell standard.

Artikolu 24 – Dħul fis-seħħ

Dan l-Artikolu jsegwi l-mudell standard. Huwa previst perjodu ta' 20 jum mid-dħul fis-seħħ tad-Direttiva wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 25 — Lil Min hi Indirizzata (l-ex Artikolu 19)

L-ebda bidliet f'dan l-Artikolu.

Anness I

Parti A

Il-Parti A tal-Anness I tikkonċerna l-valuri parametriċi għal parametri mikrobijoloġiċi. Fuq rakkomandazzjoni tad-WHO, fil-lista ġew miżjuda parametri ġodda, jiġifieri spori tal-

Clostridium Perfringens u batterji Koliformi, Turbidità (trasferita minn dik li qabel kienet il-Parti C “Parametri Indikaturi”), u Kolifaġi Somatiċi.

Parti B

Il-Parti B tal-Anness I tikkonċerna l-valuri parametriċi għal parametri kimiċi. Ġew miżjuda diversi parametri ġodda (flimkien ma’ valuri parametriċi assoċjati) fuq rakkomandazzjoni tad-WHO jew fuq il-bażi tal-prinċipju ta’ prekawzjoni, jiġifieri: Bisfenol A, Klorat, Klorit, Beta-Estradijoli, Aċidi Aloaċetiċi, Mikroċistina, Nonilfenol, PFASs (individwali u totali), Uranju.

Parti C

Il-Parti C tal-Anness I tad-Direttiva 98/83/KE kienet tikkonċerna l-Parametri Indikaturi. Il-Parametri Indikaturi tħassru mill-Anness I (ħlief għal għadd żgħir minnhom li ġew trasferiti fil-Parti A, bħat-turbidità), u ġew trasferiti fl-Anness IV, mal-informazzjoni għall-konsumaturi. Ir-raġunament huwa li l-parametri indikaturi ma jipprovdux informazzjoni marbuta mas-saħħa, iżda pjuttost informazzjoni li hi ta’ interess għall-konsumaturi (bħat-togħma, il-kulur, l-anjoni, il-katjoni, eċċ.).

Il-Parti C l-ġdida tal-Anness I tikkonċerna l-parametri li għandhom jiġu vvalutati skont il-valutazzjoni tar-riskju tad-distribuzzjoni domestika (prevista fl-Artikolu 10 il-ġdid), jiġifieri ċ-ċomb u l-*Legionella*.

Anness II

Parti A — L-għanijiet ġenerali u l-programmi ta’ monitoraġġ għall-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem

Il-parti A tal-Anness II tikkonċerna l-obbligi ġenerali relatati ma’ programmi ta’ monitoraġġ, u fil-parti l-kbira tagħha tibqa’ kif inhi, ħlief għaż-żieda ta’ referenza ġdida għal monitoraġġ operazzjonali, flimkien mal-parametru assoċjat tat-turbidità. Din ġiet miżjuda fuq rakkomandazzjoni tad-WHO, billi l-monitoraġġ operazzjonali jipprovdi informazzjoni malajr, fuq bażi ta’ kuljum, biex jiġi żgurat li t-trattament qiegħed jaħdem sew.

Parti B — Frekwenzi

Il-Parti B tal-Anness II tirrigwarda l-frekwenza tal-monitoraġġ. Fiha jiġu speċifikati żewġ kategoriji ta’ parametri:

- (2) il-parametri ewlenin (*E. coli*, spori tal-*Clostridium perfringens* u kolifaġi somatiċi), li għandhom dejjem jiġu mmonitorjati skont il-frekwenzi speċifikati fit-Tabella fil-Parti B, u li ma jistgħux ikunu soġġetti għal valutazzjoni tar-riskju tal-provvista; kif ukoll
- (3) il-parametri kollha l-oħra, li jridu jiġu mmonitorjati skont il-frekwenzi speċifikati fit-Tabella fil-Parti B, sakemm titwettaq valutazzjoni tar-riskju tal-provvista, skont il-Parti C tal-istess anness.

It-Tabella fil-Parti B dwar il-frekwenzi ġiet simplifikata, u n-Nota 3 (taħt it-Tabella) tħassret peress li issa ma hemmx bżonnha.

Parti C — Valutazzjoni tar-Riskju tal-Provvista

L-ewwel paragrafi tal-Parti C ġew trasferiti fl-Artikolu 9 l-ġdid dwar “Valutazzjoni tar-riskju tal-provvista”. Il-bqija tat-test (speċifikazzjonijiet biex issir devjazzjoni mill-frekwenza tal-monitoraġġ meta titwettaq valutazzjoni tar-riskju tal-provvista) ta’ din il-Parti C, li ġie introdott fid-Direttiva 98/83/KE bl-emenda tal-2015, fil-biċċa l-kbira jibqa’ kif inhu filwaqt li l-ġhadd żgħir ta’ modifiki li saru jirrigwardaw allinjament formali tal-abbozzar mat-test tal-bqija tad-Direttiva.

Parti D — Il-metodi u l-punti tal-kampjunar

Din il-Parti, li ġiet introdotta fid-Direttiva 98/83/KE bl-emenda tal-2015, tibqa’ l-istess ħlief għal xi bidliet żgħar.

Anness III

Parti A — Parametri mikrobijoloġiċi b’metodi tal-analiżi speċifikati għalihom

L-ewwel żewġ paragrafi tal-Parti A tħassru peress li kienu jikkonċernaw il-possibbiltà li l-Parti A tal-Anness III tiġi emendata permezz tal-proċedura regolatorja bi skrutinju, u l-possibbiltà li l-Anness III jiġi emendat permezz ta’ atti delegati diġà hija prevista skont l-Artikoli 18 u 19.

Il-lista tal-metodi għall-parametri mikrobijoloġiċi ġiet aġġornata sabiex tirrifletti l-parametri mikrobijoloġiċi l-ġodda inklużi fil-Parti A tal-Anness I.

Parti B — Parametri kimiċi, noti relatati u indikaturi b’karatteristiċi tal-prestazzjoni speċifikati għalihom

Din il-Parti kienet ġiet aġġornata bl-emenda għad-Direttiva 98/83/KE li saret fl-2015. Dik id-darba kienu ddaħħlu żewġ tabelli, inkluża waħda bi speċifikazzjonijiet li għandhom jintużaw sa tmiem l-2019. Qed jiġi propost li din it-tieni tabella bi speċifikazzjonijiet li huma validi biss sal-aħħar tal-2019 titħassar, u li tinżamm biss l-ewwel tabella.

It-tabella bil-lista tal-ispeċifikazzjonijiet għall-parametri kimiċi ġiet aġġornata wkoll sabiex tirrifletti l-lista l-ġdida ta’ parametri kimiċi stabbilita fil-Parti B tal-Anness I.

Anness IV (ġdid)

L-Anness IV huwa Anness ġdid li jelenka l-informazzjoni li għandha tkun disponibbli fuq sit web, għal finijiet ta’ informazzjoni għall-konsumatur. Għal raġunijiet ta’ proporzjonalità, fornituri tal-ilma kbar ħafna se jkollhom jipprovdu xi informazzjoni speċifika addizzjonali, inkluża informazzjoni annwali dwar il-prestazzjoni ġenerali tas-sistema tal-ilma f’termini ta’ effiċjenza, inklużi r-rati ta’ tnixxija u l-effiċjenza enerġetika. Huwa preżunt li billi tikkontribwixxi lejn għarfien aħjar dwar il-kwistjoni, żieda fit-trasparenza tista’ tinfluwenza kemm lill-fornituri tal-ilma kif ukoll lill-awtoritajiet tal-Istati Membri biex jindirizzaw il-kwistjoni tat-telf u t-tnixxija tal-ilma.

L-ex Annessi IV u V

L-Anness IV jikkonċerna l-iskadenzi għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali ta’ dik li qabel kienet id-Direttiva 80/778/KEE (anki minħabba l-adeżjonijiet tal-Istati Membri differenti). L-Anness V kien jikkonsisti minn dik li qabel kienet it-tabella ta’ korrispondenza bejn id-Direttiva 80/778/KEE u d-Direttiva 98/83/KE. Dawn m’għadhomx rilevanti u tħassru.

Anness V (ġdid)

L-Anness V (ġdid) huwa Anness standard li jelenka d-Direttiva mħassra u l-emendi suċċessivi li saru fiha, kif ukoll id-dati tat-traspożizzjoni u tal-applikazzjoni tagħhom.

Anness VI (ġdid)

L-Anness VI jikkonsisti mit-tabella l-ġdida ta' korrispondenza bejn id-Direttiva 98/83/KE u d-Direttiva riformulata l-ġdida li qed tiġi proposta.

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (riformulazzjoni)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li ~~kkunsidra t-Trattat~~ kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ~~li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea~~ u, b'mod partikolari, l-Artikolu 192(1) ~~130s(1)~~ tiegħu,

Wara li ~~kkunsidra l-proposta~~ kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li ~~kkunsidra~~ kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ¹,

Wara li ~~kkunsidra~~ kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni²,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Id-Direttiva tal-Kunsill 98/83/KE³ ġiet emendata b'mod sostanzjali bosta drabi⁴. Billi jenħtieġ isiru iżjed emendi, dik id-Direttiva għandha tiġi riformulata fl-interess taċ-ċarezza.

~~Billi hu meħtieġ li id-Direttiva tal-Kunsill 80/778/KEE tal-15 ta' Lulju 1980 dwar il-kwalità ta' l-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem⁵ tiġi adattata skond l-avvanzi xjentifiċi u teknoloġiċi; billi l-esperjenza miġsuba mill-implementazzjoni tad-Direttiva turi li hemm bżonn li jinholq qafas legali iktar flessibbli u trasparenti li bih l-Istati Membri ikunu jistgħu jaġixxu f'każijiet fejn ma jintlaħqux il-livelli; billi, iktar minn hekk, id-Direttiva trid tiġi~~

¹ ĠU C [...], [...], p. [...].

² ĠU C [...], [...], p. [...].

³ Id-Direttiva tal-Kunsill 98/83/KE tat-3 ta' Novembru 1998 dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 330 5.12.1998, p. 32).

⁴ Ara l-Anness V.

⁵ ĠU L 229, 30.8.1980, p. 11. Direttiva kif emendata l-aħħar mill-Att ta' Aċċessjoni ta' l-1994.

~~eżaminata mill-ġdid fl-isfond tat-Trattat fuq l-Unjoni Ewropea u partikolarment il-prinċipju tas-sussidjarjetà;~~

↓ 1998/83 premessa 2 (adattat)

~~Billi skond l-Artikolu 3b tat-Trattat, l-ebda azzjoni Komunitarja m'għandha tagħmel iktar milli hu meħtieġ biex jintlaħqu l-għanijiet tat-trattat, hu meħtieġ li d-Direttiva 80/778/KEE tiġi riveduta ħalli tiffoka fuq il-ħarsien tal-parametri essenzjali tal-kwalità u tas-saħħa, b'mod li l-Istati Membri jithallaw liberi li jżidu parametri oħra li jaħsbu li huma xierqa;~~

↓ 1998/83 premessa 3

~~Billi, skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà, azzjoni Komunitarja għandha tappoġġja u tibni fuq azzjoni mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri;~~

↓ 1998/83 premessa 4

~~Billi, skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà, id-differenzi naturali u soċjo-ekonomiċi bejn ir-reġjuni ta' l-Unjoni jirrekjedu li ħafna mid-deċiżjonijiet fuq kontrolli, analiżi u miżuri f'każ li ma jintlaħqux il-livelli jittieħdu fl-livell lokali, reġjonali u nazzjonali sa kemm dawk id-differenzi ma jonqsux minn dak li hemm stabbilit fil-qafas tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi imniżżlin f'din id-Direttiva;~~

↓ 1998/83 premessa 5

~~Billi hemm bżonn ta' livelli Komunitarji għal parametri marbuta mas-saħħa essenzjali u privenattiva fl-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem biex ikunu definiti l-għanijiet ta' kwalità ambjentali minima li għandhom jintlaħqu flimkien ma' miżuri oħra tal-Komunità sabiex ikun salvagwardat u promoss l-użu sostenibbli ta' l-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem;~~

↓ 1998/83 premessa 6 (adattat)
⇒ ġdid

(2) ⇒ Id-Direttiva 98/83/KE stabbiliet il-qafas legali biex is-saħħa tal-bniedem titħares mill-effetti ħżiena ta' kwalunkwe tniġġis tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem billi jkun żgurat li dan ikun nadif u tajjeb. Jenħtieġ li din id-Direttiva tfittex li tikseb l-istess għan. ⇐ fl-isfond ta' l-importanza tal-kwalità ta' l-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem għas-saħħa tal-bniedem, ☒ Għalhekk, ☒ hu meħtieġ li jiġi stabbilit ☒ jiġu stabbiliti, fil-livell tal-Unjoni ☒, fuq livell tal-Komunità il-livelli essenzjali tal-kwalità ta' dan it-tip ta' ilma; ⇒ rekwiżiti minimi ⇐ li magħhom għandu jikkonforma l-ilma maħsub għal dak l-għan. ⇒ L-Istati Membri jenħtieġ jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-ilma għall-konsum mill-bniedem ma jkunx fih mikroorganiżmi u parassiti u sustanzi li, f'ċerti każijiet, jikkostitwixxu periklu potenzjali għas-saħħa tal-bniedem, u li l-ilma għall-konsum mill-bniedem jissodisfa dawk ir-rekwiżiti minimi. ⇐

↓ 1998/83 premessa 7

~~Billi hu meħtieġ li jiġi inkluż l-ilma użat fl-industrija ta' l-ikel sa kemm ma jiġix stabbilit li l-użu ta' dan l-ilma ma jaffetwax it-tjubija għas-saħħa tal-prodott finali;~~

↓ 1998/83 premessa 8

~~Billi, biex l-impriżi tad-distribuzzjoni ta' l-ilma jkunu jistgħu jilhqgħu l-livelli ta' kwalità ta' l-ilma tax-xorb, għandhom jittieħdu miżuri xierqa ta' protezzjoni ta' l-ilma biex jiġi żgurat li l-ilma tal-wieċ u ta' l-art jinżamm nadif, billi l-istess għan jista' jintlaħaq billi jittieħdu miżuri xierqa tat-trattament ta' l-ilma qabel il-provvista;~~

↓ 1998/83 premessa 9 (adattat)

~~Billi il-koerenza tal-politika Ewropea dwar l-ilma tassumi li għandha tiġi adottata f'waqtha Direttiva xierqa dwar l-ilma;~~

↓ 1998/83 premessa 10 (adattat)

⇒ ġdid

(3) Hu meħtieġ li l-ilmijiet naturali minerali u ilmijiet li huma prodotti mediċinali jiġu esklużi mill-~~għanijiet~~ kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, peress li ~~diġà ġew~~ stabbiliti regoli speċjali għal dawk it-tipi ta' ilma ⇒ dawn l-ilmijiet huma diġà koperti mid-Direttiva 2009/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶ u mid-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷. Madankollu, id-Direttiva 2009/54/KE tittratta kemm ilmijiet minerali naturali kif ukoll ilma tan-nixxieġha, u l-kategorija tal-aħħar biss tenħtieġ tkun eżentata mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 9(4) tad-Direttiva 2009/54/KE, ilma tan-nixxieġha jenħtieġ ikun konformi mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva. Fil-każ ta' ilma għall-konsum mill-bniedem li jitqiegħed fi flieken jew kontenituri maħsuba għall-bejgħ, jew li jintuża fil-manifattura, il-preparazzjoni jew it-trattament ta' ikel, l-ilma jenħtieġ jikkonforma mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva sal-punt tal-konformità (jiġifieri l-vit), u jenħtieġ li mbagħad jitqies bħala ikel, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸. ⇐

↓ 1998/83 premessa 11

~~Billi, jekk ikun hemm tnaqqis fil-kwalità, hemmm bżonn ta' miżuri kemm għal parametri marbuta direttament mas-saħħa kif ukoll għal parametri oħra, billi, iktar minn hekk, dawn il-miżuri jridu jkunu kordinati ma' l-implementazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-~~

⁶ Id-Direttiva 2009/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar l-isfruttament u t-tqegħid fis-suq ta' ilmijiet minerali naturali (Tfassil mill-ġdid) (ĠU L 164, 26.6.2009, p. 45).

⁷ Id-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (ĠU L 311, 28.11.2001, p. 67).

⁸ Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jstabilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jstabilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jstabilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1).

~~15 ta' Lulju 1991 dwar id-dħul fis-suq ta' prodotti ta' protezzjoni għall-pjanti⁹ u d-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropej u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 1998 li tikkonċerna d-dħul fis-suq ta' prodotti bioċidali¹⁰;~~

↓ ġdid

- (4) Wara l-konklużjoni ta' inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej dwar id-dritt għall-ilma (Right2Water)¹¹, tnediet konsultazzjoni pubblika mifruxa fl-Unjoni kollha u saret Evalwazzjoni tal-Idoneità u l-Prestazzjoni (REFIT) tar-Regolamentazzjoni tad-Direttiva 98/83/KE¹². Mill-eżerċizzju, deher evidenti li ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 98/83/KE kellhom jiġu aġġornati. Ġew identifikati erba' oqsma fejn kien hemm lok għal titjib, jiġifieri l-lista tal-valuri parametriċi bbażati fuq il-kwalità, id-dipendenza limitata fuq approċċ ibbażat fuq ir-riskju, id-dispożizzjonijiet mhux preċiżi dwar l-informazzjoni għall-konsumatur, u d-differenzi bejn is-sistemi ta' approvazzjoni għall-materjali li jiġu f'kontatt mal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem. Barra minn hekk, l-Inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej dwar id-dritt għall-ilma identifikat bħala problema distinta l-fatt li parti tal-popolazzjoni, speċjalment il-gruppi emarġinati, ma għandhiex aċċess għal ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, li huwa wkoll impenn bħala parti mill-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli 6 tal-Aġenda 2030 tan-NU. Kwistjoni oħra li ġiet identifikata tikkonċerna n-nuqqas ġenerali ta' għarfien dwar it-tnixxija tal-ilma, li hija kkawżata minn nuqqas ta' investiment fil-manutenzjoni u t-tiġdid tal-infrastruttura tal-ilma, kif issemma wkoll fir-Rapport Speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar l-infrastruttura tal-ilma¹³.
- (5) L-Uffiċċju Reġjonali tad-WHO għall-Ewropa wettaq analiżi dettaljata tal-lista ta' parametri u tal-valuri parametriċi stabbiliti fid-Direttiva 98/83/KE sabiex jiġi stabbilit jekk hemmx bżonn li din tiġi adattata fid-dawl tal-progress tekniku u xjentifiku. Fid-dawl tar-riżultati ta' din l-analiżi¹⁴, għandhom jiġu kkontrollati patoġeni enteriċi u l-*Legionella*, filwaqt li jenħteġ jiżdiedu sitt parametri kimiċi jew gruppi ta' parametri, u tliet sustanzi kimiċi li jfixklu s-sistema endokrinali għandhom jiġu kkunsidrati b'valuri ta' parametraġġ referenzjarju prekawzjonarji. Għal tlieta mill-parametri l-ġodda jenħteġ jiġu stabbiliti valuri parametriċi li huma aktar stretti minn dawk proposti mid-WHO, iżda li xorta huma vijabbli, u dan fid-dawl tal-prinċipju ta' prekawzjoni. Rigward iċ-ċomb, id-WHO innutat li l-konċentrazzjonijiet jenħteġ ikunu baxxi sal-aktar livell raġonevolment Prattiku, filwaqt li għall-kromju, il-valur għadu qed jiġi analizzat mid-WHO; għalhekk, qabel jiġu stabbiliti valuri aktar stretti għal dawn iż-żewġ parametri jenħteġ japplika perjodu tranżitorju ta' għaxar snin.
- (6) Id-WHO irrakkomandat ukoll li jkun hemm valuri inqas stretti għal tliet valuri parametriċi, u li ħames parametri jitneħħew mil-lista. Madankollu, dawk il-bidliet ma

⁹ ~~ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva tal-Kunsill 96/68/EC (ĠU L 277, tat-30.10.1996, p. 25).~~

¹⁰ ~~ĠU L 123, 24.4.1998, p. 1.~~

¹¹ COM(2014) 177 final.

¹² SWD(2016) 428 final.

¹³ Ir-Rapport speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri SR 12/2017: “*Implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-Ilma tax-Xorb: titjib fil-kwalità tal-ilma u fl-aċċess għalih fil-Bulgarija, fl-Ungerija u fir-Rumanija, iżda l-ħtiġijiet ta' investiment għandhom sostanzjali*”.

¹⁴ Il-Proġett ta' Kooperazzjoni tal-Uffiċċju Reġjonali tad-WHO għall-Ewropa dwar il-Parametri tal-Ilma tax-Xorb "Appoġġ għar-Rakkomandazzjoni dwar ir-reviżjoni tal-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 98/83/KE dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (id-Direttiva dwar l-Ilma tax-Xorb), il-11 ta' Settembru 2017.

taqiesux bħala meħtieġa, billi l-approċċ ibbażat fuq ir-riskju li ġie introdott bid-Direttiva tal-Kummissjoni (UE) 2015/1787¹⁵ jippermetti lill-fornituri tal-ilma jneħħu, taħt ċerti kundizzjonijiet, parametru mil-lista tas-sustanzi li għandhom jiġu mmonitorjati. Diġà hemm fis-seħħ tekniki tat-trattament biex jintlaħqu dawn il-valuri parametriċi.

↓ 1998/83 premissa 12

~~Billi hu meħtieġ li jkunu stabbiliti parametri individwali għal sustanzi li huma importanti fil-Komunità kollha fl-ivell strett biżżejjed biex ikun żgurat li jintlaħaq l-għan ta' din id-Direttiva;~~

↓ 1998/83 premissa 13

~~Billi parametri huma bbażati fuq it-tagħrif xjentifiku disponibbli u billi l-prinċipju ta' prekawzjoni ġie kunsidrat ukoll; billi l-parametri ntgħażlu biex ikun żgurat li l-ilma maħsub għal konsum mill-bniedem jista' jinxtorob mingħajr periklu għas-saħħa, u allura jfissru livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa;~~

↓ 1998/83 premissa 14

~~Billi irid jintlaħaq bilanè biex jiġu evitati kemm riskji mikrobijoloġiċi u kif ukoll dawk kimiċi; billi, minħabba f'hekk, u fid-dawl tal-fatt li fil-ġejjieni dawn il-parametri sa jergġhu jiġu studjati, il-parametri għall-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem għandhom ikunu imsejsa fuq il-prinċipji tas-saħħa pubblika u metodu ta' evalwazzjoni tar-riskju;~~

↓ 1998/83 premissa 15

~~Billi bħal-issa ma hemmx biżżejjed evidenza fuq xiex wieħed jista' jibbaża parametri fuq livell Komunitarju għal kimiċi li jaffettwaw is-sistema ta' l-ormoni, anke jekk qed jiżdied it-tħassib dwar l-impatt li kimiċi perikolużi għas-saħħa jista' jkollhom fuq il-bnedmin u fuq in-natura u l-ambjent.~~

↓ 1998/83 premissa 16

~~Billi b'mod partikolari, l-istandards fl-Anness I fil-bieċa l-kbira ta' għom huma imsejsa fuq il-“Linji ta' Gwida għall-Kwalità ta' l-Ilma tax-Xorb” ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa u fuq l-opinjoni tal-Kumitat għall-Pariri Xjentifiċi li l-Kummissjoni ħatret biex jeżamina l-effetti tossiċi ta' ċertu kimiċi;~~

↓ 1998/83 premissa 17 (adattat)

(7) Biex iħarsu s-saħħa tal-bniedem fit-territorji ta' għom, meta jkun hemm bżonn, jenħtieġ li l-Istati Membri ~~iridu~~ jkunu meħtieġa jistabbilixxu valuri għal parametri oħra addizzjonali mhux inklużi fl-Anness I ~~fejn dan hu meħtieġ għall-ħarsien tas-saħħa tal-bniedem fit-territorji ta' għom.~~

¹⁵ Id-Direttiva tal-Kummissjoni (UE) 2015/1787 tas-6 ta' Ottubru 2015 li temenda l-Annessi II u III tad-Direttiva tal-Kunsill 98/83/KE dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 260, 7.10.2015, p. 6).

↓ 1998/83 premessa 18 (adattat)

~~Billi l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu parametri addizzjonali mhux inklużi fl-Anness I jekk dan hu meħtieġ bix ikun żgurat li l-produzzjoni, id-distribuzzjoni u l-ispezzjoni ta' l-ima maħsub għall-konsum mill-bniedem jilhqgħu l-kwalità meħtieġa;~~

↓ 1998/83 premessa 19

~~Billi, meta l-Istati Membri jħossu li l-ħtieġa li jaddottaw standards iktar iebsa minn dawk imsemmija fl-Anness I, Partijiet A u B, jew standards għal parametri oħra mhux inklużi fl-Anness I imma meħtieġa għall-ħarsien tas-saħħa tal-bniedem, huma iridu jgħarrfu lill-Kummissjoni b'dawn l-istandards;~~

↓ 1998/83 premessa 20

~~Billi l-Istati Membri huma marbuta li, meta jdaħħlu miżuri ta' protezzjoni iktar stretti, jagħmlu dan skond il-prinċipji u r-regoli ta' Trattat, kif interpretati mill-Qorti tal-Ġustizzja;~~

↓ ġdid

(8) L-ippjanar tas-sikurezza u elementi bbażati fuq ir-riskju għall-prevenzjoni ġew ikkunsidrati biss sa ċertu punt fid-Direttiva 98/83/KE. L-ewwel elementi ta' approċċ ibbażat fuq ir-riskju diġà kienu ġew introdotti fl-2015 bid-Direttiva (UE) 2015/1787, li emendat id-Direttiva 98/83/KE biex l-Istati Membri jitħallew jidderogaw mill-programmi ta' monitoraġġ li stabbilixxew, sakemm jitwettqu valutazzjonijiet tar-riskju kredibbli, li jistgħu jkunu bbażati fuq il-Linji Gwida tad-WHO għall-ilma tax-xorb¹⁶. Dawn il-Linji Gwida, li jistabbilixxu l-hekk imsejjaħ approċċ tal-“Pjan tas-Sikurezza tal-Ilma”, flimkien mal-istandard EN 15975-2 dwar is-sigurtà tal-provvista tal-ilma tax-xorb, huma prinċipji rikonoxxuti f'livell internazzjoni li fuqhom huma bbażati l-produzzjoni, id-distribuzzjoni, il-monitoraġġ u l-analiżi ta' parametri fl-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem. Dawn jenħtieġ jinżammu f'din id-Direttiva. Biex jiġi żgurat li dawn il-prinċipji ma jkunux limitati għal aspetti ta' monitoraġġ, biex il-ħin u r-riżorsi jiġu ffukati fuq ir-riskji li huma importanti u fuq miżuri kosteffettivi applikati fis-sors, u biex jiġi evitat li jsiru analiżijiet u sforzi b'rabta ma' kwistjonijiet li mhumiex rilevanti, huwa xieraq li jiġi stabbilit approċċ komplut ibbażat fuq ir-riskju, tul il-katina tal-provvista kollha, mill-punt li minnu jittella' l-ilma, sad-distribuzzjoni u sal-vit. Dak l-approċċ jenħtieġ jikkonsisti minn tliet komponenti: l-ewwel, valutazzjoni tal-perikli assoċjati maż-żona ta' astrazzjoni li għandha ssir mill-Istat Membru, f'konformità mal-Linji Gwida u mal-Manwal tal-Pjan tas-Sikurezza tal-Ilma¹⁷ tad-WHO (“valutazzjoni tal-perikli”); it-tieni, il-possibbiltà li l-fornitur tal-ilma jadatta l-monitoraġġ għar-riskji ewlenin (“valutazzjoni tar-riskju tal-provvista”); u t-tielet, valutazzjoni tar-riskji possibbli li jistgħu jirriżultaw mis-sistemi ta'

¹⁶ Guidelines for drinking water quality, Fourth Edition, World Health Organisation, 2011 (Il-Linji Gwida tad-WHO għall-ilma tax-xorb, ir-Raba' Edizzjoni, l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, 2011) http://www.who.int/water_sanitation_health/publications/2011/dwq_guidelines/en/index.html

¹⁷ Water Safety Plan Manual: step-by-step risk management for drinking water suppliers, World Health Organisation, 2009 (Il-Manwal tal-Pjan tas-Sikurezza tal-Ilma: ġestjoni tar-riskju pass pass għall-fornituri tal-ilma tax-xorb, l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, 2009) http://apps.who.int/iris/bitstream/10665/75141/1/9789241562638_eng.pdf

distribuzzjoni domestika (eż. il-*Legionella* jew iċ-*ċomb*) li għandha ssir mill-Istat Membru (“valutazzjoni tar-riskju tad-distribuzzjoni domestika”). Dawk il-valutazzjonijiet jenħtieġ jiġu rieżaminati b’mod regolari, *inter alia*, b’rispons għal theddidiet minn avvenimenti estremi tat-temp relatati mal-klima, għal bidliet magħrufa tal-attività tal-bniedem fiż-żona ta’ astrazzjoni jew b’rispons għal inċidenti relatati mas-sorsi. L-approċċ ibbażat fuq ir-riskju jiżgura skambju kontinwu ta’ informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-fornituri tal-ilma.

- (9) Il-valutazzjoni tal-perikli jenħtieġ tkun immirata lejn it-tnaqqis tal-livell ta’ trattament meħtieġ għall-produzzjoni tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, pereżempju billi jitnaqqsu l-pressjonijiet li jikkawżaw it-tniġġis tal-korpi tal-ilma użati għall-astrazzjoni ta’ ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem. Għal dak l-għan, jenħtieġ li l-Istati Membri jidentifikaw il-perikli u s-sorsi possibbli ta’ tniġġis tal-ilma assoċjati ma’ dawk il-korpi tal-ilma u li dawn jimmonitorjaw is-sustanzi niġġiesa li jidentifikaw bħala rilevanti, pereżempju minħabba l-perikli identifikati (eż. il-mikroplastiċi, in-nitrati, il-pestiċidi jew il-prodotti mediċinali identifikati skont id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁸), minħabba l-preżenza naturali tagħhom fiż-żona tal-astrazzjoni (pereżempju l-arseniku), jew minħabba informazzjoni mingħand il-fornituri tal-ilma (eż. żieda f’daqqa ta’ parametru speċifiku f’ilma mhux ittrattat). Dawk il-parametri jenħtieġ jintużaw bħala markaturi li permezz tagħhom tixkatta azzjoni mill-awtoritajiet kompetenti biex titnaqqas il-pressjoni fuq il-korpi tal-ilma, bħal pereżempju miżuri ta’ prevenzjoni jew ta’ mitigazzjoni (inkluż riċerka biex, fejn meħtieġ, jiġu mifhuma l-impatti fuq is-saħħa), biex dawk il-korpi tal-ilma jiġu protetti u jiġi indirizzat is-sors tat-tniġġis, f’kooperazzjoni mal-fornituri tal-ilma u mal-partijiet ikkonċernati.
- (10) Fir-rigward tal-valutazzjoni tal-perikli, id-Direttiva 2000/60/KE tistipula li l-Istati Membri għandhom jidentifikaw il-korpi tal-ilma li jintużaw għall-astrazzjoni tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem u jimmonitorjawhom, u li għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex tiġi evitata deterjorazzjoni fil-kwalità tagħhom sabiex jitnaqqas il-livell ta’ trattament ta’ purifikazzjoni meħtieġ fil-produzzjoni tal-ilma tajjeb għall-konsum mill-bniedem. Biex jiġi evitat li jkun hemm duplikazzjoni tal-obbligi, jenħtieġ li meta jwettqu l-valutazzjoni tal-perikli, l-Istati Membri jagħmlu użu mill-monitoraġġ li għandu jitwettaq skont l-Artikoli 7 u 8 tad-Direttiva 2000/60/KE u skont l-Anness V ta’ dik id-Direttiva, u mill-miżuri inklużi fil-programmi tagħhom ta’ miżuri skont l-Artikolu 11 tad-Direttiva 2000/60/KE.

↓ 1998/83 premessa 21 (adattat)

⇒ ġdid

- (11) Fil-punt li fih l-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem ~~ikun jista’ jiġi użat isir disponibbli għall-utent xieraq, dan għandu jkollu għandu jkun hemm konformità mal-valuri parametriċi l-parametri kollha~~ ☒ użati biex tiġi evalwata l-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem ☒. ⇒ Madankollu, il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem tista’ tkun influwenzata mis-sistema ta’ distribuzzjoni domestika. Id-WHO tinnota li, mill-patoġeni kollha li jinġarru mill-ilma, il-*Legionella* tikkawża l-ogħla piż sanitarju fl-Unjoni. Din tiġi trażmessa permezz tan-nifs minn sistemi tal-ilma sħun, pereżempju waqt li dak li jkun ikun qed jieħu doċċa. Għalhekk, hija marbuta b’mod ċar mas-sistema ta’ distribuzzjoni domestika. Billi l-impożizzjoni

¹⁸ Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta’ Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1).

ta' obbligu unilaterali biex il-postijiet pubbliċi u privati kollha jiġu mmonitorjati għal dan il-patoġenu twassal għal spejjeż mhux raġonevoli u għoljin wisq, valutazzjoni tar-riskju tad-distribuzzjoni domestika hija għalhekk iktar adattata biex tindirizza din il-kwistjoni. Barra minn hekk, anki r-riskji potenzjali li jistgħu jirriżultaw minn prodotti u minn materjali li jiġu f'kuntatt mal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem jenħtieġ jiġu kkunsidrati fil-valutazzjoni tar-riskju tad-distribuzzjoni domestika. Għalhekk, il-valutazzjoni tar-riskju tad-distribuzzjoni domestika jenħtieġ tinkludi, *inter alia*, l-iffokar tal-monitoraġġ fuq postijiet ta' prijorità, il-valutazzjoni tar-riskji li jirriżultaw mis-sistema ta' distribuzzjoni domestika u mill-prodotti u l-materjali relatati, u l-verifika tal-prestazzjoni tal-prodotti għall-bini li jiġu f'kuntatt mal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem abbażi tad-dikjarazzjoni ta' prestazzjoni tagħhom f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁹. L-informazzjoni msemmija fl-Artikoli 31 u 33 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁰ għandha tiġi pprovduta flimkien mad-dikjarazzjoni ta' prestazzjoni. Abbażi ta' din il-valutazzjoni, jenħtieġ li l-Istati Membri jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw, *inter alia*, li l-miżuri xierqa ta' kontroll u ta' ġestjoni (eż. f'każ ta' tifqigħat) huma fis-seħħ, f'konformità mal-gwida tad-WHO²¹, u li l-migrazzjoni minn prodotti għall-bini ma tkunx ta' periklu għas-saħħa tal-bniedem. Madankollu, mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE) Nru 305/2011, fejn dawn il-miżuri jimplikaw limiti għall-moviment ħieles ta' prodotti u materjali fl-Unjoni, dawn il-limiti għandhom ikunu debitament ġustifikati u strettament proporzjonati, filwaqt li ma għandhomx jikkostitwixxu mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew restrizzjoni moħbija fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri. ⇐

↓ ġdid

- (12) Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 98/83/KE dwar l-assigurazzjoni tal-kwalità tat-trattament, it-tagħmir u l-materjali ma rnexxilhomx jindirizzaw l-ostakoli għas-suq intern fir-rigward taċ-ċirkolazzjoni libera ta' prodotti għall-bini li jiġu f'kuntatt mal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem. L-approvazzjonijiet tal-prodotti fil-livell nazzjonali għandhom fis-seħħ, iżda l-Istati Membri għandhom rekwiżiti differenti. B'riżultat ta' dan, il-manifatturi jsibuha diffiċli biex jikkummerċjalizzaw il-prodotti tagħhom fl-Unjoni kollha. It-tneħħija ta' ostakoli tekniċi tista' tinkiseb b'mod effettiv biss billi jiġu stabbiliti speċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati għall-prodotti għall-bini li jiġu f'kuntatt mal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem skont ir-Regolament (UE) Nru 305/2011. Dak ir-Regolament jippermetti li jiġu żviluppati standards Ewropej li jarmonizzaw il-metodi ta' valutazzjoni għall-prodotti għall-bini li jiġu f'kuntatt mal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, u li jiġu stabbiliti livelli ta'

¹⁹ Ir-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2011 li jistabbilixxi kondizzjonijiet armonizzati għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti għall-bini u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE (ĠU L 88, 4.4.2011, p. 5).

²⁰ Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).

²¹ "Legionella and the prevention of Legionellosis", World Health Organisation, 2007 ("Il-*Legionella* u l-prevenzjoni tal-Leġjonellożi", l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, 2007), http://www.who.int/water_sanitation_health/emerging/legionella.pdf

limitu u klassijiet b'rabta mal-livell ta' prestazzjoni ta' karatteristika essenzjali. Għal dak l-għan, fil-Programm ta' Ħidma għall-istandardizzazzjoni tal-2017²² ġiet inkluża talba ta' standardizzazzjoni li teħtieġ, b'mod speċifiku, ħidma ta' standardizzazzjoni b'rabta mal-iġjene u s-sikurezza għall-prodotti u l-materjali li jiġu f'kontatt mal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem skont ir-Regolament (UE) Nru 305/2011, u sal-2018 se jinħareġ istandard. Il-pubblikazzjoni ta' dan l-istandard armonizzat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* se jiżgura li jkun hemm proċess razzjonali ta' teħid ta' deċiżjonijiet għat-tqegħid fis-suq u għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti għall-bini li jiġu f'kontatt mal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem li jkunu sikuri. B'konsegwenza ta' dan, id-dispożizzjonijiet dwar it-tagħmir u l-materjali li jiġu f'kontatt mal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem jenħtieġ jitħassru, għandhom jiġu sostitwiti b'mod parzjali minn dispożizzjonijiet dwar il-valutazzjoni tar-riskju tad-distribuzzjoni domestika u għandhom jiġu kkumplimentati minn standards armonizzati rilevanti skont ir-Regolament (UE) Nru 305/2011.

↓ 1998/83 premessa 22

~~Billi l-kwalità ta' l-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem tista' tkun nfluwenzata mis-sistema ta' distribuzzjoni domestika; u billi, iktar minn hekk, hu magħruf li kemm is-sistema ta' distribuzzjoni domestika u kif ukoll il-manutenzjoni tagħha jistgħu ma jaqgħux taħt ir-responsabbiltà ta' l-Istati Membri;~~

↓ 1998/83 premessa 23 (adattat)
⇒ ġdid

(13) Jenħtieġ li kull Stat Membru ~~irid jidjoneq~~ jiżgura li jiġu stabbiliti programmi li bihom jara li l-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem ~~jilħaq il-ħtiġiet jissodisfa r-rekwiżiti ta' din id-Direttiva;~~ ~~billi dawn il-programmi iridu jkunu xierqa għal-eirkustanzi lokali u jridu jilħaq l-ħtiġiet minimi mniżżlin f'din id-Direttiva;~~ ⇒ Il-biċċa l-kbira mill-monitoraġġ li jsir għall-finijiet ta' din id-Direttiva jitwettagħ mill-fornituri tal-ilma. Jenħtieġ li tingħata ċerta flessibbiltà lill-fornituri tal-ilma fir-rigward tal-parametri li jimmonitorjaw għall-finijiet tal-valutazzjoni tar-riskju tal-provvista. Jekk parametru ma jiġix rilevati, il-fornituri tal-ilma jenħtieġ ikunu jistgħu jnaqqsu l-frekwenza tal-monitoraġġ, jew jieqfu għalkollox milli jimmonitorjaw dak il-parametru. Il-valutazzjoni tar-riskju tal-provvista tenħtieġ tiġi applikata għall-biċċa l-kbira tal-parametri. Madankollu, lista ewlenija ta' parametri tenħtieġ dejjem tiġi mmonitorjata b'ċerta frekwenza minima. Din id-Direttiva tistabbilixxi prinċipalment dispożizzjonijiet dwar il-frekwenza tal-monitoraġġ għal finijiet ta' kontrolli tal-konformità, u dispożizzjonijiet limitati biss dwar il-monitoraġġ għal finijiet operattivi. Jista' jkun hemm bżonn ta' monitoraġġ addizzjonali għal finijiet operattivi biex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tat-trattament tal-ilma, skont id-diskrezzjoni tal-fornituri tal-ilma. F'dan ir-rigward, il-fornituri tal-ilma jistgħu jirreferu għal-Linji Gwida u għall-Manwal tal-Pjan tas-Sikurezza tal-Ilma tad-WHO ⇐

↓ ġdid

(14) L-approċċ ibbażat fuq ir-riskju jenħtieġ jiġi applikat b'mod gradwali mill-fornituri kollha tal-ilma, inkluż mill-fornituri tal-ilma ż-żgħar, peress li l-evalwazzjoni tad-

²² SWD(2016) 185 final.

Direttiva 98/83/KE wasslet biex ġew identifikati nuqqasijiet fl-implimentazzjoni tad-Direttiva minn daww il-fornituri, li xi drabi kienu kkawżati mill-ispejjeż li jinvolvi t-twettiq ta' operazzjonijiet ta' monitoraġġ mhux meħtieġa. Meta jiġi applikat l-approċċ ibbażat fuq ir-riskju, it-tħassib dwar is-sigurtà jenħtieġ li jitqiesu.

↓ 1998/83 premissa 24

~~Billi l-metodi użati biex tiġi analizzata l-kwalità ta' l-ilma maħsuba għall-konsum mill-bniedem trid tkun b'tali mod li tassiġura li r-risultati miżsuba huma komparabbli u ta' min joġġhod fuqhom;~~

↓ 1998/83 premissa 25 (adattat)
⇒ ġdid

(15) F'każ ~~li l-livelli ta' nuqqas ta' konformità mal-istandards~~ imposti minn din id-Direttiva ma jinkludux, jenħtieġ li l-Istat Membru konċernat i ~~rid~~ investiga ⇒ minnufih ⇐ ~~l-kawża u jassiġura il-kawża u jiżgura~~ li, kemm jista' jkun malajr, tittieħed l-azzjoni korrettiva meħtieġa biex titranġa l-kwalità tal-ilma. ☒ F'każijiet fejn il-provvista tal-ilma tikkostitwixxi periklu potenzjali għas-saħħa tal-bniedem, il-provvista ta' dak l-ilma għandha tiġi pprojbita, jew l-użu ta' dak l-ilma għandu jiġi ristrett. ☒ ⇒ Barra minn hekk, huwa importanti li jiġi ċċarat li nuqqas li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti minimi għall-valuri relatati mal-parametri mikrobijoloġiċi u kimiċi jenħtieġ jiġi kkunsidrat b'mod awtomatiku mill-Istati Membri bħala periklu potenzjali għas-saħħa tal-bniedem. ⇐ ☒ F'każijiet fejn tkun meħtieġa azzjoni korrettiva ~~bħal din~~ biex titranġa l-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, skont l-Artikolu 191(2) tat-Trattat, għandha tingħata prijorità lill-azzjoni li ssewwi l-kawża tal-problema. ☒

↓ 1998/83 premissa 26 (adattat)

~~Billi huwa mportanti li l-ilma mniġġeż ma' jitħalliex ikun ta' ħsara potenzjali għas-saħħa tal-bniedem; billi l-provvista ta' dan l-ilma għandha tiġi mwaqqfa jew l-użu tiegħu ristrett;~~

↓ 1998/83 premissa 27

~~Billi, f'każ li ma jinkludax parametru li għandu funzjoni indikattiva, l-Istat Membru konċernat għandu jikkonsidra jekk dan in-nuqqas hux ta' riskju għas-saħħa umana; billi għandha tittieħed azzjoni korrettiva biex titranġa l-kwalità ta' l-ilma fejn dan hu meħtieġ biex tkun protetta s-saħħa tal-bniedem;~~

↓ 1998/83 premissa 28 (adattat)

~~Billi, jekk tkun meħtieġa azzjoni korrettiva bħal din biex titranġa l-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, skont l-Artikolu 130r(2) tat-Trattat, għandha tingħata prijorità lill-azzjoni li ssewwi l-kawża tal-problema;~~

↓ 1998/83 premissa 29
⇒ ġdid

- (16) ~~Billi Jenħtieġ li l-Istati Membri għandhom~~ ⇒ ma jibqgħux ⇐ ikunu awtorizzati, ~~taħt~~ ~~ċerti kondizzjonijiet, biex~~ jagħtu derogi minn din id-Direttiva. ⇒ Inizjalment, kienu ntużaw derogi biex l-Istati Membri jingħataw sa disa' snin biex isolvu nuqqas ta' konformità ma' valur parametrik. Din il-proċedura kienet ta' piż kemm għall-Istati Membri kif ukoll għall-Kummissjoni. Barra minn hekk, f'ċerti każijiet, din wasslet għal dewmien fl-azzjonijiet korrettivi meħuda, billi l-possibbiltà għal deroga ġiet ikkunsidrata bħala perjodu tranżitorju. Għalhekk, jenħtieġ li d-dispożizzjoni dwar id-derogi titħassar. Għal raġunijiet ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem, meta l-valuri parametriċi jinqabżu, id-dispożizzjonijiet relatati ma' azzjonijiet korrettivi jenħtieġ japplikaw immedjatament mingħajr il-possibbiltà li tingħata deroga mill-valur parametrik. Id-derogi mogħtija mill-Istati Membri skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva 98/83/KE li jkunu għadhom applikabbli fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva jenħtieġ, madankollu, jibqgħu japplikaw sa tmiem id-deroga, iżda m'għandhomx jiġġeddu. ⇐ ~~billi, iktar minn hekk, hemm bżonn li jinholq qafas xieraq għal dawn id-derogi, dejjem jekk dawn ma johlqux periklu potenzali għas saħħa tal-bniedem u jekk il-provvista ta' l-ilma maħsub għal konsum mill-bniedem f'dak il post partikolari ma tkunx tista' tiġi mantenuta b'mezzi oħra raġonevoli.~~

↓ ġdid

- (17) Fit-tweġiba tagħha għall-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej “Right2Water” fl-2014²³, il-Kummissjoni stiednet lill-Istati Membri biex jiżguraw li ċ-ċittadini kollha jkollhom aċċess għal provvista minima tal-ilma, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tad-WHO. Barra minn hekk, impenjat ruħha li tkompli “*ttejjeb l-aċċess għal ilma tax-xorb sikur [...] għall-popolazzjoni kollha permezz ta' politiki ambjentali*”²⁴. Dan huwa konformi mal-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli 6 tan-NU u mal-mira assoċjata li “*jinkiseb aċċess universali u ġust għal ilma tax-xorb sikur u affordabbli għal kulħadd*”. Il-kunċett ta' aċċess ġust ikopri firxa wiesgħa ta' aspetti bħalma huma d-disponibbiltà (pereżempju minħabba raġunijiet ġeografiċi, in-nuqqas ta' infrastruttura jew is-sitwazzjoni speċifika ta' ċerti partijiet tal-popolazzjonijiet), il-kwalità, l-aċċettabbiltà, jew l-affordabbiltà finanzjarja. Dwar l-affordabbiltà tal-ilma, huwa importanti li jittfakkar li fl-istabbiliment tat-tariffi tal-ilma skont il-prinċipju tal-irkupru tal-ispejjeż stipulat fid-Direttiva 2000/60/KE, l-Istati Membri jistgħu jikkunsidraw il-varjazzjoni fil-kundizzjonijiet ekonomiċi u soċjali tal-popolazzjoni u b'hekk jistgħu jadottaw tariffi soċjali jew jieħdu miżuri jissalvagwardjaw lill-popolazzjonijiet li jinsabu fi żvantaġġ soċjoekonomiku. B'mod partikolari, din id-Direttiva tittratta l-aspetti ta' aċċess għall-ilma li huma relatati mal-kwalità u mad-disponibbiltà. Sabiex jiġu indirizzati dawk l-aspetti bħala parti mir-risposta għall-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej u biex ikun hemm kontribut għall-implimentazzjoni tal-Prinċipju 20 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali²⁵ li tiddikjara “kulħadd għandu d-dritt li jkollu aċċess għal servizzi essenzjali ta' kwalità tajba, inkluż l-ilma”, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom jindirizzaw il-kwistjoni tal-aċċess għall-ilma fil-livell nazzjonali filwaqt li

²³ COM(2014) 177 final.

²⁴ COM(2014)177 final, p. 12.

²⁵ Proklamazzjoni Interistituzzjonali dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (2017/C 428/09) tas-17 ta' Novembru 2017 (ĠU C 428, 13.12.2017, p. 10).

jgawdu minn marġni ta' diskrezzjoni rigward it-tip eżatt ta' miżuri li għandhom jiġu implimentati. Dan jista' jsir permezz ta' azzjonijiet immirati, *inter alia*, lejn it-titjib tal-aċċess għall-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem għal kulħadd, pereżempju permezz ta' funtani liberament aċċessibbli fl-ibliet, u permezz tal-promozzjoni tal-użu ta' dan l-aċċess billi jiġi mħeġġeġ l-għoti, mingħajr ħlas, ta' ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem fil-binjiet pubbliċi u fir-ristoranti.

- (18) Il-Parlament Ewropew, fir-Riżoluzzjoni tiegħu dwar “is-segwitu għall-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej ‘Right2Water’”²⁶, talab li “l-Istati Membri jenħtieġ jagħtu attenzjoni speċjali lill-bżonnijiet tal-gruppi vulnerabbli fis-soċjeta’”²⁷. Is-sitwazzjoni speċifika tal-kulturi ta’ minoranza bħar-Rom, is-Sinti, it-Travellers, il-Kalé, il-Gens du voyage, eċċ., kemm jekk huma sedentarji kif ukoll jekk le – b’mod partikolari b’rabta man-nuqqas ta’ aċċess tagħhom għall-ilma tax-xorb – ġiet rikonoxxuta wkoll fir-Rapport tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Qafas tal-UE għal Strateġiji Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Rom²⁸ u fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar miżuri effettivi għall-integrazzjoni tar-Rom fl-Istati Membri²⁹. Fid-dawl ta’ dak il-kuntest ġenerali, huwa xieraq li l-Istati Membri jagħtu attenzjoni partikolari lil gruppi vulnerabbli u emarġinati billi jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiġi żgurat li dawk il-gruppi jkollhom aċċess għall-ilma. Mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Istati Membri li jiddefinixxu dawn il-gruppi, dawn jenħtieġ mill-inqas jinkludu refuġjati, komunitajiet nomadiċi, persuni mingħajr dar u kulturi ta’ minoranza bħar-Rom, is-Sinti, it-Travellers, il-Kalé, il-Gens du voyage, eċċ., kemm jekk huma sedentarji kif ukoll jekk le. Dawn il-miżuri mmirati lejn l-iżgurar tal-aċċess, li jitħallew f’idejn l-Istati Membri, jistgħu pereżempju jinkludu l-għoti ta’ sistemi alternattivi ta’ provvista (mezzi ta’ trattament individwali), il-provvista ta’ ilma permezz ta’ tankijiet (trakkijiet u ċisterni) u l-iżgurar tal-preżenza tal-infrastruttura meħtieġa għall-kampijiet.

↓ 1998/83 premessa 30

~~Billi, minħabba li waqt t-tnejn u d-distribuzzjoni ta' l-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem jistgħu jintużaw ċerti sustanzi jew materjali, hemm bżonn ta' regoli dwar dan l-użu sabiex jiġu evitati effetti li jistgħu ikunu perikolużi għas-saħħa tal-bniedem;~~

↓ 1998/83 premessa 31

~~Billi jista' jkun hemm bżonn li l-ħtiġiet tekniċi innizzla fl-Annessi II u III jiġu adattati malajr minħabba avvanzji xjentifiċi u tekniċi; billi, iktar minn hekk, biex titħaffef l-applikazzjoni tal-miżuri meħtieġa għal dak il-għan, trid issir dispożizzjoni għal proċedura li biha l-Kummissjoni tkun tista' taddotta dawn l-addattazzjonijiet bil-għajnuna ta' kumitat magħmul minn rappreżentanti ta' l-Istati Membri;~~

↓ 1998/83 premessa 32

~~Billi konsumaturi għandhom ikunu mgħarrfa b'mod tajjeb u xieraq dwar il-kwalità ta' l-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, dwar kwalunkwe derogi mogħtija mill-Istati Membri u~~

²⁶ P8_TA(2015)0294

²⁷ P8_TA(2015)0294, paragrafu 62.

²⁸ COM(2014) 209 final.

²⁹ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (2013/C 378/01) tad-9 ta’ Diċembru 2013 dwar miżuri ta’ integrazzjoni tar-Rom effettivi fl-Istati Membri, (ĠU C 378, 24.12.2013, p. 1).

~~dwar kwalunkwe azzjoni korrettiva meħuda mill-awtoritajiet kompetenti; billi, iktar minn hekk, iridu jiġu konsidrati il-ħtiġijiet tekniċi u statistiċi tal-Kummissjoni, kif ukoll il-jeddijiet ta' l-individwu li jikseb tagħrif xieraq dwar il-kwalità ta' l-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem;~~

↓ 1998/83 premissa 33

~~Billi, f'ċirkostanzi eċċezzjonali u għal postijiet definiti ġeografikament, jista' jkun hemm bżonn li xi Stati Membri jinagħtaw żmien itwal biex jilhqgħu ċerti dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva;~~

↓ 1998/83 premissa 34 (adattat)

~~Billi din id-Direttiva m'għandiex taffettwa l-obbligi ta' l-istati Membri għal limitu ta' ħin għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali, jew għall-applikazzjoni, kif murija fl-Anness IV;~~

↓ ġdid

(19) Is-Seba' Programm ta' Azzjoni Ambjentali sal-2020 "Nġhixu tajjeb, fil-limiti tal-pjaneta tagħna"³⁰ jeħtieġ li l-pubbliku jkollu aċċess għal tagħrif ambjentali ċar f'livell nazzjonali. Id-Direttiva 98/83/KE ipprevediet biss aċċess passiv għall-informazzjoni, li jfisser li l-Istati Membri kellhom jiżguraw biss li l-informazzjoni kienet disponibbli. Għalhekk, daww id-dispożizzjonijiet għandhom jinbidlu biex jiġi żgurat li jkun hemm aċċess faċli għal informazzjoni aġġornata, pereżempju fuq sit web li l-ħolqa tiegħu titqassam b'mod attiv. L-informazzjoni aġġornata m'għandiex tinkludi biss ir-riżultati tal-programmi ta' monitoraġġ, iżda wkoll informazzjoni addizzjonali li tista' tkun utli għall-pubbliku, bħal informazzjoni dwar l-indikaturi (il-ħadid, l-ebusija, il-minerali, eċċ.), li ta' spiss tinfluwenza l-perċezzjoni tal-konsumaturi rigward l-ilma tal-vit. Għal dak l-għan, il-parametri indikaturi tad-Direttiva 98/83/KE li ma pprovdewx informazzjoni relatata mas-saħħa għandhom jinbidlu b'informazzjoni fuq l-internet dwar dawn il-parametri. Għall-fornituri tal-ilma kbar ħafna, fuq l-internet għandu jkun hemm disponibbli wkoll informazzjoni addizzjonali dwar, *inter alia*, l-effiċjenza enerġetika, il-ġestjoni, il-governanza, l-istruttura tal-ispejjeż u t-trattament applikat. Huwa preżunt li għarfien aħjar għall-konsumaturi u trasparenza mtejbja se jikkontribwixxu biex tiżdied il-fiduċja taċ-ċittadini fl-ilma fornut lilhom. Dan, min-naħa tiegħu, huwa mistenni li jwassal għal żieda fl-użu tal-ilma tal-vit, biex b'hekk jingħata kontribut biex jitnaqqsu l-iskart tal-plastik u l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra, u għal impatt pożittiv fuq il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u fuq l-ambjent b'mod ġenerali.

(20) Għall-istess raġunijiet, u sabiex il-konsumaturi jsiru aktar konxji dwar l-implikazzjonijiet tal-konsum tal-ilma, huma għandhom jirċievu wkoll informazzjoni (pereżempju, fil-fattura tagħhom jew permezz ta' applikazzjonijiet intelliġenti) dwar il-volum ikkunsmat, dwar l-istruttura tal-ispejjeż tat-tariffi imposti mill-fornitur tal-ilma, inklużi l-ispejjeż varjabbli u daww fissi, kif ukoll dwar il-prezz għal kull litru ta' ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, biex b'hekk ikun jista' jsir tqabbil mal-prezz tal-ilma fi flieken.

³⁰ Id-Deċiżjoni Nru 1386/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2013 dwar Programm Ġenerali ta' Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni sal-2020 "Nġhixu tajjeb, fil-limiti tal-pjaneta tagħna" (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 171).

- (21) Il-prinċipji li għandhom jiġu kkunsidrati fl-iffissar tat-tariffi tal-ilma, jiġifieri l-irkupru tal-ispejjeż tas-servizzi tal-ilma u l-prinċipju ta' min iniġġes iħallas, huma stabbiliti fid-Direttiva 2000/60/KE. Madankollu, is-sostenibbiltà finanzjarja tal-provvista tas-servizzi tal-ilma mhux dejjem tiġi żgurata, u xi kultant dan iwassal għal nuqqas ta' investiment fil-manutenzjoni tal-infrastruttura tal-ilma. Permezz tat-titjib tat-tekniki ta' monitoraġġ, ir-rati ta' tnixxija – prinċipalment minħabba dan in-nuqqas ta' investiment – saru dejjem aktar evidenti, u t-tnaqqis tat-telf tal-ilma għandu jiġi imħeġġeġ fil-livell tal-Unjoni biex tittejjeb l-effiċjenza tal-infrastruttura tal-ilma. F'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, jenħtieġ li din il-kwistjoni tiġi indirizzata billi jiżdiedu t-trasparenza u l-informazzjoni għall-konsumaturi rigward ir-rati ta' tnixxija u l-effiċjenza enerġetika.
- (22) Id-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³¹ għandha l-għan li tiggarrantixxi d-dritt ta' aċċess għat-tagħrif ambjentali fl-Istati Membri f'konformità mal-Konvenzjoni ta' Aarhus. Din tiġbor fiha obbligi ġenerali relatati kemm mal-għoti tat-tagħrif ambjentali fuq talba kif ukoll mat-tixrid ta' dan it-tagħrif b'mod attiv. Id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³² ukoll għandha kamp ta' applikazzjoni wiesa', u tkopri l-kondiviżjoni tal-informazzjoni ġeografika, inklużi settijiet ta' dejta dwar suġġetti ambjentali differenti. Huwa importanti li d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva dwar l-aċċess għall-informazzjoni u l-arranġamenti tal-kondiviżjoni tad-dejta jikkumplementaw dawk id-Direttivi, u li dawn ma johlqux sistema legali separata. Għalhekk, id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva dwar l-informazzjoni għall-pubbliku u dwar l-informazzjoni fuq il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għad-Direttivi 2003/4/KE u 2007/2/KE.
- (23) Id-Direttiva 98/83/KE ma stabbilixxiet obbligi ta' rappurtar għall-fornituri tal-ilma ż-żgħar. Biex din is-sitwazzjoni tiġi rimedjata, u biex tiġi indirizzata l-ħtieġa għal informazzjoni dwar l-implimentazzjoni u l-konformità, għandha tiddaħħal sistema ġdida skont liema l-Istati Membri jridu jstabbilixxu, jaġġornaw b'mod kontinwu u jqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni u l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent settijiet ta' dejta li jkun fihom biss dejta rilevanti, bħalma huma okkorrenzi meta jinqabżu l-valuri parametriċi u inċidenti ta' ċerta importanza. Dan għandu jiżgura li l-piż amministrattiv fuq l-entitajiet kollha jibqa' limitat kemm jista' jkun. Biex jiżguraw infrastruttura xierqa għall-aċċess pubbliku, għar-rappurtar u għall-kondiviżjoni tad-dejta bejn l-awtoritajiet pubbliċi, l-Istati Membri għandhom jibbażaw l-ispeċifikazzjonijiet tad-dejta fuq id-Direttiva 2007/2/KE u fuq l-atti ta' implimentazzjoni tagħha.
- (24) Id-dejta rrappurtata mill-Istati Membri mhijiex meħtieġa biss għall-finijiet ta' verifika tal-konformità iżda hija essenzjali wkoll biex il-Kummissjoni tkun tista' timmonitorja u tivvaluta l-prestazzjoni tal-leġiżlazzjoni billi tqabbilha mal-għanijiet li trid tikseb sabiex tinforma kwalunkwe valutazzjoni futura tal-leġiżlazzjoni f'konformità mal-paragrafu 22 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea tat-13

³¹ Id-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/313/KEE (ĠU L 41, 14.2.2000, p. 26).

³² Id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Infurmazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (Inspire) (ĠU L 108, 25.4.2007, p. 1).

ta' April 2016³³. F'dan il-kuntest, hemm hteġa għal dejta rilevanti li tippermetti valutazzjoni aħjar tal-effiċjenza, tal-effettività, tar-rilevanza u tal-valur miżjud tal-UE tad-Direttiva, u huwa proprju għalhekk li hemm bżonn li jiġu żgurati mekkaniżmi xierqa ta' rappurtar li jistgħu jservu wkoll bħala indikaturi għal evalwazzjonijiet futuri ta' din id-Direttiva.

- (25) Skont il-paragrafu 22 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet, jenħtieġ li l-Kummissjoni twettaq evalwazzjoni ta' din id-Direttiva f'ċertu perjodu ta' żmien li jibda mid-data stipulata għat-traspożizzjoni tagħha. Dik l-evalwazzjoni għandha tkun ibbażata fuq esperjenza miksuba u fuq dejta miġbura matul l-implimentazzjoni tad-Direttiva, fuq dejta xjentifika, analitika, epidemjoloġika rilevanti u fuq kwalunkwe rakkomandazzjonijiet disponibbli tad-WHO.
- (26) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. B'mod partikolari, din id-Direttiva għandha l-għan li tippromwovi l-prinċipji relatati mal-kura tas-saħħa, mal-aċċess għal servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali, mal-ħarsien tal-ambjent u mal-protezzjoni tal-konsumatur.
- (27) Kif stabbilixxiet il-Qorti tal-Ġustizzja f'ħafna okkażjonijiet, fil-prinċipju, l-esklużjoni tal-possibbiltà li obbligu impost minn direttiva ma jkunx jista' jiġi invokat minn persuni konċernati, mhux kompatibbli mal-effett vinkolanti mogħti lil direttiva bit-tielet paragrafu tal-Artikolu 288 tat-Trattat. Dik il-konsiderazzjoni tapplika, b'mod partikolari, b'rabta ma' direttiva li għandha l-oġġettiv li tħares is-saħħa tal-bniedem mill-effetti ħżiena ta' kull tniġġis ta' ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem. Għalhekk, skont il-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni pubblika fit-teħid ta' deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali³⁴, il-membri kkonċernati tal-pubbliku għandu jkollhom aċċess għall-ġustizzja sabiex jikkontribwixxu għall-ħarsien tad-dritt li wieħed jgħix f'ambjent li huwa xieraq għas-saħħa u l-benesseri personali. Barra minn hekk, fejn għadd kbir ta' persuni jkunu f'"sitwazzjoni ta' dannu ta' massa", minħabba l-istess prattiki illegali relatati mal-ksur tad-drittijiet mogħtija minn din id-Direttiva, dawn il-persuni jenħtieġ ikollhom il-possibbiltà li jużaw mekkaniżmi ta' rimedju kollettiv, fejn dawn il-mekkaniżmi jkunu ġew stabbiliti mill-Istati Membri skont ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2013/396/UE³⁵.
- (28) Sabiex din id-Direttiva tiġi adattata għall-progress xjentifiku u tekniku jew sabiex jiġu speċifikati rekwiżiti ta' monitoraġġ għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-perikli u tal-valutazzjoni tar-riskju tad-distribuzzjoni domestika, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat għandha tiġi delegata lill-Kummissjoni biex din temenda l-Annessi I sa IV ta' din id-Direttiva. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, anke fil-livell ta' esperti, u li daww il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija

³³ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

³⁴ ĠU L 124, 17.5.2005, p. 4.

³⁵ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Ġunju 2013 dwar prinċipji komuni għal mekkaniżmi ta' rimedju kollettiv ta' inġunzjoni u kumpensatorji fl-Istati Membri li jirrigwardaw il-ksur tad-drittijiet skont il-Liġi tal-Unjoni (ĠU L 201, 26.7.2013, p. 60).

ta' atti delegati. Barra minn hekk, minħabba l-adozzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2013/51/Euratom³⁶, is-setgħa mogħtija stipulata fin-Nota 10 tal-Parti C tal-Anness I tad-Direttiva 98/83/KE sabiex jiġu stabbiliti l-frekwenzi tal-monitoraġġ u l-metodi ta' monitoraġġ għal sustanzi radjuattivi ma għadhiex tapplika, u għalhekk għandha titħassar. Is-setgħa mogħtija stipulata fit-tieni paragrafu tal-parti A tal-Anness III tad-Direttiva 98/83/KE rigward l-emendi tad-Direttiva m'għadhiex meħtieġa, u għalhekk għandha titħassar.

- (29) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħat ta' implimentazzjoni għall-adozzjoni tal-format tal-informazzjoni dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, u għall-adozzjoni tal-modalitajiet għall-preżentazzjoni ta' dik l-informazzjoni, li għandha tingħata lill-persuni kollha li lilhom jiġi pprovdut l-ilma. Il-Kummissjoni għandha tingħata wkoll is-setgħat ta' implimentazzjoni għall-adozzjoni tal-format tal-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta mill-Istati Membri u li għandha tiġi kkompilata mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, u għall-adozzjoni tal-modalitajiet għall-preżentazzjoni ta' dik l-informazzjoni. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁷.
- (30) Mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti tad-Direttiva 2008/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁸, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli dwar il-pieni li huma applikabbli b'rabta mal-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, u għandhom jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-penali għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissuażivi.
- (31) Id-Direttiva 2013/51/Euratom tistabbilixxi arranġamenti speċifiċi għall-monitoraġġ ta' sustanzi radjuattivi fl-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem. Għalhekk, din id-Direttiva ma għandhiex tistabbilixxi valuri parametriċi b'rabta mar-radjuattività.
- (32) Peress li l-oġġettiv ta' din id-Direttiva, jiġifieri l-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda, minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni, jista' pjuttost jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-oġġettivi.
- (33) L-obbligu tat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva fil-liġi nazzjonali għandu jkun limitat għal dawk id-dispożizzjonijiet li jirrappreżentaw emenda sostantiva meta mqabbel mad-Direttivi preċedenti. L-obbligu tat-traspożizzjoni tad-dispożizzjonijiet li mhumiex mibdula jirriżulta mid-Direttivi preċedenti.
- (34) Din id-Direttiva għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri rigward il-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali tad-Direttivi stabbiliti fil-Parti B tal-Anness V,

³⁶ Id-Direttiva tal-Kunsill 2013/51/Euratom tat-22 ta' Ottubru 2013 li tistabbilixxi rekwiżiti għall-protezzjoni tas-saħħa tal-pubbliku ġenerali fir-rigward ta' sustanzi radjuattivi fl-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 296, 7.11.2013, p. 12).

³⁷ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

³⁸ Id-Direttiva 2008/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 328, 6.12.2008, p. 28).

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Għan

1. Din id-Direttiva hi dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem.
2. L-għan ~~ta' id-Direttiva~~ ta' din id-Direttiva għandu jkun dak li s-saħħa tal-bniedem tiġi mħarsa mill-effetti ħżiena ta' kwalunkwe ~~tniġġiż~~ tniġġis tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem billi jkun żgurat li dan ikun nadif u tajjeb.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva:

1. "ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem" tfisser: ~~(a)~~ l-ilma kollu, fl-istat oriġinali tiegħu jew wara trattament, maħsub għax-xorb, tisjir, tħejjija ⇒ jew produzzjoni ⇐ tal-ikel u għanijiet oħra domestiċi ⇒ kemm f'postijiet pubbliċi kif ukoll f'postijiet privati ⇐, irrispettivament minn minn fejn geġ u minn jekk huwiex provvist minn network ta' distribuzzjoni, ⊗ provvist minn ⊗ tank, jew, ⇒ għal ilma tan-nixxieġha, imqiegħed ⇐ ġo fliexken ~~jew recipienti~~.
- ~~(b) l-ilma kollu użat fi kwalunkwe impriża li tipproduċi l-ikel għall-manifattura, proċessar, preservazzjoni jew marketing ta' prodotti jew sustanzi maħsuba għall-konsum mill-bniedem sa kemm l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti m'humhiex konvinti li l-kwalità ta' l-ilma ma tkunx sa taffettwa t-tjubija għas-saħħa ta' l-ikel lest;~~
2. "sistema ta' distribuzzjoni domestika" tfisser is-sistema ta' pajpijiet, fittings u appliances oħra li huma stallati bejn il-viti li huma normalment użati għall-konsum mill-bniedem ⇒ kemm f'postijiet pubbliċi kif ukoll f'postijiet privati ⇐ u r-retikolat ta' distribuzzjoni imma biss jekk dawn ma jaqgħux taħt ir-responsabbiltà ta' min jipprovdi l-ilma, skont il-liġi nazzjonali relevanti.

3. "fornitur tal-ilma" tfisser entità li bħala medja tforni mill-inqas 10 m³ ta' ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem kuljum.
4. "fornitur tal-ilma żgħir" tfisser fornitur tal-ilma li jforni inqas minn 500 m³ ta' ilma kuljum jew li jservi inqas minn 5 000 persuna.
5. "fornitur tal-ilma kbir" tfisser fornitur tal-ilma li jforni mill-inqas 500 m³ ta' ilma kuljum jew li jservi mill-inqas 5 000 persuna.
6. "fornitur tal-ilma kbir ħafna" tfisser fornitur tal-ilma li jforni mill-inqas 5 000 m³ ta' ilma kuljum jew li jservi mill-inqas 50 000 persuna.

7. “postijiet ta’ prijorità” tfisser binjiet kbar b’ħafna utenti li potenzjalment jistgħu jkunu esposti għal riskji relatati mal-ilma, bħal sptarijiet, istituzzjonijiet tal-kura tas-saħħa, binjiet b’faċilità ta’ akkomodazzjoni, istituzzjonijiet penali u żoni għall-ikkampjar, kif identifikati mill-Istati Membri.
8. “gruppi vulnerabbli u emarġinati” tfisser persuni iżolati mis-soċjetà, bħala riżultat ta’ diskriminazzjoni jew ta’ nuqqas ta’ aċċess għal drittijiet, riżorsi jew opportunitajiet, u li huma aktar esposti għal firxa ta’ riskji possibbli relatati mas-saħħa tagħhom, mas-sigurtà tagħhom, man-nuqqas ta’ edukazzjoni, mal-involviment tagħhom fi Prattiki li jagħmlu ħsara, jew ma’ riskji oħra, meta mqabbel mal-bqija tas-soċjetà.

↓ 1998/83 (adattat)

Artikolu 3

Eżenzjonijiet

1. Din id-Direttiva m'għandhiex tapplika għal:
- (a) ilmijiet minerali naturali magħrufin bħala tali ~~mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, skont id-Direttiva tal-Kunsill 80/777/KEE tal-15 ta' Lulju 1980 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri relatati ma' l-esplorazzjoni u l-marketing ta' l-ilmijiet minerali naturali~~³⁹ mill-awtorità responsabbli, kif imsemmija fid-Direttiva 2009/54/KE;

↓ 1998/83

- (b) ilmijiet li huma prodotti mediċinali skont it-tifsira ~~skont kif infisser fid-Direttiva tal-Kunsill 65/65/KEE tas-26 ta' Jannar 1965 dwar l-approssimazzjoni tad-dispożizzjonijiet stabbiliti b'liġi, regolamenti jew azzjoni amministrattiva relatata mal-prodotti mediċinali~~⁴⁰ tad-Direttiva 2001/83/KE.

↓ 1998/83

2. L-Istati Membri jistgħu jeżentaw mid-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva:
- (a) ilma maħsub esklussivament għal dawg l-għanijiet li għalihom l-awtoritajiet kompetenti huma sodisfatti li l-kwalità tal-ilma m'għandux influwenza, la diretta u lanqas indiretta, fuq is-saħħa tal-konsumaturi konċernati;
- (b) ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem li jkun ġej minn provvista individwali li ttiprovdi medja ta' inqas minn 10 metri kubi kuljum jew li sservi inqas minn 50 persuna, sakemm l-ilma ma jkunx provvist bħala parti minn attività kummerċjali jew pubblika.
3. L-Istati Membri li jirrikorru għall-eżenzjonijiet imsemmija fil-Paragrafu 2(b) għandhom jiżguraw li l-popolazzjoni konċernata tiġi mgħarrfa dwar dan u dwar kwalunkwe azzjoni li tista' tittieħed biex ttiproteġi s-saħħa tal-bniedem minn effetti

³⁹ ~~ĠU L 229, 30.8.1980, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva 96/70/KE (ĠU L 299, tat-23.11.1996, p. 26).~~

⁴⁰ ~~ĠU C 22 tad-9.2.1965, p. 369. Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva 93/39/KEE (ĠU L 214, ta' l-24.8.1993, p. 22).~~

ħżiena ~~kawżati~~ kkawżati minn kwalunkwe ~~tniġġiż~~ tniġġis ta' ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem. Barra minn hekk, meta jkun evidenti li hemm ħsara potenzjali għas-saħħa tal-bniedem geġja mill-kwalità ta' dan l-ilma, il-popolazzjoni konċernata għandha tiġi mgħarrfa ~~minnufih~~ minnufih.

↓ 1998/83 (adattat)
⇒ ġdid

Artikolu 4

Obbligi Ġenerali

1. Mingħajr preġudizzju lejn l-obbligi ta' għom skont dispożizzjonijiet ~~tal-Komunità~~ oħra tal-Unjoni oħra, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem huwa nadif u tajjeb għas-saħħa. Għall-għanijiet tar-rekwiżiti minimi ta' din id-Direttiva, l-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem għandu jkun tajjeb għas-saħħa u nadif jekk oħra jissodisfa l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin oħra :
 - (a) ma jkunx fih mikro-organismi u parassiti u sustanzi li, f'numri jew konċentrazzjonijiet, jistgħu jkunu ta' periklu għas-saħħa tal-bniedem; ~~u~~
 - (b) ~~jilħaq il-ħtiġiet~~ jissodisfa r-rekwiżiti minimi ~~minn~~ stabbiliti fil-Partijiet A u B tal-Anness I ~~fl-Anness I, Partijiet A u B;~~
~~u jekk, skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Artikoli 5 sa 8 u 10 u skont it-Trattat,~~
 - (c) l-Istati Membri ~~jieldu~~ oħra jkunu ~~ħadu~~ oħra l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li l-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem ~~jaqbel~~ oħra jikkonformaw oħra ~~mal-ħtiġiet~~ mar-rekwiżiti ⇒ stabbiliti fl-Artikoli 5 sa 12 ~~oħra~~ ta' din id-Direttiva.
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri meħuda biex tiġi implimentata din id-Direttiva fl-ebda ċirkostanzi ma jippermettu, direttament jew indirettament, ~~la~~ xi tnaqqis tal-kwalità preżenti tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem ~~fejn għandha x-taqsam il-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem~~ u lanqas xi żieda fit-tniġġis ta' ilmijiet użati għall-produzzjoni tal-ilma ~~tax-xorb~~ ⇒ maħsub għall-konsum mill-bniedem ~~oħra~~ .

Artikolu 5

Standards tal-Kwalità

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu valuri applikabbli għall-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem għall-parametri ~~minn~~ stipulati fl-Anness I oħra , li m'għandhomx ikunu inqas stretti mill-valuri stipulati fl-istess Anness oħra .
- ~~2. Il-valuri stabbiliti skond il-paragrafu 1 m'għandhomx ikunu anqas stretti minn dawk dikjarati fl-Anness I. Rigward il-parametri ddikjarati fil-Parti C ta' l-Anness I, il-valuri għandhom bżonn ikunu fissati biss għal skopijiet ta' kontrolli u għall-ħarsien ta' l-obligazzjonijiet imposti fl-Artikolu 8.~~
- ~~2.3.~~ Stat Membru għandu jistabbilixxi valuri għal parametri oħra mhux inklużi fl-Anness I jekk dan ikun meħtieġ għall-ħarsien tas-saħħa ~~tal-bnedmin~~ tal-bniedem fit-territorju

nazzjonali tiegħu jew ~~parti f'parti~~ minnu. Il-valuri stabbiliti għandhom, tal-inqas, ~~iħarsu l-ħtiġiet~~ jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 4(1)(a).

Artikolu 6

Punt ta' konformità

~~1.~~ Il-valuri parametriċi stabbiliti skont l-Artikolu 5 ~~⇒ għall-parametri mniżżla fl-Anness I, partijiet A u B, ⇐ għandhom jiġu mħarsa:~~

(c) fil-każ ta' ilma provvist minn retikolat ta' distribuzzjoni, fil-punt „f'post jew fi stabbiliment~~u~~ li ~~fi~~ minnu joħroġ mill-viti li huma normalment użati għall-konsum mill-bniedem;

(d) fil-każ ta' ~~l-ilma~~ ilma provvist minn tank, fil-punt fejn joħroġ mit-tank;

(e) fil-każ ta' ~~⇒ ilma tan-nixxiegħa ⇐ ilma imqiegħed fi fliexken jew reċepjenti maħsuba għall-bejgħ,~~ fil-punt li fih l-ilma huwa mqiegħed fi fliexken ~~jew reċepjenti.~~

~~(d) fil-każ ta' l-ilma użat f'impriża ta' produzzjoni ta' l-ikel, fil-punt li fih l-ilma huwa użat fl-impriża.~~

~~2. Fil-każ ta' l-ilma kopert mill-paragrafu 1(a), l-Istati Membri għandhom jitqiesu li jissodisfaw l-obligi tagħhom skond dan l-Artikolu u skond l-Artikoli 4 u 8(2) fejn jista' jkun stabbilit li nuqqas ta' konformità mal-valuri parametriċi magħmulin skond l-Artikolu 5 ikun ġej mis-sistema ta' distribuzzjoni domestika jew mill-manutenzjoni tagħha blief fi stabbilimenti fejn l-ilma huwa servut lill-pubbliku, bħal skejġel, spartarijiet u restoranti.~~

~~3. Fejn paragrafu 2 japplika u hemm riskju li l-ilma kopert mill-paragrafu 1(a) ma jkunx konformi mal-valuri parametriċi stabbiliti skond l-Artikolu 5, l-Istati Membri xorta waħda għandhom jiżguraw li:~~

~~(a) jittieħdu miżuri xierqa biex inaqqsu jew jeliminaw ir-riskju ta' nuqqas ta' konformità mal-valuri parametriċi, fosthom billi jiggwidaw lis-sidien ta' propjeta' fuq kwalunkwe azzjoni korrettiva possibbli li dawn ikunu jistgħu jieħdu, u/jew~~

~~jittieħdu miżuri oħra, fosthom metodi xierqa ta' trattament, biex titbiddillu n-natura jew il-karatteristiċi ta' l-ilma qabel ma dan ikun provvist sa biex jitnaqqas jew jiġi eliminat ir-riskju li l-ilma ma jaqbilx ma jkunx konformi mal-valuri parametriċi wara l-provvista.~~

~~u~~

~~(b) il-konsumaturi konċernati ikunu mgħarrfa u iggwidati dwar kwalunkwe azzjoni korrettiva li għandhom jieħdu.~~

Artikolu 7

L-approċ ibbażat fuq ir-riskju għas-sikurezza tal-ilma

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-provvista, it-trattament u d-distribuzzjoni tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem huma soġġetti għal approċ ibbażat fuq ir-riskju li jikkonsisti mill-elementi li ġejjin:
 - (f) valutazzjoni tal-perikli ta' korpi tal-ilma użati għall-astrazzjoni ta' ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, f'konformità mal-Artikolu 8;
 - (g) valutazzjoni tar-riskju tal-provvista mwettqa mill-fornituri tal-ilma għall-finijiet tal-monitoraġġ tal-kwalità tal-ilma li jfornu, f'konformità mal-Artikolu 9 u mal-Parti C tal-Anness II;
 - (h) valutazzjoni tar-riskju tad-distribuzzjoni domestika, f'konformità mal-Artikolu 10.
2. Il-valutazzjonijiet tal-perikli għandhom jitwettqu sa [3 snin wara l-iskadenza għat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva]. Dawn għandhom jiġu riveduti kull 3 snin, u għandhom jiġu aġġornati skont kif meħtieġ.
3. Il-fornituri tal-ilma kbar ħafna u l-fornituri tal-ilma kbar għandhom iwettqu valutazzjonijiet tar-riskju tal-provvista sa [3 snin wara l-iskadenza għat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva], filwaqt li l-fornituri tal-ilma ż-żgħar għandhom iwettqu valutazzjonijiet tar-riskju sa [6 snin wara l-iskadenza għat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva]. Dawn għandhom jiġu riveduti f'intervalli regolari mhux itwal minn 6 snin, u għandhom jiġu aġġornati skont kif meħtieġ.
4. Il-valutazzjonijiet tar-riskju tad-distribuzzjoni domestika għandhom jitwettqu sa [3 snin wara l-iskadenza għat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva]. Dawn għandhom jiġu riveduti kull 3 snin, u għandhom jiġu aġġornati skont kif meħtieġ.

Artikolu 8

Valutazzjoni tal-perikli ta' korpi tal-ilma użati għall-astrazzjoni ta' ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 6 u 7 tad-Direttiva 2000/60/KE, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li titwettaq valutazzjoni tal-perikli li tkopri l-korpi tal-ilma li jintużaw għall-astrazzjoni ta' ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem li bħala medja jipprovdu aktar minn 10 m³ kuljum. Il-valutazzjoni tal-perikli għandha tinkludi l-elementi li ġejjin:
 - (i) l-identifikazzjoni tal-punti kollha ta' astrazzjoni, kif ukoll ir-referenzi ġeografiċi tagħhom, fil-korpi tal-ilma koperti mill-valutazzjoni tal-perikli;
 - (j) l-immappjar ta' żoni ta' salvagwardja, meta daww iż-żoni jkunu ġew stabbiliti skont l-Artikolu 7(3) tad-Direttiva 2000/60/KE, u ż-żoni protetti msemmija fl-Artikolu 6 ta' dik id-Direttiva;

- (k) l-identifikazzjoni tal-perikli u tas-sorsi possibbli ta' tniġġis li jaffettwaw il-korpi tal-ilma koperti mill-valutazzjoni tal-perikli. Għal dak l-għan, l-Istati Membri jistgħu jagħmlu użu mir-rieżami tal-impatt tal-attività tal-bniedem imwettaq skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2000/60/KE u mill-informazzjoni dwar pressjonijiet sinifikanti miġbura skont il-punt 1.4 tal-Anness II ta' dik id-Direttiva;
- (l) il-monitoraġġ b'mod regolari tal-korpi tal-ilma koperti mill-valutazzjoni tal-perikli għas-sustanzi niġġiesa magħżula mil-listi li ġejjin:
 - (i) il-parametri elenkati fil-Partijiet A u B tal-Anness I ta' din id-Direttiva;
 - (ii) sustanzi niġġiesa fl-ilma ta' taħt l-art elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2006/118/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴¹, u sustanzi niġġiesa u indikaturi tat-tniġġis li għalihom il-valuri ta' limitu ġew stabbiliti mill-Istati Membri skont l-Anness II ta' dik id-Direttiva;
 - (iii) sustanzi ta' prijorità u ċerti sustanzi niġġiesa oħrajn elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2008/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴²;
 - (iv) sustanzi niġġiesa oħra rilevanti, bħal pereżempju mikroplastiki, jew sustanzi niġġiesa speċifiċi tal-baċiri tax-xmajjar stabbiliti mill-Istati Membri abbażi tar-rieżami tal-impatt tal-attività tal-bniedem imwettaq skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2000/60/KE u skont l-informazzjoni dwar pressjonijiet sinifikanti miġbura skont il-punt 1.4 tal-Anness II ta' dik id-Direttiva;

L-Istati Membri għandhom jagħżlu minn fost il-punti (i) sa (iv) għall-monitoraġġ tal-parametri, tas-sustanzi jew tas-sustanzi niġġiesa li huma kkunsidrati bħala rilevanti fid-dawl tal-perikli identifikati skont il-punt (c), jew fid-dawl tal-informazzjoni pprovduta mill-fornituri tal-ilma skont il-paragrafu 2.

Għall-fini tal-monitoraġġ b'mod regolari, l-Istati Membri jistgħu jagħmlu użu mill-monitoraġġ imwettaq skont leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni.

2. Dawk il-fornituri tal-ilma li jimmonitorjaw l-ilma tagħhom mhux ittrattat għal skopijiet ta' monitoraġġ operazzjonali għandhom ikunu meħtieġa jinfurmaw lill-awtoritajiet kompetenti dwar xejriet u dwar konċentrazzjonijiet mhux tas-soltu ta' parametri, sustanzi jew sustanzi niġġiesa li jkunu qed jiġu mmonitorjati.
3. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-fornituri tal-ilma li jkunu qed jużaw il-korp tal-ilma kopert mill-valutazzjoni tal-perikli dwar ir-riżultati tal-monitoraġġ imwettaq skont il-paragrafu 1(d) u, fuq il-bażi ta' dawn ir-riżultati ta' monitoraġġ, jistgħu:
 - (m) jeħtieġu li l-fornituri tal-ilma jwettqu monitoraġġ jew trattament addizzjonali ta' ċerti parametri;
 - (n) jippermettu lill-fornituri jnaqqsu l-frekwenza tal-monitoraġġ ta' ċerti parametri, mingħajr ma jkunu meħtieġa jwettqu valutazzjoni tar-riskju tal-provvista,

⁴¹ Id-Direttiva 2006/118/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar il-protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art kontra t-tniġġis u d-deterjorament (ĠU L 372, 27.12.2006, p. 19).

⁴² Id-Direttiva 2008/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards ta' kwalità ambjentali fil-qasam tal-politika tal-ilma, li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 82/176/KEE, 83/513/KEE, 84/156/KEE, 84/491/KEE, 86/280/KEE u li temenda d-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 348, 24.12.2008, p. 84).

sakemm ma jkunux parametri ewlenin skont it-tifsira tal-punt 1 tal-Parti B tal-Anness II, u sakemm ma jkun hemm l-ebda fattur li jista' jiġi antiċipat b'mod raġonevoli li x'aktarx li jista' jikkawża deterjorazzjoni tal-kwalità tal-ilma.

4. F'każijiet fejn fornitur tal-ilma jkun jista' jnaqqas il-frekwenza tal-monitoraġġ kif imsemmi fil-paragrafu 2(b), l-Istati Membri għandhom ikomplu jimmonitorjaw, b'mod regolari, dawk il-parametri fil-korp tal-ilma kopert mill-valutazzjoni tal-perikli.
5. Fuq il-bażi tal-informazzjoni kkompilata skont il-paragrafi 1 u 2 u miġbura skont id-Direttiva 2000/60/KE, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri li ġejjin f'kooperazzjoni mal-fornituri tal-ilma u ma' partijiet ikkonċernati oħrajn, jew jiżguraw li dawk il-miżuri jittieħdu mill-fornituri tal-ilma:
 - (o) miżuri ta' prevenzjoni sabiex jitnaqqas il-livell ta' trattament u biex tiġi salvagwardjata l-kwalità tal-ilma, inklużi l-miżuri msemmija fl-Artikolu 11(3)(d) tad-Direttiva 2000/60/KE;
 - (p) miżuri ta' mitigazzjoni, li huma meqjusa bħala meħtieġa fuq il-bażi tal-monitoraġġ imwettaq skont il-paragrafu 1(d), sabiex jiġi identifikat u indirizzat is-sors tat-tniġġis.

L-Istati Membri għandhom iwettqu rieżami ta' kull miżura ta' dan it-tip fuq bażi regolari.

Artikolu 9

Valutazzjoni tar-riskju tal-provvista

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-fornituri tal-ilma jwettqu valutazzjoni tar-riskju tal-provvista li tipprevedi l-possibbiltà li tiġi aġġustata l-frekwenza tal-monitoraġġ għall-parametri individwali elenkati fil-Partijiet A u B tal-Anness I li mhumiex parametri ewlenin skont il-parti B tal-Anness II, skont l-okkorrenza tagħhom fl-ilma mhux ittrattat.

Għal dawk il-parametri, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-fornituri tal-ilma jistgħu jiddevjaw mill-frekwenzi tal-kampjunar stipulati fil-Parti B tal-Anness II, f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet stabbiliti fil-Parti C tal-Anness II.

Għal dak l-għan, il-fornituri tal-ilma għandhom ikunu meħtieġa jqisu r-riżultati tal-valutazzjoni tal-perikli mwettqa skont l-Artikolu 8 ta' din id-Direttiva u r-riżultati tal-monitoraġġ imwettaq skont l-Artikolu 7(1) u l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2000/60/KE.
2. Il-valutazzjonijiet tar-riskju tal-provvista għandhom jiġu approvati mill-awtoritajiet kompetenti.

Artikolu 10

Valutazzjoni tar-Riskju tad-Distribuzzjoni Domestika

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li titwettaq valutazzjoni tar-riskju tad-distribuzzjoni domestika, li għandha tinkludi l-elementi li ġejjin:
 - (q) valutazzjoni tar-riskji potenzjali assoċjati mas-sistemi ta' distribuzzjoni domestika, u mal-prodotti u l-materjali relatati, fejn jiġi indikat jekk dawn

jaffettwawx il-kwalità tal-ilma fil-punt fejn joħroġ mill-viti li normalment jintużaw għall-konsum mill-bniedem, b'mod partikolari fejn l-ilma jiġi fornut lill-pubbliku f'postijiet ta' prijorità;

- (r) monitoraġġ regolari tal-parametri elenkati fil-Parti C tal-Anness I, f'postijiet fejn il-periklu potenzjali għas-saħħa tal-bniedem huwa meqjusa bħala tal-ogħla livell. Il-parametri rilevanti u l-postijiet għall-monitoraġġ għandhom jintgħażlu fuq il-bażi tal-valutazzjoni mwettqa skont il-punt (a).

Rigward il-monitoraġġ regolari msemmi fl-ewwel subparagrafu, l-Istati Membri jistgħu jstabilixxu strateġija ta' monitoraġġ li tiffoka fuq il-postijiet ta' prijorità;

- (s) verifika rigward jekk il-prestazzjoni ta' prodotti għall-bini li jiġu f'kontatt mal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem hijiex xierqa b'rabta mal-karatteristiċi essenzjali relatati mar-rekwiżit bażiku għax-xogħlijiet tal-bini speċifikat fil-punt 3(e) tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 305/2011.

2. Meta l-Istati Membri jikkunsidraw, abbażi tal-evalwazzjoni mwettqa skont il-paragrafu 1(a), li hemm riskju għas-saħħa tal-bniedem li tirriżulta mis-sistemi ta' distribuzzjoni domestika jew mill-prodotti u l-materjali relatati, jew meta l-monitoraġġ imwettaq skont il-paragrafu 1(b) juri li l-valuri parametriċi stabbiliti fil-Parti C tal-Anness I ma jkunux ġew issodisfati, l-Istati Membri għandhom:

- (t) jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiġi eliminat jew jitnaqqas ir-riskju ta' nuqqas ta' konformità mal-valuri parametriċi stipulati fil-Parti C tal-Anness I;
- (u) jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li l-migrazzjoni ta' sustanzi jew ta' sustanzi kimiċi minn prodotti għall-bini użati fit-tħejjija jew fid-distribuzzjoni tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem ma tkunx ta' periklu għas-saħħa tal-bniedem, la direttament u lanqas indirettament;
- (v) jieħdu miżuri oħra, bħal metodi xierqa ta' kondizzjonament, f'kooperazzjoni mal-fornituri tal-ilma, biex jitbiddlu n-natura jew il-karatteristiċi tal-ilma qabel ma dan jiġi fornut sabiex jitnaqqas jew jiġi eliminat ir-riskju ta' nuqqas ta' konformità mal-valuri parametriċi wara l-provvista;
- (w) jinfurmaw b'mod debitu u jgħarrfu lill-konsumaturi dwar il-kundizzjonijiet tal-konsum u l-użu tal-ilma, u dwar azzjoni possibbli biex jiġi evitat li r-riskju jerġa' jseħħ;
- (x) jorganizzaw taħriġ għall-plamers u għal professjonisti oħra involuti fis-sistemi ta' distribuzzjoni domestika u fl-installazzjoni ta' prodotti għall-bini;
- (y) b'rabta mal-*Legionella*, jiżguraw li jkun hemm fis-seħħ miżuri effettivi ta' kontroll u ġestjoni sabiex jiġu pprevjenuti u indirizzati okkorrenzi possibbli ta' tifqigħat ta' mard.

↓ 1998/83 (adattat)

Artikolu 117

Kontrolli

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li jsiru kontrolli regolari tal-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, biex jaraw li l-ilma disponibbli għall-konsumaturi ~~jilħaq il-ħtiġiet~~ jissodisfa r-rekwiżiti ta' din id-Direttiva u partikolarment il-valuri parametriċi dikjarati skont l-Artikolu 5. ~~Idu~~ Għandhom jittieħdu kampjuni rappreżentattivi tal-kwalità tal-ilma ~~kkunsmat~~ ~~konsmat~~ matul is-sena. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li, fejn id-diżinfettazzjoni hi parti mill-preparazzjoni jew distribuzzjoni tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, l-effiċjenza tad-diżinfettazzjoni hi verifikata, u li kwalunkwe ~~tniġġis~~ ~~tniġġis~~ minn sustanzi prodotti mill-istess diżinfettazzjoni jinżamm baxx kemm jista' jkun mingħajr ma jikkomprometti d-diżinfettazzjoni.

↓ 1998/83

⇒ ġdid

2. Biex ~~jintlaħqu l-obbligazzjonijiet~~ jiġu ssodisfati l-obbligi imposti fil-paragrafu 1, ~~programmi addattati ta' kontroll~~ għandhom jiġu stabbiliti ~~programmi xierqa ta' kontroll~~ ⇒ skont il-Parti A tal-Anness II, ~~mill-awtoritajiet kompetenti~~ għall-ilma kollu maħsub għall-konsum mill-bniedem. Dawn il-programmi ta' kontroll għandhom ~~jilħaq il-ħtiġiet minimi stabbiliti fl-Anness II~~ ⇒ jikkonsistu mill-elementi li ġejjin: ⇐

↓ ġdid

- (z) il-monitoraġġ tal-parametri elenkati fil-Partijiet A u B tal-Anness I, u tal-parametri stabbiliti skont l-Artikolu 5(2), skont l-Anness II, u, meta titwettaq valutazzjoni tar-riskju tal-provvista, skont l-Artikolu 9;
- (aa) il-monitoraġġ tal-parametri elenkati fil-Parti C tal-Anness I, għall-finijiet tal-valutazzjoni tar-riskju tad-distribuzzjoni domestika, kif previst fl-Artikolu 10(1)(b);
- (bb) il-monitoraġġ, għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-perikli, kif previst fl-Artikolu 8(1)(d).

↓ 1998/83

3. Il-punti li minnhom jittieħdu l-kampjuni għandhom jiġu determinati mill-awtoritajiet kompetenti u għandhom ~~jilħaq il-ħtiġiet imniżza~~ jissodisfaw ir-rekwiżiti rilevanti stipulati fil-Parti D ~~fl-~~ tal-Anness II.

↓ 596/2009 Artikolu 1 u l-Anness
.2(2)

~~4. Jistgħu jintużaw linji ta' gwida Komunitarji għall-kontrolli preskritti f'dan l-Artikolu f'konformità mal-proċedura tal-amministrazzjoni msemmija fl-Artikolu 12(2).~~

↓ 1998/83 (adattat)

~~45. (a)~~ L-Istati Membri għandhom ikunu konformi mal-ispeċifikazzjonijiet għall-analiżi tal-parametri mniżżla fl-Anness III ☒ , skont il-prinċipji li ġejjin: ☒

~~(a)(b)~~ Jistgħu jintużaw metodi ☒ ta' analiżi ☒ differenti minn dawk speċifikati fil-Parti ~~A1~~ tal-Anness III, sakemm ikun jista' jintwera li r-riżultati miksuba jkunu ta' min joqgħod fuqhom għall-inqas daqs dawk miksuba bil-metodi msemmija speċifikati ☒ billi ☒ L-Istati Membri li jużaw metodi alternattivi għandhom jagħtu lill-Kummissjoni l-Kummissjoni tiġi pprovduta it-tagħrif bit-tagħrif relevanti kollu dwar dawn il-metodi u l-ekwivalenza tagħhom.

~~(b)(c)~~ F'hal dawk il-parametri mniżżla fil-Partijiet ~~2 u 3~~ B tal-Anness III, kull metodu ta' analiżi jista' jintuża jista' jintuża kwalunkwe metodu ta' analiżi sakemm jintlaħqu l-ħtiġiet dan jissodisfa r-rekwiżiti dikjarati fihom.

~~56. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jsiru kontrolli żejda, każ b'każ, fuq sustanzi u mikro-organiżmi li għalihom ma kien stabbilit l-ebda valur parametrik skont l-Artikolu 5, jekk hemm raġuni biex wieħed jaħseb li dawn jistgħu ikunu preżenti f'ammonti jew numri li jikkostitwixxu periklu potenzali għas-saħħa umana tal-bniedem.~~

↓ 1998/83

Artikolu ~~128~~

Azzjoni Korrettiva u restrizzjonijiet fl-użu

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull każ li fih ma jintlaħqux il-valuri parametriċi stabbiliti skont l-Artikolu 5 ikun investigat mill-ewwel ħalli tiġi identifikata l-kawża.
2. Jekk, minkejja l-miżuri meħuda biex jintlaħqu l-obligazzjonijiet imposti fl-Artikolu 4(1), l-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem ma' jilħaqx il-valuri parametriċi stabbiliti skont l-Artikolu 5, ~~u soġġetti għall-Artikolu 6(2)~~, l-Istati Membri konċernati għandhom jiżguraw li tittieħed azzjoni korrettiva mill-iktar fis possibbli biex terġa' tintlaħaq il-kwalità u jagħtu prijorità lill-azzjoni tal-infurzar tagħhom, wara li jkunu ikkunsidraw *inter alia* b'kemm ikun inqabeż il-valur parametrik relevanti u l-ħsara li dan jista' jagħmel lis-saħħa tal-bniedem.

↓ ġdid

F'każ ta' nuqqas ta' konformità mal-valuri parametriċi stipulati fil-Parti C tal-Anness I, l-azzjoni korrettiva għandha tinkludi l-miżuri stipulati fil-punti (a) sa (f) tal-Artikolu 10(2).

↓ 1998/83 (adattat)
⇒ ġdid

3. ~~parametri~~ Irrispettivament minn jekk ~~u sew jekk le~~ ~~ikunu~~ ikunux intlaħqu jew le l-valuri ~~parametri~~ parametriċi ~~u sew jekk le~~, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun ipprobit jew ristrett l-użu ta' kwalunkwe provvista ta' ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem li jista' jkun ta' periklu għas-saħħa tal-bniedem ~~jew~~ u li tittieħed kull azzjoni oħra ta' rimedju ~~li~~ ~~għal din skond kif meħtieġ~~ meħtieġa għall-ħarsien tas-saħħa tal-bniedem. ~~F'dawn il każijiet il-konsumaturi għandhom jiġu mgħarrfa mill-ewwel bihom u mogħtija l-pariri meħtieġa.~~

↓ ġdid

L-Istati Membri għandhom, b'mod awtomatiku, iqisu kwalunkwe nuqqas b'rabta mal-issodisfar tar-rekwiżiti minimi għall-valuri parametriċi stabbiliti fil-Partijiet A u B tal-Anness I bħala periklu potenzjali għas-saħħa tal-bniedem.

4. Fil-każijiet deskritti fil-paragrafi 2 u 3, l-Istati Membri għandhom, kemm jista' jkun malajr, jieħdu l-miżuri kollha li ġejjin:
- (cc) jinnotifikaw lill-konsumaturi affettwati kollha dwar il-periklu potenzjali għas-saħħa tal-bniedem u dwar il-kawża tiegħu, dwar il-qbiż tal-valur parametrik u dwar l-azzjonijiet korrettivi meħuda, inklużi l-projbizzjoni, ir-restrizzjoni jew azzjonijiet oħra;
 - (dd) jagħtu, u jaġġornaw b'mod regolari, pariri lill-konsumaturi rigward il-konsum u l-kundizzjonijiet tal-użu tal-ilma, filwaqt li jiġu kkunsidrati b'mod partikolari gruppi vulnerabbli potenzjali;
 - (ee) jinfurmaw lill-konsumaturi ladarba jiġi stabbilit li m'għadx hemm periklu potenzjali għas-saħħa tal-bniedem, u jgħarrfuhom li s-servizz reġa' lura għan-normal.

↓ 1998/83 (adattat)

45. L-awtoritajiet kompetenti jew korpi oħra rilevanti għandhom jiddeċiedu x'azzjoni ~~ta~~ għandha tittieħed skont il-paragrafu 3, waqt li jżommu quddiem għajnejhom ir-riskji għas-saħħa ~~umana~~ tal-bniedem li jinħolqu mit-twaqqif jew restrizzjoni fl-użu ta' ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem.
- ~~5. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu linji ta' gwida biex jassisstu lill-awtoritajiet kompetenti biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom skond il-paragrafu 4.~~
- ~~6. F'każ ta' nuqqas ta' konformità mal-valuri parametriċi jew ma' l-ispeċifikazzjonijiet iddikjarati fil-Parti Ċ ta' l-Anness I, l-Istati Membri għandhom jikunsidraw jekk dan in-nuqqas ta' konformità huwiex ta' riskju għas-saħħa tal-bniedem. Għandhom jieħdu azzjoni korrettiva biex titjieb il-kwalità ta' l-ilma meta dan ikun meħtieġ biex tiġi protetta s-saħħa tal-bniedem.~~
- ~~7. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-konsumaturi ikunu mgħarrfa kull meta tittieħed azzjoni korrettiva, ħliet meta l-awtoritajiet kompetenti jaħsbu li n-nuqqas ta' konformità mal-valur parametrik ikun wieħed trivjali.~~

Artikolu 9

Derogi

~~1. L-Istati Membri jistgħu jagħtu derogi mill-valuri parametriċi stabbiliti fil-Parti B ta' l-Anness I, jew skond l-Artikolu 5(3), sa valur massimu li jiddeterminaw huma stess, sakemm l-ebda deroga ma tikkostitwixxi periklu potenzali għas-saħħa tal-bniedem, u sakemm il-provvista ta' l-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem fil-post konċernat ma tkunx tista' tinżamm b'mezzi oħra raġonevoli.~~

~~Id-derogi għandhom jiġu limitati għall-iqsar żmien possibbli u ma għandhomx jaqbu t-tlett snin. Kif iż-żmien tad-deroga joqrob lejn tmiemu, għandha issir reviżjoni li tara jekk sarx progress suffiċjenti. Meta Stat Membru jkun irid jagħti t-tieni deroga, dan għandu jgħarraf lill-Kummissjoni bir-reviżjoni li tkun saret kif ukoll bir-raġunijiet li waslul jagħti t-tieni deroga. It-tieni deroga ma għandhiex taqbeż it-tlett snin.~~

~~2. F'cirkożtanzi eċċezzjonali, Stat Membru jista' jitlob għat-tielet deroga mill-Kummissjoni għal-perjodu li ma jaqbiżx it-tlett snin." "Il-Kummissjoni għandha tiegħu deċiżjoni fuq talba b'hal din fi-żmien tlett xhur."~~

~~3. Kwalunkwe deroga mogħtija skond il-paragrafi 1 jew 2 għandha tispeċifika dan li ġej:~~

~~(ff) ir-raġunijiet għad-deroga;~~

~~(gg) il-parametru konċernat, riziultati rilevanti ta' kontrolli li jkunu saru, u l-valur massimu permissibbli taħt id-deroga;~~

~~(hh) (è) iż-żona ġeografika, il-kwantità ta' l-ilma provduta kull jum, il-popolazzjoni konċernata u jekk tkunx sa-tiġi affetwata xi-mpriża tal-produzzjoni ta' l-ikel;~~

~~(ii) skema xierqa ta' kontroll, b'żieda fil-frekwenza ta' kontroll fejn meħtieġ;~~

~~(jj) Il-pjan fil-qosor ta' l-azzjoni korrettiva meħtieġa, li tinkludi time-table għax-xogħol u stima ta' l-ispejjeż u disposizzjonijiet għar-reviżjoni;~~

~~(kk) it-tul taż-żmien tad-deroga.~~

~~4. Jekk l-awtoritajiet kompetenti iħossu li n-nuqqas ta' konformità mal-valur parametrikum jkun wieħed trivjali, u jekk azzjoni meħuda skond l-Artikolu 8(2) tkun biżżejjed biex tirrimedja l-problema fi-żmien tletin jum, ir-rekwiżiti tal-paragrafu 3 jistgħu ma jiġux applikati.~~

~~F'dak il-każ, l-awtoritajiet kompetenti jew korpi oħra rilevanti għandhom jistabbilixxu biss il-valur massimu permissibbli għall-parametru konċernat u l-ħin allokati għar-rimedju tal-problema.~~

~~5. Wieħed ma għandux iktar jirrikorri għall-paragrafu 4 jekk ikun ġie innutat nuqqas ta' konformità ma' valur parametrikum wieħed għal-provvista partikolari ta' ilma li tkun seħħet f'iktar minn 30 jum fit-12 il-xahar ta' qabel.~~

~~6. Kwalunkwe Stat Membru li jirrikorri għad-derogi provduti f'dan l-Artikolu għandu jiżgura li l-popolazzjoni affetwata minn din id-deroga tiġi mgħarfa fil-ħin u b'mod xieraq dwar id-deroga u l-kondizzjonijiet tagħha. Barra minn hekk l-Istat Membru għandu, fejn meħtieġ, jiżgura li jinagħta tagħrif xieraq lil-gruppi partikolari fil-popolazzjoni li jgħalihom id-deroga tista' tippreżenta riskju speċjali.~~

~~Dawn l-obligi m'għandhomx japplikaw fi- ċirkostanzi deskritti fil-paragrafu 4 sa kemm l-awtoritajiet kompetenti ma jiddeċidux mod iċhor.~~

~~7. Ħlief għal derogi mogħtija skond il-paragrafu 4a, Stat Membru għandu jgħarraf lill-Kummissjoni fi żmien xahrejn bi kwalunkwe derogi li għandhom x'jaqsmu ma' provvista individwali ta' l-ilma b'medja ta' iktar minn 1000 m³ kull jum jew li sservi iktar minn 5000 persuna, inkluż it-tagħrif imsemmi fil-paragrafu 3.~~

~~8. Dan l-Artikolu m'għandux japplika għall-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem offrut għall-bejgħ fi fliexken jew reċipjenti.~~

~~Artikolu 10~~

~~Kontroll fuq il-Kwalità tat-trattament, tagħmir u materjali~~

~~L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li ebda sustanzi jew materjali għal stallazzjonijiet ġodda użati fit-tħejja jew distribuzzjoni ta' l-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem jew impuritajiet li għandhom x'jaqsmu ma' dawn is-sustanzi jew materjali għal stallazzjonijiet ġodda ma jibqgħu fl-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem f'konċentrazzjoni oġġla minn dik meħtieġa għall-użu xieraq tagħhom u li dawn ma jnaqqasux, direttament jew indirettament, il-ħarsien tas-saħħa tal-bniedem kif prevista f'din id-Direttiva; id-dokument ta' interpretazzjoni u d-dettalji tekniċi skont l-Artikolu 3 u l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE tal-21 ta' Diċembru 1988 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri relatati mal-prodotti tal-kostruzzjoni⁴² għandhom iħarsu l-ħtiġiet ta' din id-Direttiva.~~

↓ ġdid

~~Artikolu 13~~

~~Aċċess għall-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem~~

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 9 tad-Direttiva 2000/60/KE, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex itejbu l-aċċess ta' kulħadd għall-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, u biex jippromwovu l-użu tiegħu fit-territorju tagħhom. Dan għandu jinkludi l-miżuri kollha li ġejjin:

(ll) l-identifikazzjoni ta' persuni mingħajr aċċess għal ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem u r-raġunijiet għan-nuqqas ta' aċċess (pereżempju minħabba appartenenza għal gruppi vulnerabbli u emarġinati), l-evalwazzjoni tal-possibiltajiet għat-titjib tal-aċċess għal dawk in-nies u li dawn jiġu infurmati dwar il-possibiltajiet li jiġu konnessi ma' netwerk ta' distribuzzjoni, jew dwar mezzi alternattivi biex ikollhom aċċess għal ilma ta' dan it-tip;

(mm) l-installazzjoni u ż-żamma fuq barra u fuq ġewwa ta' tagħmir għal aċċess ħieles għall-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem fi spazji pubbliċi;

(nn) il-promozzjoni tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem permezz ta' dawn li ġejjin:

⁴³ ĠU L 40, 11.2.1989, p. 12. Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva 93/68/KEE (ĠU L 220, ta' l-30.8.1993, p. 1).

- (i) it-tnedija ta' kampanji biex iċ-ċittadini jiġu infurmati dwar il-kwalità ta' dan l-ilma;
- (ii) it-tħeġġiġ tal-forniment ta' dan l-ilma f'amministrazzjonijiet u f'binjiet pubbliċi;
- (iii) it-tħeġġiġ tal-ġhoti b'xejn ta' ilma ta' dan it-tip f'ristoranti, f'kantins u f'servizzi ta' catering.

2. Fuq il-bażi tal-informazzjoni miġbura skont il-paragrafu 1(a), l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw l-aċċess minn gruppi vulnerabbli u emarġinati għall-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem.

F'każ li daww il-gruppi ma jkollhomx aċċess għall-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, l-Istati Membri għandhom jgħarrfuhom minnufih rigward il-kwalità tal-ilma li jkunu qed jużaw, u rigward kwalunkwe azzjoni li tista' tittieħed biex jiġu evitati l-effetti ħżiena fuq saħħet il-bniedem li jistgħu jirriżultaw minn kwalunkwe tniġġis ta' dak l-ilma.

Artikolu 14

Informazzjoni għall-pubbliku

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fuq l-internet ikun hemm disponibbli, għall-persuni kollha li lilhom jiġi pprovdut l-ilma, informazzjoni xierqa u aġġornata dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, f'konformità mal-Anness IV.
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni kollha li lilhom jiġi pprovdut l-ilma jirċievu, b'mod regolari u tal-anqas darba f'sena, fl-aktar forma xierqa (pereżempju fil-fattura tagħhom jew permezz ta' applikazzjonijiet intelliġenti) u mingħajr ma jkollhom għalfejn jitolbuha, l-informazzjoni li ġejja:
 - (oo) informazzjoni dwar l-istruttura tal-ispejjeż tat-tariffa għal kull metru kubu ta' ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, inklużi l-ispejjeż fissi u daww varjabbli, li tippreżenta tal-inqas l-ispejjeż relatati mal-elementi li ġejjin:
 - (i) il-miżuri meħuda mill-fornituri tal-ilma għall-valutazzjoni tal-perikli skont l-Artikolu 8(5);
 - (ii) it-trattament u d-distribuzzjoni tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem;
 - (iii) il-ġbir u t-trattament tal-ilma mormi;
 - (iv) il-miżuri meħuda skont l-Artikolu 13, f'każ li l-fornituri tal-ilma jkunu ħadu miżuri ta' dak it-tip;
 - (pp) il-prezz għal kull litru u metru kubu ta' ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem fornut;
 - (qq) il-volum ikkunsmat mill-unità domestika, mill-inqas kull sena jew għal kull perjodu tal-kont, flimkien max-xejriet ta' konsum annwali;
 - (rr) tqabbil tal-konsum annwali ta' ilma mill-unità domestika, b'konsum medju għal unità domestika tal-istess kategorija;
 - (ss) ħolqa għas-sit web li jkun fih l-informazzjoni stipulata fl-Anness IV.

Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jispeċifikaw il-format tal-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta skont l-ewwel subparagrafu, kif ukoll il-modalitajiet għall-preżentazzjoni tagħha. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 20(2).

3. Il-paragrafi 1 u 2 huma mingħajr preġudizzju għad-Direttivi 2003/4/KE u 2007/2/KE.

Artikolu 15

Informazzjoni dwar il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni

1. Mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2003/4/KE u għad-Direttiva 2007/2/KE, l-Istati Membri, megħjuna mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, għandhom:

(a) jistabbilixxu, sa ... [6 snin wara l-iskadenza għat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva], u jaġġornaw, kull 6 snin wara dik id-data, sett ta' dejta li jkun fih informazzjoni dwar il-miżuri meħuda skont l-Artikolu 13, u dwar is-sehem tal-popolazzjoni tagħhom li għandu aċċess għal ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem;

(b) jistabbilixxu, sa ... [3 snin wara l-iskadenza għat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva], u jaġġornaw, kull 3 snin wara dik id-data, sett ta' dejta li jkun fih il-valutazzjonijiet tal-periklu u l-valutazzjonijiet tar-riskju tad-distribuzzjoni domestika mwettqa skont l-Artikoli 8 u 10, rispettivament, li jinkludu l-elementi li ġejjin:

(i) il-punti ta' astrazzjoni, identifikati skont l-Artikolu 8(1)(a);

(ii) ir-riżultati tal-monitoraġġ miġbura skont l-Artikolu 8(1)(d) u l-Artikolu 10(1)(b); u

(iii) informazzjoni konċiża dwar il-miżuri meħuda skont l-Artikolu 8(5) u l-Artikolu 10(2);

(c) jistabbilixxu, u jaġġornaw kull sena minn hemm 'il quddiem, sett ta' dejta li jkun fih ir-riżultati tal-monitoraġġ, f'każijiet fejn jinqabżu l-valuri parametriċi stabbiliti fil-Partijiet A u B tal-Anness I, miġbura skont l-Artikoli 9 u 11 u informazzjoni dwar l-azzjonijiet korrettivi meħuda skont l-Artikolu 12;

(d) jistabbilixxu, u jaġġornaw kull sena minn hemm 'il quddiem, sett ta' dejta li jkun fih informazzjoni dwar inċidenti relatati mal-ilma tax-xorb li kkawżaw periklu potenzjali għas-saħħa tal-bniedem, irrISPettivament minn jekk ikunx seħħ jew le xi nuqqas fl-ilħiq tal-valuri parametriċi, li jkun dam għal aktar minn 10 ijiem konsekuttivi u li jkun affettwa mill-inqas 1 000 persuna, inklużi l-kawżi ta' dawk l-inċidenti u l-azzjonijiet korrettivi meħuda skont l-Artikolu 12.

Fejn possibbli, għall-preżentazzjoni ta' dawk is-settijiet ta' dejta għandhom jintużaw servizzi ta' dejta spazjali kif definiti fl-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 2007/2/KE .

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-Kummissjoni, l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u ċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard ikollhom aċċess għas-settijiet ta' dejta msemmija fil-paragrafu 1.

3. L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent għandha tippubblika deskrizzjoni ġenerali dwar l-Unjoni kollha abbażi tad-dejta miġbura mill-Istati Membri fuq bażi regolari, jew fuq talba tal-Kummissjoni.

Id-deskrizzjoni ġenerali dwar l-Unjoni kollha għandha tinkludi, skont kif xieraq, indikaturi għall-eżiti, għar-riżultati u għall-impatti ta' din id-Direttiva, mapep li joffru ħarsa ġenerali u li jkopru l-Unjoni kollha u rapporti ġenerali tal-Istati Membri.

4. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jispeċifikaw il-format tal-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta skont il-paragrafi 1 u 3, inklużi rekwiżiti dettaljati dwar l-indikaturi, il-mapep li joffru ħarsa ġenerali u li jkopru l-Unjoni kollha u r-rapporti ġenerali tal-Istati Membri msemmija fil-paragrafu 3, kif ukoll il-modalitajiet għall-preżentazzjoni ta' din l-informazzjoni.

L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 20(2).

Artikolu 16

Aċċess għall-ġustizzja

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li persuni fiżiċi jew ġuridiċi jew l-assoċjazzjonijiet, l-organizzazzjonijiet jew il-gruppi tagħhom, skont il-leġislazzjoni jew il-prattika nazzjonali, ikollhom aċċess għal proċedura ta' sħarriġ quddiem qorti tal-ġustizzja jew quddiem korp ieħor indipendenti u imparzjali stabbilit bil-liġi biex jikkontestaw il-legalità sostantiva jew proċedurali ta' deċiżjonijiet, atti jew omissjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tal-Artikoli 4, 5, 12, 13 u 14, meta tiġi ssodisfata waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(e) ikollhom interess suffiċjenti;

(f) isostnu li ġarrbu l-ksur ta' dritt, meta dan ikun meħtieġ bħala prekundizzjoni mil-liġi amministrattiva proċedurali ta' Stat Membru.

2. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu f'liema stadju jistgħu jiġu kkontestati d-deċiżjonijiet, l-atti jew l-ommissjonijiet.

3. Dak li jikkostitwixxi interess suffiċjenti u ksur ta' dritt għandu jiġi stabbilit mill-Istati Membri, b'mod konsistenti mal-oġettiv li jingħata aċċess wiesa' għall-ġustizzja lill-pubbliku kkonċernat.

Għal dak l-għan, l-interess ta' kwalunkwe organizzazzjoni mhux governattiva li tippromwovi l-ħarsien tal-ambjent u li tissodisfa r-rekwiżiti skont il-liġi nazzjonali għandu jitqies bħala suffiċjenti għall-finijiet tal-paragrafu 1(a).

Tali organizzazzjonijiet għandhom jitqiesu wkoll li għandhom drittijiet li jistgħu jinkisru għall-finijiet tal-paragrafu 1(b).

4. Il-paragrafi 1, 2 u 3 m'għandhomx jeskludu l-possibbiltà ta' proċedura ta' sħarriġ preliminari quddiem awtorità amministrattiva u lanqas ma għandhom jaffettwaw ir-rekwiżit tal-eżawriment tal-proċeduri ta' sħarriġ amministrattiv qabel isir użu minn proċeduri ta' sħarriġ ġudizzjarju, meta jkun jeżisti rekwiżit ta' dan it-tip skont il-liġi nazzjonali.

5. Kwalunkwe proċedura ta' sħarriġ ta' dan it-tip imsemmija fil-paragrafu 1 u fil-paragrafu 4 għandha tkun ġusta, retta, u f'waqtha, filwaqt li ma għandhiex tinvolvi tant spejjeż li ssir projbittiva.

6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-tagħrif dwar l-aċċess għall-proċeduri ta' sħarriġ amministrattiv u dwar il-proċeduri ta' sħarriġ gudiżżjarju jkun disponibbli għall-pubbliku.

Artikolu 17

Evalwazzjoni

1. Il-Kummissjoni, sa [12-il sena wara l-iskadenza għat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva], għandha twettaq evalwazzjoni ta' din id-Direttiva. L-evalwazzjoni għandha tkun ibbażata, *inter alia*, fuq l-elementi li ġejjin:
- (g) l-esperjenza miksuba bl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva;
 - (h) is-settijiet ta' dejta mingħand l-Istati Membri stabbiliti skont l-Artikolu 15(1) u d-deskrizzjonijiet ġenerali dwar l-Unjoni kollha kkompatiti mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent f'konformità mal-Artikolu 15(3);
 - (i) id-dejta xjentifika, analitika u epidemjoloġika rilevanti;
 - (j) ir-rakkomandazzjonijiet tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, fejn dawn ikunu disponibbli.
2. Fil-kuntest tal-evalwazzjoni, il-Kummissjoni għandha tagħti attenzjoni partikolari lill-prestazzjoni ta' din id-Direttiva b'rabta mal-aspetti li ġejjin:
- (k) l-approċċ ibbażat fuq ir-riskju stabbilit fl-Artikolu 7;
 - (l) id-dispożizzjonijiet relatati mal-aċċess għall-ilma stabbiliti fl-Artikolu 13;
 - (m) id-dispożizzjonijiet dwar l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta lill-pubbliku skont l-Artikolu 14 u l-Anness IV.

↓ 1998/83 (adattat)

Artikolu ~~18~~

Reviżjoni ~~u~~ emendar ~~tal~~-Annessi

1. 1. Tal-anqas kull ħames snin, il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-Anness I fid-dawl tal-progress xjentifiku u tekniku ~~u tipproponi emendi, fejn meħtieġa, skont il-proċedura stipulata fl-Artikolu 189c tat-Trattat.~~

↓ ġdid

Il-Kummissjoni, fuq il-bażi tal-valutazzjonijiet tal-periklu u l-valutazzjonijiet tar-riskju tad-distribuzzjoni domestika tal-Istati Membri inklużi fis-settijiet ta' dejta stabbiliti skont l-Artikolu 15, għandha tirrevedi l-Anness II u tivvaluta jekk hemmx bżonn li dan jiġi adattat jew li jiġu introdotti speċifikazzjonijiet ġodda ta' monitoraġġ għall-finijiet ta' dawk il-valutazzjonijiet tar-riskju.

↓ 596/2009 Artikolu 1 u l-Anness .2(2)

~~2. Tal-anqas kull ħames snin, il-Kummissjoni għandha temenda l-Annessi II u III biex tagħmel l-adattamenti meħtieġa għall-progress xjentifiku u tekniku.~~

~~Dawk il-miżuri, imfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 12(3).~~

↓ ġdid

2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 19 li jemenda l-Annessi I sa IV, fejn meħtieġ, li tadattahom għall-progress xjentifiku u tekniku jew li tispeċifika rekwiżiti ta' monitoraġġ għall-finijiet tal-valutazzjonijiet tal-periklu u l-valutazzjonijiet tar-riskju tad-distribuzzjoni domestika skont l-Artikolu 8(1)(d) u l-Artikolu 10(1)(b).

Artikolu 19

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 18(2) għandha tiġi mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].
3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 18(2) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.
4. Qabel ma' tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti innominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016.
5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 18(2) għandu jidhul fis-seħħ biss jekk l-ebda oġġezzjoni ma tkun ġiet espressa jew mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn li huma għarrfu lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

↓ 1882/2003 Artikolu 2 u l-Anness II.29 (adattat)(2)
⇒ ġdid

Artikolu ~~2012~~

☒ Proċedura tal-Kumitat ☒

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn Kumitat. ☒ Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011. ☒
2. Meta ssir referenza għal dan ~~l-Artikolu~~ il-paragrafu, ~~l-Artikoli 4 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE⁴⁴~~ għandhom ikunu applikabbli għandu japplika ⇒ l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 ⇐ ~~wara li jkunu meqjusa d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.~~
~~Il-perjodu ta' żmien stabbilit fl-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' tliet xhur.~~

↓ 596/2009 Artikolu 1 u l-Anness .2(2)

- ~~3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a(1) sa (4), u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.~~

↓ 1998/83

~~Artikolu 13~~

~~Tagħrif u rappurtaġġ~~

- ~~1. L-Istati Membri għandhom jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-konsumaturi ikollhom aċċess għal tagħrif adegwat u aġġornat fuq il-kwalità ta' l-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem.~~
- ~~2. Mingħajr preġudizzju għad-Direttiva tal-Kunsill 90/313/KEE tas-7 ta' Ġunju 1990 dwar il-libertà ta' l-aċċess għat tagħrif fuq l-ambjent⁴⁵, kull Stat Membru għadu jippubblika rapport kull tlett snin fuq il-kwalità ta' l-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem bil-ħsieb li jiġu mġarrfa l-konsumaturi. L-ewwel rapport għandu jkopri s-snin 2002, 2003 u 2004. Kull rapport għandu jinkludi, ta' l-aqas, il-provvisti ta' l-ilma individwali kollha li jipprovdu medja ta' aktar minn 1 000 m² kull jum jew iservu iktar minn 5 000 persuna u għandu jkopri 3 snin u għandu jiġi publikat fi żmien sena minn tmiem il-perjodu rapportat.~~
- ~~3. L-Istati Membri għandhom jibagħtu r-rapporti tagħhom lill-Kummissjoni fi żmien xahrejn mill-pubblikazzjoni tagħhom.~~

⁴⁴ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċitar tal-poteri ta' l-implementazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni (ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23).

⁴⁵ ĠU L 158, 23.6.1990, p. 56.

↓ 596/2009 Artikolu 1 u l-Anness .2(2)

~~4. Il formati u t tagħrif minimu li għandhom ikunu inklużi fir-rapporti kif stabbilit fil-paragrafu 2 għandhom jiġu determinati wara kunsiderazzjoni speċjali lill-miżuri msemmija fl-Artikolu 3(2), l-Artikolu 5(2) u (3), l-Artikolu 7(2), l-Artikolu 8, l-Artikolu 9(6) u (7) u l-Artikolu 15(1), u jekk ikun meħtieġ għandhom jiġu emendati f'konformità mal-proċedura tal-amministrazzjoni msemmija fl-Artikolu 12(2).~~

↓ 1998/83

~~5. Il-Kummissjoni għandha teżamina r-rapporti ta' l-Istati Membri u, kull tlett snin, tippubblika rapport fil-qosor fuq il-kwalità ta' l-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem fil-Komunità. Dan ir-rapport għandu jiġi publikat fi żmien disa' xhur minn meta l-Kummissjoni tiriċievi r-rapporti ta' l-Istati Membri.~~

↓ 596/2009 Artikolu 1 u l-Anness .2(2)

~~6. Flimkien mal-ewwel rapport fuq din id-Direttiva kif imsemmi fil-paragrafu 2 l-Istati Membri għandhom jipproduċu wkoll rapport li jrid jingħata lill-Kummissjoni dwar il-miżuri li jkunu hađu jew ippjanaw li jieħdu biex jissodisfaw l-obbligazzjonijiet tagħhom skont l-Artikolu 6(3) u n-nota 10 tal-Parti B tal-Anness I. Il-Kummissjoni għandha tissottometti, kif xieraq, proposta dwar il-format ta' dan ir-rapport f'konformità mal-proċedura tal-amministrazzjoni msemmija fl-Artikolu 12(2).~~

↓ 1998/83

~~Artikolu 14~~

~~Żmien għall-konformità~~

~~L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-kwalità ta' l-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem tkun konformi ma' din id-Direttiva fi żmien ħames snin mid-dħul fis-seħħ tiegħu, mingħajr preġudizzju għan-noti 2, 4 u 10 tal-Parti B ta' l-Anness I.~~

~~Artikolu 15~~

~~Ċirkostanzi eċċezzjonali~~

~~1. Stat Membru jista', f'ċirkostanzi eċċezzjonali u għal postijiet definiti ġeografikament, jissottomettu talba speċjali lill-Kummissjoni għal-perjodu itwal minn dak stipulat fl-Artikolu 14. Il-Perjodu miżjud m'għandux jaqbeż it-tlett snin, u lejn l-aħħar tagħhom għandha ssir revizzjoni u din tiġi mgħoddija lill-Kummissjoni. Skond din ir-revizzjoni, il-Kummissjoni tista' tippremetti perjodu ieħor miżjud ta' mhux iktar minn tlett snin. Din id-dispożizzjoni m'għandiex tapplika għall-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem offrut għall-bejgħ fi fliexken jew reċepjenti.~~

~~2. Talba bħal din, li r-raġunijiet għaliha għandhom ikunu mogħtija, għandha tiddikjara d-diffikultajiet esperjenzati u tinkludu mill-inqas it-tagħrif kollu speċifikat fl-Artikolu 9(3).~~

↓ 596/2009 Artikolu 1 u l-Anness .2(2)

~~3. Dik it talba għandha tkun eżaminata f'konformita' mal-proċedura tal-amministrazzjoni msemmija fl-Artikolu 12(2).~~

↓ 1998/83

~~4. Kwalunkwe Stat Membru li jirrikorri għal dan l-Artikolu għandu jiżgura li l-popolazzjoni affettwata minn talba bħal din tiġi mgħarrfa mill-ewwel u b'mod xieraq bir-riżultat ta' dak it talba. Barra minn hekk, l-Istat Membru għandu, fejn meħtieġ, jiżgura li jinagħta tagħrif xieraq lil-gruppi partikolari tal-popolazzjoni li għalihom din it talba tista' tippreżenta riskju partikolari.~~

↓ ġdid

Artikolu 21

Penali

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom, sa ... [sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dawk ir-regoli u dawk il-miżuri u għandhom jinnotifikawha dwar kwalunkwe emendi sussegwenti li jaffettwawhom.

↓ 1998/83 (adattat)

Artikolu ~~17~~ 22

Trasposizzjoni fil-liġi nazzjonali

1. L-Istati Membri għandhom jibdew ~~iħaddmu l-liġijiet~~ idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikunu konformi ~~ma'~~ mal- Artikolu 2, mal-Artikoli 5 sa 21 u mal-Annessi I sa IV sa ... [sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] ~~din id-Direttiva sa sentejn wara li din tidħol fis-seħħ.~~ Huma għandhom ~~jgħarrfu~~ jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk il-miżuri lill-Kummissjoni ~~b'dan mill-ewwel.~~

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, dawn għandu jkollhom ~~referenzi~~ referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'~~referenzi bħal dawn~~ b'referenza bħal din meta jiġu ~~pubblikazzjoni~~ ppubblikati uffiċjalment. Għandhom ukoll jinkludu dikjarazzjoni li fiha jingħad li referenzi għad-Direttivi mħassra minn din id-Direttiva fil-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi eżistenti għandhom jinftiehm bħal referenzi għal din id-Direttiva. ~~Il-metodi dwar kif isiru dawn~~

~~ir-riferenzi għandhom ikunu stabbiliti mill-Istati Membri~~ Huma l-Istati Membri ☒ li għandhom jiddeċiedu kif issir dik ir-referenza ☒ .

2. L-Istati Membri għandhom ~~jgħaddu~~ ☒ jikkomunikaw ☒ lill-Kummissjoni it-testi ☒ t-test ☒ tad-dispożizzjonijiet ~~fil-liġijiet~~ ☒ prinċipali tad-dritt ☒ nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu ~~16~~ 23

Tħassir

1. Id-Direttiva ~~80/778/KEE~~ ☒ 98/83/KE, kif emendata bl-istrumenti elenkati fil-Parti A tal-Anness V, ☒ ~~qiegħda hawn hekk titħassar~~ ☒ hija mħassra ☒ b'effett minn ☒ [il-jum wara d-data fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 22(1)] ☒ ~~ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva. Soġġett għall-paragrafu 2, dan it-tħassir ma għandux jaffettwa l-obligazzjonijiet~~ ☒ mingħajr preġudizzju għall-obbligi ☒ tal-Istati Membri ~~rigward iż-żmien~~ ☒ b'rabta mal-limiti taż-żmien ☒ għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali ~~u għall-applikazzjoni kif murija~~ ☒ tad-Direttivi stabbiliti ☒ ~~fil-Parti B fl-Anness IV tal-Anness V.~~

~~Kwalunkwe referenza Ir-Referenzi~~ għad-Direttiva mħassra ~~għandha tintfihem bħala referenza~~ ☒ għandhom jinftiehem bħala referenzi ☒ għal din id-Direttiva u ~~għandha tingara skont~~ ☒ għandhom jinqraw skont ☒ it-tabella ta' korrelazzjoni li hemm fl-Anness VI.

~~Hekk kif Stat Membru ikun beda jħaddem il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikun konformi ma' din id-Direttiva u ħa l-miżuri msemmija fl-Artikolu 4, din id-Direttiva, u mhux id-Direttiva 80/778/KEE, għandha tapplika għall-kwalità ta' l-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem f'dak l-Istat Membru.~~

↓ ġdid

2. Id-derogi mogħtija mill-Istati Membri skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva 98/83/KE li jkunu għandhom japplikaw sa [l-iskadenza għat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva] għandhom jibqgħu applikabbli sa tmiem id-durata tagħhom. Dawn ma jistax jiġġeddu aktar.

↓ 1998/83 (adattat)

Artikolu ~~18~~ 24

Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum ~~mill-pubblikazzjoni~~ mill-pubblikazzjoni wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* ☒ ~~tal-Unjoni Ewropea~~ ☒ .

Artikolu ~~25~~ 19

Lil Min hi Indirizzata

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew
Il-President*

*Għall-Kunsill
Il-President*